

Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

Ħarġa Speċjali *
27 ta' Diċembru 2006

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Werrej

I Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali** 1

I

(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1828/2006**tat-8 ta' Diċembru 2006**

li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni¹, u b'mod partikolari l-Artikoli 37(1), it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 44, 59(6), 60(b), 66(3), 67(2)(c), 69(1), 70(3), 71(5), 72(2), 74(2) u 76(4) u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 99(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-15 ta' Lulju 2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali², u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 7(2) u u t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jissostitwixxi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali³ u r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali⁴. Iż-żewġ Regolamenti jikkunsidraw żviluppi ġodda fil-kamp tal-Fondi Strutturali. Hu għalhekk xieraq li jiġu stabbiliti

¹ ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.

² ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1.

³ ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1. Regolament kif lemdat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 173/2005 (ĠU L 29, 2.2.2005, p. 3).

⁴ ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1.

- dispożizzjonijiet ġodda li jimplementaw ir-Regolamenti (KE) Nru 1080/2006 u (KE) Nru 1083/2006.
- (2) L-esperjenza wriet li ċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea mhumiex konxji b'mod suffiċjenti mir-rwol li għandha l-Komunità fil-finanzjament tal-programmi li huma mmirati biex jirrinforzaw il-kompetittività ekonomika, joħlqu l-impjiegi u jsaħħu l-koeżjoni interna. Għalhekk, huwa xieraq li jkun hemm dispożizzjoni għat-tħejjija ta' pjan ta' komunikazzjoni li jidentifika fid-dettall il-mużuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità meħtieġa biex titnaqqas id-differenza fil-komunikazzjoni u fl-informazzjoni. Għall-istess skop, huwa meħtieġ ukoll li jiġu identifikati r-responsabbiltajiet u r-rwoli li għandu jkollu kull attur involut.
 - (3) Sabiex jiġi ggarantit li l-informazzjoni dwar l-opportunitajiet possibbli ta' finanzjament disponibbli tinxtered b'mod wiesa' fost il-partijiet interessati kollha u minħabba t-trasparenza, għandu jiġi stabbilit il-kontenut minimu tal-miżuri ta' informazzjoni li huwa meħtieġ sabiex il-benefiċjarji potenzjali jiġu informati dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament offruti b'mod konġunt mill-Komunità u mill-Istati Membri permezz tal-Fondi, inkluż l-obbligu li jiġu ppubbliċizzati l-arranġamenti li benefiċjarju potenzjali għandu jsegwi sabiex iressaq applikazzjoni għal finanzjament kif ukoll il-kriterji ta' l-għażla li għandhom jintużaw.
 - (4) Sabiex titkabbar it-trasparenza rigward l-użu tal-Fondi, il-lista tal-benefiċjarji, l-ismijiet ta' l-operazzjonijiet u l-ammont ta' finanzjament pubbliku allokat għall-operazzjonijiet għandhom jiġu ppubblikati elettronikament jew b'mod ieħor.
 - (5) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni aħjar tal-miżuri ta' informazzjoni u sabiex jiġi skambju aħjar ta' l-informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar l-istrateġiji u r-riżultati ta' l-informazzjoni u tal-pubbliċità, għandhom jinħatru persuni ta' kuntatt li jkunu responsabbli għall-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, u għandhom jipparteċipaw fin-netwerks Komunitarji xierqa.
 - (6) Għall-fini ta' l-Artikoli 37 u 67 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli u kategoriji dettaljati sabiex jippermettu li l-Istati Membri jressqu quddiem il-Kummissjoni informazzjoni uniformi dwar l-użu pprogrammat tal-Fondi, kif ukoll informazzjoni dwar l-allokazzjoni kumulattiva tal-Fondi skond il-kategoriji tul kemm idum għaddej programm u sabiex tippermetti li l-Kummissjoni tinforma lill-Istituzzjonijiet oħra u liċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea b'mod xieraq dwar l-użu tal-Fondi, inkluża l-kisba tal-miri stabbiliti fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.
 - (7) Fir-rigward tal-Artikolu 60 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, u fid-dawl ta' l-esperjenza, huwa meħtieġ li jiġu identifikati, b'mod partikolari, l-obbligi li l-awtoritajiet ta' ġestjoni għandu jkollhom rigward il-benefiċjarji fil-fażi li twassal għall-għażla u għall-approvazzjoni ta' l-operazzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati; rigward l-aspetti li għandhom ikopru l-verifiki tan-nefqa ddikjarat mill-benefiċjarju, inklużi l-verifiki amministrattivi ta' l-applikazzjonijiet għar-rimborż u l-verifiki fil-post ta' operazzjonijiet individwali; u rigward il-kondizzjonijiet li jridu jiġu osservati meta jsiru verifiki fil-post fuq bażi ta' kampjun.
 - (8) Huwa meħtieġ ukoll li tiġi stabbilita fid-dettall l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-rekords tal-kontabbiltà ta' l-operazzjonijiet, u l-informazzjoni li għandha tinżamm

- bħala *data* dwar l-implimentazzjoni li l-awtoritajiet ta' ġestjoni għandhom jirreġistraw, iżommu u jibagħtu lill-Kummissjoni meta jintalbu jagħmlu dan.
- (9) Sabiex jiġi żgurat li n-nefqa taħt il-programmi operattivi tista' tiġi vverifikata b'mod xieraq, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-kriterji li magħhom għandu jkun konformi r-rekord tat-tranżazzjonijiet sabiex jitqies li huwa adegwat.
 - (10) Il-verifika ta' l-operazzjonijiet issir taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità ta' verifika. Sabiex jiġi żgurat li l-ambitu u l-effikaċja ta' dawn il-verifiki jkunu adegwati u li dawn isiru skond l-istess standards fl-Istati Membri kollha, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet li daww il-verifiki għandhom jissodisfaw.
 - (11) L-esperjenza wriet li huwa meħtieġ li tiġi stabbilita fid-dettall il-bażi għat-teħid ta' kampjuni ta' l-operazzjonijiet li għandhom jiġu vverifikati, li l-awtorità ta' verifika għandha tosserva fl-istabbiliment jew fl-approvazzjoni tal-metodu ta' teħid ta' kampjuni, inklużi ċerti kriterji tekniċi li għandhom jintużaw għall-kampjun statistiku każwali u l-fatturi li għandhom jitqiesu għal kampjun komplementari.
 - (12) Sabiex jiġu ssemplifikati u armonizzati l-istandards għat-tħejjija u għall-preżentazzjoni ta' l-istrateġija ta' verifika, tar-rapport annwali ta' kontroll u tad-dikjarazzjonijiet ta' għeluq li għalihom l-awtorità ta' verifika hija responsabbli taħt l-Artikolu 62 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, huwa meħtieġ li jkun hemm dispożizzjoni dettaljata dwar il-kontenut tagħhom u li iġu speċifikati n-natura u l-kwalità ta' l-informazzjoni li fuqha jistrieħu.
 - (13) Sabiex tiġi żgurata l-aktar applikazzjoni effettiva ta' l-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 rigward id-disponibilità tad-dokumenti u d-drittijiet tal-Qorti ta' l-Awdituri u tal-Kummissjoni biex ikollhom aċċess għad-dokumenti ta' appoġġ kollha rigward in-nefqa u l-verifiki, l-awtoritajiet ta' ġestjoni għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar l-identità u l-post tal-korpi li jżommu d-dokumenti ta' appoġġ tkun disponibbli mill-ewwel u li daww id-dokumenti għandhom ikunu fornuti mill-ewwel lil lista minima ta' persuni u ta' korpi. Għall-istess skop, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit liema *data carriers* jistgħu jitqiesu bħala komunement aċċettati sabiex jinżammu dokumenti ta' din ix-xorta. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jistabbilixxu l-proċeduri meħtieġa biex jiżguraw li d-dokumenti jinżammu f'konformità ma' l-orġinali, meta dan ikun rilevanti, u jkunu affidabbli għal skopijiet ta' verifika.
 - (14) Sabiex jiġu armonizzati l-istandards għaċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa u għat-tħejjija ta' l-applikazzjonijiet għall-ħlasijiet, għandu jiġi stabbilit il-kontenut ta' ċertifikati u applikazzjonijiet ta' din ix-xorta, u għandhom jiġu speċifikati n-natura u l-kwalità ta' l-informazzjoni li fuqha jistrieħu. Għandu jkun hemm proċeduri dettaljati skond l-Artikolu 61(f) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għaż-żamma ta' kontijiet għal somom li jridu jinġabru u somom maħruġa wara l-kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni sħiħa jew parzjali għal operazzjoniu biex il-Kummissjoni tiġi informata b'dan.
 - (15) Skond l-Artikolu 71 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, l-Istati Membri, qabel ma titressaq l-ewwel applikazzjoni *interim* għall-ħlas jew mill-inqas fi żmien tnax-il xahar mill-approvazzjoni ta' kull programm operattiv, għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni deskrizzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll, rapport li jistabbilixxi r-riżultati tal-valutazzjoni tas-sistemi stabbiliti, u opinjoni dwar il-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament rigward is-sistemi ta' ġestjoni u ta'

- kontroll. Peress li dawk id-dokumenti huma wħud mill-elementi prinċipali li fuqhom tistrieħ il-Kummissjoni, fil-kuntest tal-ġestjoni maqsuma tal-baġit Komunitarju, biex tkun żgura li l-għajnuna finanzjarja tiġi użata mill-Istat Membri skond ir-regoli u l-prinċipji applikabbli li huma meħtieġa biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Komunità; huwa meħtieġ li tiġi stabbilita fid-dettall l-informazzjoni li għandhom jinkludu dokumenti ta' din ix-xorta u l-bażi għall-valutazzjoni u għall-opinjoni.
- (16) Il-programmi operattivi ffinanzjati taħt l-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jiġu ppreżentati minn żewġ Stati Membri jew aktar u għandhom karatteristiċi speċifiċi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1080/2006. Għalhekk huwa xieraq li tiġi stabbilita l-informazzjoni speċifika li għandha tkun inkluża fid-deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll għal dawn il-programmi.
- (17) L-Artikolu 74 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jipprevedi *inter alia* għall-programmi operattivi li għalihom in-nefqa pubblika totali eliġibbli ma taqbiżx EUR 750 miljun u li għalihom il-livell ta' kofinanzjament Komunitarju ma jaqbiżx l-40% tan-nefqa pubblika totali, Stat Membru jista' jagħżel li jistrieħ aktar fuq korpi u regoli nazzjonali biex iwettaq ċerti funzjonijiet li huma relatati mar-rekwiżiti tal-kontroll u tal-verifika. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi stabbilit liema verifiki, liema verifiki ta' l-operazzjonijiet u liema obbligi jistgħu jitwettqu u jiġu esegwiti skond ir-regoli nazzjonali u mill-korpi nazzjonali.
- (18) Bħala parti mill-obbligazzjonijiet ta' ġestjoni u kontroll, l-Istati Membri huma mitluba jirrappurtaw u jimmonitorjaw l-irregolaritajiet. Regoli dettaljati biex jiġi mplementat dak ir-rekwiżit, kienu mniżżla fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1681/94 tal-11 ta' Lulju 1994 dwar irregolaritajiet u l-ħlas lura ta' ammonti mħallsa ħażin f'konnessjoni mal-finanzjament tal-politika strutturali u l-organizzazzjoni ta' sistema ta' informazzjoni f'dan il-qasam⁵, u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1831/94 tas-26 ta' Lulju 1994 dwar irregolaritajiet u l-irkupru ta' flus imħallsa ħażin f'konnessjoni ma' l-iffinanzjar tal-Fond ta' Koeżjoni u l-organizzazzjoni ta' kull sistema ta' informazzjoni f'dan il-qasam⁶. Huwa xieraq għal raġunijiet ta' ċarezza u sempliċità, li dawk ir-regoli jiġi nkorporati f'dan ir-regolament.
- (19) Għandha ssir dispożizzjoni biex il-Kummissjoni tirrimborża l-ispejjeż guddizarji meta titlob lil Stat Membru biex jibda jew ikompli proċedimenti legali bil-ħsieb li jiġu rkuprati somom imħallsa iżda li mhumiex dovuti minħabba irregolarità, u biex dan jiġi fornut flimkien ma' l-informazzjoni li tippermettilha tiddeċiedi dwar it-tqassim tat-telf mill-ammonti mhux rekuperabbli taħt l-Artikolu 70(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006. Kuntatt regolari bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandu jinżamm dwar is-suġġett ta' l-irregolaritajiet, għall-użu ta' l-informazzjoni fornuta biex isiru analiżijiet tar-riskju u sabiex jiġu kkompilati r-rapporti, u biex tkun provduta informazzjoni lill-kumitati rilevanti.
- (20) Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv impost mis-sistema ta' rappurtaġġ waqt li jiġi salvagwardjat il-livell ta' informazzjoni meħtieġ, l-Istati Membri, mingħajr preġudizzju għall-obbligi heġġin direttament minn Artikolu 61(f) tar-Regolament (KE)

⁵ ĠU L 178, 12.7.1994, p. 43. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2035/2005 (ĠU L 328, 15.12.2005, p. 8).

⁶ ĠU L 191, 27.7.1994, p. 9. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2168/2005 (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 15).

- Nru 1083/2006, m'għandhomx ikunu obbligati li jirrappurtaw l-irregolaritajiet li jinvolvu ammonti taħt ċertu livell sakemm il-Kummissjoni ma titlobx hekk espliċitament.
- (21) Fid-dawl tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data*⁷ u mir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' l-individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-*data*⁸. Huwa meħtieġ li, fil-kuntest tal-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità u tax-xogħol ta' verifika taħt dan ir-Regolament, jiġi provdut li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jipprevjenu kwalunkwe żvelar mhux awtorizzat ta' jew aċċess għal *data* personali, u l-iskop li għalih il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jipproċessaw *data* ta' din ix-xorta.
- (22) Għall-raġunijiet ta' ċertezza legali u ta' trattament indaqs ta' l-Istati Membri kollha, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita r-rata li tapplika għall-korrezzjoni finanzjarja li l-Kummissjoni tista' tagħmel meta Stat Membru ma jkunx konformi ma' l-obbligu tiegħu li matul il-perjodu ta' programmazzjoni fir-reġjuni kollha kkonċernati jżomm livell mira miftiehem ta' nefqa strutturali pubblika jew ekwivalenti. Għar-raġunijiet ta' semplifikazzjoni u ta' proporzjonalità, m'għandha tiġi applikata l-ebda korrezzjoni finanzjarja jekk id-differenza bejn il-livell mira miftiehem u l-livell miksub ikun daqs jew inqas minn 3% tal-livell mira miftiehem (il-livell *de minimis*); għall-istess raġunijiet, meta d-differenza bejn iż-żewġ livelli tkun ogħla minn 3% tal-livell mira miftiehem, ir-rata għandha tiġi kkalkulata billi jitnaqqas dak il-livell *de minimis*.
- (23) L-użu ta' mezzi elettroniċi għall-iskambju ta' l-informazzjoni u tad-*data* finanzjarja jwassal għal semplifikazzjoni, għal żjeda fl-effiċjenza u fit-trasparenza u għal iffrankar tal-ħin. Biex jiġu esplotjati b'mod sħiħ dawn il-vantaġġi, waqt li tiġi ppreservata s-sikurezza ta' l-iskambji, għandha tiġi stabbilita sistema komuni tal-kompjuter, kif ukoll lista tad-dokumenti ta' interess komuni għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri. Hu għalhekk meħtieġ li jiġi speċifikat il-format li kull dokumenti għandu jkollu, u deskrizzjoni dettaljata ta' l-informazzjoni li dokumenti ta' din ix-xorta għandhom jinkludu. Għall-istess raġunijiet, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat kif għandha taħdem sistema kompjuuterizzata ta' din ix-xorta rigward l-identifikazzjoni tal-parti responsabbli biex jittellgħu d-dokumenti u kwalunkwe aġġornament tagħhom.
- (24) Fil-qafas tad-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar kwadru tal-Komunità għall-firem elettronici⁹, filwaqt li jitqiesu l-livell ta' sikurezza u ta' kunfidenzjalità meħtieġa għall-ġestjoni finanzjarja ta' l-użu tal-Fondi, ta' l-aħħar żviluppi u analiżi ta' spejjeż u ta' benefiċċji, huwa meħtieġ li jinħtieġ l-użu ta' firma elektronika.
- (25) Biex jiġi żgurat l-iżvilupp u l-funzjonament mgħaġġel u xieraq tas-sistema komuni tal-kompjuter, l-ispiża ta' l-iżvilupp tagħha għandha tiġi ffinanzjata mill-baġit tal-Komunitajiet Ewropej taħt l-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, u li l-

⁷ ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31. Direttiva kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

⁸ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

⁹ ĠU L 13, 19.1.2000, p. 12.

- ispejjeż ta' l-*interface* mas-sistemi tal-kompjuter nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom ikunu eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fondi taħt l-Artikolu 46 ta' l-istess Regolament.
- (26) Waqt li jsir bini fuq l-esperjenza tal-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti fid-dettall il-kundizzjonijiet li għandhom jissodisfaw l-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja sabiex jiġu ffinanzjati taħt programm operattiv, filwaqt li huwa ċar li kontribuzzjonijiet għal strumenti ta' inġinerija finanzjarja mill-programm operattiv u sorsi pubbliċi oħra, kif ukoll investimenti magħmula minn strumenti ta' inġinerija finanzjarja f'impriżi ndividwali, huma soġġetti għar-regoli dwar l-għajjnuna ta' l-Istat u jinkludu l-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajjnuna ta' l-Istat biex iħeġġu l-investimenti ta' kapitali ta' riskju f'impriżi żgħar u ta' daqs medju¹⁰.
- (27) Huwa meħtieġ li tiġi adottata l-lista tal-kriterji biex ikunu identifikati l-oqsma fejn in-nefqa fuq l-akkomodazzjoni tista' tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali fl-Artikolu 7(2) tar-regolament (KE) Nru 1080/2006 u l-lista ta' l-interventi eliġibbli. Meta titqies id-diversità tas-sitwazzjonijiet li jipprevalu fl-Istati Membri kkonċernati, huwa xieraq li tiġi stabbilita lista tal-kriterji biex jiġu identifikati l-oqsma li qed jesperjenzaw jew li huma mhedda minn deterjorament fiżiku u esklużjoni soċjali u fejn l-investment fl-akkomodazzjoni jista' jkun eliġibbli għal ko-finanzjament. Huwa wkoll xieraq li jiġi stabbilit li għall-akkomodazzjoni għal aktar minn familja waħda jew għal akkommodazzjoni maħsuba għal familji bi dħul baxx jew għal persuni bi bżonnijiet speċjali, l-interventi eliġibbli għall-ko-finanzjament għandhom ikunu dawk bl-għan li jirrinovaw il-partijiet komuni ta' bini residenzjali għal aktar minn familja waħda jew li jipprovdu akkommodazzjoni soċjali moderna ta' kwalità tajba, permezz ta' investment fir-rinnovament u fil-bidla ta' l-użu ta' bini eżistenti li jkun il-proprietà ta' awtoritajiet pubbliċi jew ta' operaturi li joperaw mingħajr skop ta' profit.
- (28) L-Artikolu 56(4) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jipprovdi li r-regoli dwar l-eliġibilità tan-nefqa għandhom jiġu stabbiliti fuq livell nazzjonali, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet provduti fir-regolamenti speċifiċi għal kull Fond. Rigward l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 għandhom jiġu stabbiliti regoli komuni għall-eliġibilità tan-nefqa li tapplika għall-programmi operattivi taħt l-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-regoli li japplikaw għall-proġetti implimentati fi Stati Membri differenti. Waqt li jsir bini fuq l-esperjenza bi programmi simili fil-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli komuni għall-kategoriji ta' nefqa li wisq probabbli r-regoli nazzjonali għalihom jkunu differenti. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u fuq l-awtoritajiet tal-programmi, f'ċerti kundizzjonijiet għandhom ikunu eliġibbli rati fissi għall-ispejjeż ġenerali.
- (29) Ir-Regolamenti (KE) Nru 1681/94 u (KE) Nru 1831/94 kif ukoll Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1159/2000 tat-30 ta' Mejju 2000 dwar miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam ma' għajjnuna mill-Fondi Strutturali¹¹, Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1685/2000 tat-28 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 f'dak li

¹⁰ ĠU C 194, 18.8.2006, p. 2.

¹¹ ĠU L 130, 31.5.2000, p. 30.

għandu x'jaqsam ma' l-eliġibbiltà ta' l-infiq ta' operazzjonijiet kofinanzjati mill-Fondi Strutturali¹², Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 438/2001 tat-2 ta' Marzu 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għal għajjnuna mogħtija taħt il-Fondi Strutturali¹³, Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 448/2001 tat-2 ta' Marzu 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 dwar il-proċedura sabiex isiru korrezzjonijiet finanzjarji għal għajjnuna mogħtija taħt il-Fondi Strutturali¹⁴, Ir-regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1386/2002 tad-29 ta' Lulju 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għall-għajjnuna mogħtija taħt il-Fondi ta' Koeżjoni u l-proċedura sabiex isiru korrezzjonijiet finanzjarji¹⁵, Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 16/2003 tas-6 ta' Jannar 2003 li jippreskrivi regoli speċjali dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 fir-rigward ta' l-eliġibbiltà ta' l-ispiża fil-kuntest tal-miżuri parzjalment iffinanzjati mill-Fond ta' Koeżjoni¹⁶, Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 621/2004 ta' 1-1 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 dwar miżuri ta' informazzjoni u pubbliċità li jikkonċernaw l-attivitajiet tal-Fond ta' Koeżjoni¹⁷ għandhom jiġu mħassra.

- (30) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni tal-Fondi,

¹² ĠU L 193, 29.7.2000, p. 39. Regolament kif lemdat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 448/2004 (ĠU L 72, 11.3.2004, p. 66).

¹³ ĠU L 63, 3.3.2001, p. 21. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2355/2002 (ĠU L 351, 28.12.2002, p. 42).

¹⁴ ĠU L 64, 6.3.2001, p. 13.

¹⁵ ĠU L 201, 31.7.2002, p. 5.

¹⁶ ĠU L 2, 7.1.2003, p. 7.

¹⁷ ĠU L 98, 2.4.2004, p. 22.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

WERREJ

Erreur ! Aucune entrée de table des matières n'a été trouvée.

KAPITOLU I INTRODUZZJONI

Artikolu 1 *Suġġett*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 rigward li ġej:

- (a) l-informazzjoni u l-pubbliċità;
- (b) l-informazzjoni dwar l-użu tal-Fondi;
- (c) is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll;
- (d) l-irregolaritajiet;
- (e) id-*data* personali;
- (f) il-korrezzjonijiet finanzjarji għan-nuqqas ta' rispett ta' l-addizzjonalità;
- (g) l-iskambju elettroniku tad-*data*;
- (h) l-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja;
- (i) l-eliġibilità ta' l-akkomodazzjoni;
- (j) l-eliġibilità tal-programmi operattivi għall-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea kif imsemmija fl-Artikolu 3(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

KAPITOLU II
DISPOŻIZZJONIJIET LI JIMPLIMENTAW IR-REGOLAMENT (KE)
NRU 1083/2006

Taqsim 1
L-informazzjoni u l-pubbliċità

Artikolu 2

It-tnejn tal-pjan ta' komunikazzjoni

1. Għandu jitfassal pian ta' komunikazzjoni, kif ukoll kwalunkwe emenda maġġuri għalih, mill-awtorità ta' ġestjoni għall-programm operattiv li għalih tkun responsabbli jew mill-Istat Membru sabiex ikunu koperti diversi programmi operattivi jew il-programmi operattivi kollha li huma ko-finanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF), mill-Fond Soċjali Ewropew (ESF) jew mill-Fond ta' Koeżjoni.
2. Il-pjan ta' komunikazzjoni għandu jinkludi mill-inqas dawn li ġejjin:
 - (a) l-għanijiet u l-gruppi mmirati;
 - (b) l-istrateġija u l-kontenut tal-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità li għandhom jittieħdu mill-Istat Membru jew mill-awtorità ta' ġestjoni, immirati lejn benefiċjarji potenzjali, lejn il-benefiċjarji u l-pubbliku, filwaqt li jitqies il-valur miżjud ta' l-għajnuna Komunitarja fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali;
 - (c) il-baġit indikattiv għall-implimentazzjoni tal-pjan;
 - (d) id-dipartimenti jew il-korpi amministrattivi responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità;
 - (e) indikazzjoni ta' kif il-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità għandhom jiġu evalwati f'termini ta' viżibilità u ta' kuxjenza mill-programmi operattivi u mir-rwol li għandha l-Komunità.

Artikolu 3

L-eżami tal-kompatibilità tal-pjan ta' komunikazzjoni

L-Istat Membru jew l-awtorità ta' ġestjoni għandu jressaq il-pjan ta' komunikazzjoni quddiem il-Kummissjoni fi ħdan erba' xhur mid-*data* ta' l-adozzjoni tal-programm operattiv jew, fejn il-pjan ta' komunikazzjoni jkopri żewġ programmi operattivi jew aktar, mid-*data* ta' l-adozzjoni ta' l-aħħar wieħed minn dawn il-programmi operattivi.

Fl-assenza ta' osservazzjonijiet maġġmola mill-Kummissjoni fi ħdan xahrejn minn mindu tkun irċeviet il-pjan ta' komunikazzjoni, il-pjan għandu jitqies bħala li jikkonforma ma' l-Artikolu 2 (2).

Jekk il-Kummissjoni tibgħat l-osservazzjonijiet fi ħdan xahrejn minn mindu tkun irċeviet il-pjan ta' komunikazzjoni, l-Istat Membru jew l-awtorità ta' ġestjoni fi ħdan xahrejn għandu jibgħat lill-Kummissjoni pjan ta' komunikazzjoni rivedut.

Fl-assenza ta' aktar osservazzjonijiet min-naħa tal-Kummissjoni fi ħdan xahrejn mis-sottomissjoni ta' pjan ta' komunikazzjoni rivedut, għandu jitqies li l-pjan ta' komunikazzjoni jista' jiġi implimentat.

L-Istat Membru jew l-awtorità ta' ġestjoni għandu jagħti bidu għall-attivitajiet ta' informazzjoni u ta' pubbliċità previsti fl-Artikoli 5, 6 u 7, fejn ikun rilevanti, anki fl-assenza tal-verżjoni finali tal-pjan ta' komunikazzjoni.

Artikolu 4

L-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjan ta' komunikazzjoni

1. Għal kull programm operattiv, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tinforma lill-kumitat ta' monitoraġġ b'dawn li ġejjin:
 - (a) il-pjan ta' komunikazzjoni u l-progress fl-implimentazzjoni tiegħu;
 - (b) il-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità li jkunu twettqu;
 - (c) il-mezzi ta' komunikazzjoni użati.

L-awtorità ta' ġestjoni għandha tipprovdi lill-kumitat ta' monitoraġġ b'eżempji ta' miżuri ta' din ix-xorta.

2. Ir-rapporti annwali u r-rapporti finali dwar l-implimentazzjoni ta' programm operattiv, li jissemmew fl-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, għandhom jinkludu:
 - (a) eżempji ta' miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità għall-programm operattiv li jkunu twettqu fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' komunikazzjoni;
 - (b) l-arranġamenti għall-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità li jissemmew fl-Artikolu 7(d) inkluż, fejn japplika, l-indirizz elettroniku fejn tista' tinstab *data* ta' din ix-xorta;
 - (c) il-kontenut ta' l-emendi magħguri għall-pjan ta' komunikazzjoni.

Ir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni għas-sena 2010 u r-rapport finali dwar l-implimentazzjoni għandhom jinkludu kapitolu li jivvaluta r-riżultati tal-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità f'termini ta' viżibilità u ta' kuxjenza mill-programmi operattivi u mir-rwol li għandha l-Komunità, kif provdut fil-punt (e) ta' l-Artikolu 2(2).

3. Il-mezzi użati għall-implimentazzjoni, għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-pjan ta' komunikazzjoni għandhom ikunu proporzjonati għall-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità li ġew identifikati fil-pjan ta' komunikazzjoni.

*Artikolu 5**Il-miżuri ta' informazzjoni għall-benefiċjarji potenzjali*

1. Skond il-pjan ta' komunikazzjoni, l-awtorità ta' ġestjoni għandha, tiżgura ruħha li l-programm operattiv jinxtered b'mod wiesa', b'dettalji tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fondi kkonċernati, u li jkun disponibbli għall-partijiet interessati kollha.

Barra minn hekk, għandha tiżgura ruħha li l-informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament offruti permezz ta' għajjnuna konġunta mill-Komunità u mill-Istat Membru tul il-programm operattiv tinxtered b'mod kemm jista' jkun wiesa'.

2. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tipprovdi lill-benefiċjarji potenzjali b'informazzjoni ċara u dettaljata dwar mill-inqas dawn li ġejjin:
 - (a) il-kondizzjonijiet ta' eliġibiltà li jridu jiġu sodisfatti biex jikkwalifikaw għall-finanzjament taħt programm operattiv;
 - (b) deskrizzjoni tal-proċeduri sabiex jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet għall-finanzjament u tal-perjodi ta' żmien involuti;
 - (c) il-kriterji biex jintgħażlu l-operazzjonijiet li se jiġu ffinanzjati;
 - (d) il-kuntatti fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar il-programmi operattivi.

Barra minn hekk, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tinforma lill-benefiċjarji potenzjali bil-pubblikazzjoni provduta fl-Artikolu 7(d).

3. Skond il-liġijiet u l-prattiki nazzjonali, fil-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tinvolvi mill-inqas wieħed mill-korpi li ġejjin li jistgħu jxerrdu b'mod wiesa' l-informazzjoni li ġiet elenkata fil-paragrafu 2:
 - (a) l-awtortajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u l-aġenziji ta' l-iżvilupp;
 - (b) l-assoċjazzjonijiet tal-kummerċ u dawk professjonali;
 - (c) l-imsieħba ekonomiċi u soċjali;
 - (d) l-organizzazzjonijiet mhux governattivi;
 - (e) l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lin-negozji;
 - (f) iċ-ċentri ta' informazzjoni dwar l-Ewropa u r-rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri;
 - (g) l-istituzzjonijiet edukattivi.

*Artikolu 6**Il-miżuri ta' informazzjoni għall-benefiċjarji*

L-awtorità ta' ġestjoni għandha tinforma lill-benefiċjarji li l-aċċettazzjoni tal-finanzjament hija wkoll aċċettazzjoni ta' l-inklużjoni tagħhom fil-lista tal-benefiċjarji li ġiet ippubblikata skond l-Artikolu 7(d).

*Artikolu 7**Ir-responsabbiltajiet ta' l-awtorità ta' ġestjoni li jirrelataw mal-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità għall-pubbliku*

L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura ruħha li l-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità jiġu implimentati skond il-pjan ta' komunikazzjoni li jimmira lejn l-aktar kopertura wiesgħa possibbli tal-medja billi jintużaw forom u metodi ta' komunikazzjoni varji fuq il-livell territorjali xieraq. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tkun responsabbli mill-organizzazzjoni ta' mill-inqas il-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità li ġejjin:

- (a) attività ta' informazzjoni maġġuri li tippubbliċizza t-tnedija ta' programm operattiv, anki fl-assenza tal-verżjoni finali tal-pjan ta' komunikazzjoni;
- (b) mill-inqas attività ta' informazzjoni maġġuri waħda fis-sena, kif ġie stabbilit fil-pjan ta' komunikazzjoni, li tippreżenta l-kisbiet tal-programm(i) operattiv(i) inklużi, fejn ikun rilevanti, il-proġetti maġġuri;
- (c) li tittajjar il-bandiera Ewropea matul ġimgħa li tibda mid-9 ta' Mejju, quddiem l-uffiċċji ta' kull awtorità ta' ġestjoni;
- (d) il-pubblikazzjoni, b'mod elettroniku jew b'mod ieħor, tal-lista tal-benefiċjarji, ta' l-ismijiet ta' l-operazzjonijiet u ta' l-ammont ta' finanzjament pubbliku allokat għall-operazzjonijiet.

Il-parteċipanti f'operazzjoni tal-ESF m'għandhomx jissemmew b'isimhom.

*Artikolu 8**Ir-responsabbiltajiet tal-benefiċjarji li huma relatati mal-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità għall-pubbliku*

1. Il-benefiċjarju għandu jkun responsabbli milli jinforma lill-pubbliku dwar l-għajjnuna miksuba mill-Fondi permezz tal-miżuri stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 4.
2. Il-benefiċjarju għandu jpoġġi plakka ta' spjegazzjoni permanenti li tkun viżibbli u ta' daqs sinifikanti mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta tkun ikkompletata operazzjoni, li tissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) il-kontribuzzjoni pubblika totali għall-operazzjoni teċċedi l-EUR 500 000;
 - (b) l-operazzjoni tikkonsisti fix-xiri ta' oġġett fiżiku, jew fil-finanzjament ta' infrastruttura jew ta' operazzjonijiet ta' kostruzzjoni.

Il-plakka għandha tiddikjara t-tip u l-isem ta' l-operazzjoni, minbarra l-informazzjoni li tisemma fl-Artikolu 9. Din l-informazzjoni għandha tiegħu mill-inqas 25% tal-plakka.

3. Matul l-implimentazzjoni ta' l-operazzjoni, il-benefiċjarju għandu jwarrha kartellun fis-sit ta' kull operazzjoni li jissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-kontribuzzjoni pubblika totali għall-operazzjoni teċċedi l-EUR 500 000;
- (b) l-operazzjoni tikkonsisti fil-finanzjament ta' infrastruttura jew ta' operazzjonijiet ta' kostruzzjoni.

L-informazzjoni li tisemma fl-Artikolu 9 għandha tiegħu mill-inqas 25% tal-kartellun.

Meta l-operazzjoni tkun ikkompletata, il-kartellun għandu jiġi sostitwit mill-plakka ta' spjegazzjoni permanenti li tisemma fil-paragrafu 2.

4. Fejn operazzjoni tirċievi finanzjament taħt programm operattiv ko-finanzjat mill-ESF u, f'każijiet xierqa, fejn operazzjoni tirċievi finanzjament taħt l-ERDF jew il-Fond ta' Koeżjoni, il-benefiċjarju għandu jiżgura ruħu li dawg li jieħdu sehem fl-operazzjoni ġew informati b'dak il-finanzjament.

Il-benefiċjarju għadu jipprovdi avviż ċar li jgħid l-operazzjoni li qed tiġi implimentata ntgħażlet taħt programm operattiv ko-finanzjat mill-ESF, mill-ERDF jew mill-Fond ta' Koeżjoni.

Kwalunkwe dokument, inkluż kwalunkwe ċertifikat ta' attendenza jew ċertifikat ieħor, li jikkonċerna operazzjoni ta' din ix-xorta għandu jinkludi dikjarazzjoni li tgħid li l-programm operattiv kien ko-finanzjat mill-ESF jew, fejn ikun xieraq, mill-ERDF jew mill-Fond ta' Koeżjoni.

Artikolu 9

Il-karatteristiċi tekniċi tal-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità għall-operazzjoni

Il-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità kollha mmirati lejn il-benefiċjarji, il-benefiċjarji potenzjali u l-pubbliku għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

- (a) l-emblema ta' l-Unjoni Ewropea, skond l-istandards grafiċi li ġew stabbiliti fl-Anness I, u referenza għall-Unjoni Ewropea;
- (b) referenza għall-Fond ikkonċernat:
 - (i) għall-ERDF: "Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali";
 - (ii) għall-Fond ta' Koeżjoni: "Il-Fond ta' Koeżjoni";
 - (iii) għall-ESF: "Il-Fond Soċjali Ewropew";
- (c) dikjarazzjoni magħżula mill-awtorità ta' ġestjoni, li tenfasizza l-valur miżjud ta' l-intervent tal-Komunità, u preferibbilment: "L-investment fil-futur tiegħek".

Għal oġġetti promozzjonali żgħar, il-punti (b) u (c) m'għandhomx japplikaw.

Artikolu 10

In-netwerk u l-iskambju ta' l-esperjenzi

1. Kull awtorità ta' ġestjoni għandha taħtar il-persuni ta' kuntatt biex ikunu responsabbli għall-informazzjoni u għall-pubbliċità u għandha tinforma lill-Kummissjoni b'dan. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jaħtru persuna ta' kuntatt waħda għall-programmi operattivi kollha.
2. In-netwerks Komunitarji li jinkludu lill-persuni maħtura taħt il-paragrafu 1 jistgħu jiġu stabbiliti biex ikunu żgurati skambji ta' prattika tajba, inklużi r-riżultati ta' l-implimentazzjoni tal-pjan ta' komunikazzjoni, kif ukoll skambji ta' esperjenza sabiex fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità taħt din it-Taqsima.
3. L-iskambji ta' esperjenza fil-qasam ta' l-informazzjoni u tal-pubbliċità jistgħu jkunu appoġġjati permezz ta' l-ġhajjnuna teknika taħt l-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

Taqsim 2

L-informazzjoni dwar l-użu tal-Fondi.

Artikolu 11

L-analiżi statistika indikattiva ta' l-użu tal-Fondi

1. L-Istati Membri għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni l-analiżi statistika indikattiva skond il-kategorija ta' l-użu pprogrammat tal-Fondi, fuq il-livell ta' programm operattiv li jissemma fil-punt (d) ta' l-Artikolu 37 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u fl-Artikolu 12 (5) tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006, skond il-partijiet A u B ta' l-Anness II ta' dan ir-Regolament.
2. Ir-rapporti annwali u finali dwar l-implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għandhom jinkludu informazzjoni aġġornata, fuq livell ta' programm operattiv, dwar l-allokazzjoni kumulattiva tal-Fondi skond il-kategoriji, mill-bidu tal-programm operattiv sa l-operazzjonijiet magħżula taħt il-programm operazzjonali, li ġew ippreżentati għal kull kombinazzjoni ta' kodiċijiet, skond il-partijiet A u C ta' l-Anness II ta' dan ir-Regolament.
3. Id-*data* provduta mill-Istati Membri taħt il-paragrafi 1 u 2 għandha tintuża mill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni biss.

Taqsim 3

Is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll.

Artikolu 12

Il-korpi intermedji

Fejn wieħed mill-kompiti jew aktar ta' awtorità ta' ġestjoni jew ta' awtorità ta' ċertifikazzjoni jitwettaq minn korp intermedju, l-arranġamenti rilevanti għandhom jiġu rreġistrati formalment bil-miktub.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jikkonċernaw l-awtorità ta' ġestjoni u l-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandhom japplikaw għall-korpi intermedji.

Artikolu 13

L-awtorità ta' ġestjoni

1. Għall-iskopijiet ta' l-għażla u ta' l-approvazzjoni ta' l-operazzjonijiet taħt l-Artikolu 60(a) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura ruħha li l-benefiċjarji jkunu informati dwar il-kondizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw il-prodotti jew is-servizzi li għandhom jiġu fornuti taħt l-operazzjoni, il-pjan ta' finanzjament, il-limitu ta' żmien għall-eżekuzzjoni, u l-informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra li għandha tinżamm u tiġi kkomunikata.

Għandha tkun żgura li l-benefiċjarju jkollu l-kapaċità li jissodisfa dawn il-kondizzjonijiet qabel ma tittieħed id-deċiżjoni ta' l-approvazzjoni.

2. Il-verifiki li għandhom isiru mill-awtorità ta' ġestjoni taħt l-Artikolu 60(b) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għandhom ikopru aspetti amministrattivi, finanzjarji, tekniċi u fiżiċi ta' l-operazzjonijiet, kif ikun xieraq.

Il-verifiki għandhom jiżguraw li n-nefqa ddikjarat tkun reali, li l-prodotti jew is-servizzi li ġew ikkonsenjati skond id-deċiżjoni ta' l-approvazzjoni, li l-applikazzjonijiet għar-rimborż mill-benefiċjarju jkunu korretti u li l-operazzjonijiet u n-nefqa jikkonformaw mar-regoli Komunitarji u dawk nazzjonali. Għandhom jinkludu proċeduri sabiex jiġi evitat finanzjament doppju ta' nefqa ma' skemi Komunitarji jew nazzjonali oħra u ma' perjodi ta' programmazzjoni oħra.

Il-verifiki għandhom jinkludu l-proċeduri li ġejjin:

- (a) il-verifiki amministrattivi fejn għandha x'taqsam kull applikazzjoni għar-rimborż mill-benefiċjarji;
 - (b) il-verifiki fil-post dwar operazzjonijiet individwali.
3. Fejn għal programm operattiv il-verifiki fil-post taħt il-punt (b) tal-paragrafu 2 jitwettqu fuq bażi ta' kampjun, l-awtorità ta' ġestjoni għandha iżomm rekords li jiddeskrivu u jiġġustifikaw il-metodu tat-teħid ta' kampjuni u li jidentifikaw l-operazzjonijiet jew it-tranżazzjonijiet magħżula għall-verifika.

L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiddetermina d-daqs tal-kampjun sabiex tikseb assigurarazzjoni raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet

sottostanti, fejn jitqies il-livell ta' riskju identifikat mill-awtorità ta' ġestjoni għat-tip ta' benefiċjarji u ta' operazzjonijiet ikkonċernati. Kull sena għandha tirrivedi l-metodu tat-teħid ta' kampjuni .

4. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tistabbilixxi standards u proċeduri miktuba għall-verifika li jsiru taħt il-paragrafu 2 u għandha żżomm rekords għal kull verifika, li jiddikjaraw ix-xogħol imwettaq, id-*data* u r-riżultati tal-verifika, u l-miżuri meħuda fejn għandhom x'jaqsmu l-irregolaritajiet skoperti.
5. Fejn l-awtorità ta' ġestjoni jkun ukoll benefiċjarju taħt il-programm operattiv, l-arranġamenti għall-verifika li jissemmew fil-paragrafi 2, 3 u 4 għandhom jiżguraw separazzjoni adegwata tal-funzjonijiet skond il-punt (b) ta' l-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

Artikolu 14

Ir-rekords tal-kontabbiltà

1. Ir-rekords tal-kontabbiltà ta' l-operazzjonijiet u d-*data* dwar l-implimentazzjoni li jissemmew fl-Artikolu 60 (c) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għandhom jinkludu l-informazzjoni stabbilita fl-Anness III għal dan ir-Regolament.

L-awtoritajiet ta' ġestjoni, li jiċċertifikaw u ta' verifika u l-korpi li jissemmew fl-Artikolu 62(3) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għandu jkollhom aċċess għal din l-informazzjoni.

2. Fuq talba bil-miktub tal-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni li tisemma fil-paragrafu 1 fi ħdan ħmistax-il ġurnata ta' xogħol minn meta jirċievi t-talba, jew fi ħdan kwalunkwe perjodu miftiehem ieħor, biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli dokumentarji u fil-post.

Artikolu 15

Ir-rekord tat-tranżazzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 60 (f) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, rekord tat-tranżazzjonijiet għandu jitqies li huwa adegwat fejn, għall-programm operattiv ikkonċernat, jikkonforma mal-kriterji li ġejjin:

- (a) jippermetti li l-ammonti aggregati ċċertifikati lill-Kummissjoni jiġu rikonċiljati marrekords tal-kontabbiltà u mad-dokumenti ta' appoġġ dettaljati miżmuma mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni, mill-awtorità ta' ġestjoni, mill-korpi intermedji u mill-benefiċjarji rigward l-operazzjonijiet ko-finanzjati taħt il-programm operattiv;
- (b) jippermetti l-verifika tal-ħlas tal-kontribuzzjoni pubblika lill-benefiċjarju;
- (c) jippermetti l-verifika ta' applikazzjoni tal-kriterji ta' l-għażla stabbiliti mill-kumitat ta' monitoraġġ għall-programm operattiv;
- (d) fejn għandha x'taqsam kull operazzjoni, kif ikun xieraq, għandu jkun fih l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-pjan ta' finanzjament, id-dokumenti li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' l-għotja, id-dokumenti li huma relatati mal-proċeduri ta' akkwist pubbliku, ir-rapporti tal-progress u r-rapporti dwar il-verifika li saru.

*Artikolu 16**Il-verifiki ta' l-operazzjonijiet*

1. Il-verifiki li jissemmew fil-punt (b) ta' l-Artikolu 62 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għandhom jitwettqu kull perjodu ta' tnaħ-il xahar mill-1 ta' Lulju 2008 fuq kampjun ta' operazzjonijiet magħżula b'metodu stabbilit jew approvat mill-awtorità ta' verifika skond l-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament.
2. Il-verifiki għandhom isiru fil-post fuq il-bażi tad-dokumentazzjoni u r-rekords miżmuma mill-benefiċjarju. Il-verifiki għandhom jivverifikaw li l-kondizzjonijiet li ġejjin ġew sodisfatti:
 - (a) l-operazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' l-għażla għall-programm operattiv, ġiet implimentata skond id-deċiżjoni ta' l-approvazzjoni u tissodisfa kwalunkwe kondizzjoni applikabbli fejn huma konċernati l-funzjonalità u l-użu tagħha jew l-għanijiet li għandhom jintlaħqu;
 - (b) in-nefqa ddikjarata tikkorrispondi mar-rekords tal-kontabbiltà u mad-dokumenti ta' appoġġ miżmuma mill-benefiċjarju;
 - (c) in-nefqa ddikjarata mill-benefiċjarju hija skond ir-regoli Komunitarji u dawk nazzjonali;
 - (d) il-kontribuzzjoni pubblika tħallset lill-benefiċjarju skond l-Artikolu 80 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.
3. Fejn il-problemi skoperti jidher li huma ta' natura sistematika u għalhekk jinvolvu riskju għal operazzjonijiet oħra taħt il-programm operattiv, l-awtorità ta' verifika għandha tiżgura ruħha li jsiru aktar eżamijiet, inklużi verifiki addizzjonali fejn ikun meħtieġ, biex tkun stabbilita l-iskala ta' problemi ta' din ix-xorta. L-azzjoni preventiva u korrettiva meħtieġa għandha tittieħed mill-awtoritajiet rilevanti.
4. In-nefqa li taqa' fi ħdan l-ambitu tal-verifika magħmula skond il-paragrafu 1 biss għandha tingħadd ma' l-ammont ta' nefqa verifikat, għall-iskopijiet ta' rappurtaġġ fit-tabelli fil-punt 9 ta' l-Anness VI u fil-punt 9 ta' l-Anness VIII.

*Artikolu 17**It-teħid ta' kampjuni*

1. Il-kampjun ta' l-operazzjonijiet li għandu jiġi vverifikat kull sena l-ewwelnett għandu jkun ibbażat fuq metodu ta' teħid ta' kampjuni statistiku każwali kif ġie stabbilit fil-paragrafi 2, 3 u 4. L-operazzjonijiet addizzjonali jistgħu jintgħażlu bħala kampjun komplementari kif ġie stabbilit fil-paragrafi 5 u 6.
2. Il-metodu użat biex jintgħażel il-kampjun u biex jinġibdu l-konklużjonijiet mir-riżultati għandu jqis l-istandards ta' verifika aċċettati internazzjonalment u għandu jiġi ddokumentat. Waqt li jitqiesu l-ammont tan-nefqa, in-numru u t-tip ta' operazzjonijiet kif ukoll fatturi rilevanti oħra, l-awtorità ta' verifika għandha tiddetermina l-metodu ta' teħid ta' kampjuni statistiku xieraq li għandu jiġi applikat. Il-parametri tekniċi tal-kampjun għandhom ikunu ddeterminati skond l-Anness IV.

3. Il-kampjun li għandu jiġi vverifikat kull perjodu ta' tmax-il xahar għandu jintgħażel minn dawk l-operazzjonijiet li għalihom tkun ġiet iddikjarata n-nefqa lill-Kummissjoni għall-programm operattiv jew, fejn ikun xieraq, għall-programmi operattivi koperti minn sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll komuni, matul is-sena ta' qabel dik fejn ir-rapport annwali ta' kontroll taħt l-Artikolu 18 (2) ġie kkomunikat lill-Kummissjoni. Għall-ewwel perjodu ta' tmax-il xahar, l-awtorità ta' verifika tista' tiddeċiedi li tiggruppja l-operazzjonijiet li għalihom tkun ġiet iddikjarata n-nefqa lill-Kummissjoni fl-2007 u fl-2008, bħala bażi għall-għażla ta' l-operazzjonijiet li għandhom jiġu vverifikati.
4. L-awtorità ta' verifika għandha tiġbed il-konklużjonijiet fuq il-baży tar-riżultati tal-verifiki li huma relatati man-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni matul is-sena li tissemma fil-paragrafu 3 u għandha tikkomunikahom lill-Kummissjoni fir-rapport annwali ta' kontroll. Fil-programmi operattivi li għalihom ir-rata ta' żbalji ipproġettata tkun 'il fuq mil-livell ta' materjalità, l-awtorità ta' verifika għandha tanalizza s-sinifikat tagħha u tiegħu l-azzjonijiet meħtieġa, inkluż li tagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa, li se jiġu kkomunikati fir-rapport annwali ta' kontroll.
5. L-awtorità ta' verifika għandha tirrivedi regolarment il-kopertura provduta mill-kampjun każwali, waqt li titqies, b'mod partikolari, il-ħtieġa li jkun hemm assigurazzjoni ta' verifika suffiċjenti għad-dikjarazzjonijiet li għandhom jiġu provduti fl-għeluq parzjali u finali għal kull programm operattiv.

Għandha tiddeċiedi fuq il-baży ta' ġudizzju professjonali jekk ikunx meħtieġ li jiġi vverifikat kampjun komplementari ta' operazzjonijiet addizzjonali sabiex jitqiesu l-fatturi ta' riskju speċifiċi li ġew identifikati u sabiex għal kull programm tiġi garantita kopertura suffiċjenti ta' tipi differenti ta' operazzjoni, ta' benefiċjarji, ta' korpi intermedji u ta' assi prijoritarji.

6. L-awtorità ta' verifika għandha tiġbed il-konklużjonijiet fuq il-baży tar-riżultati tal-verifiki tal-kampjun komplementari u għandha tikkomunikahom lill-Kummissjoni fir-rapport annwali ta' kontroll.

Fejn in-numru ta' irregolaritajiet skoperti jkun għoli jew fejn ikunu skoperti irregolaritajiet sistemiċi, l-awtorità ta' verifika għandha tanalizza s-sinifikat tagħhom u tiegħu l-azzjonijiet meħtieġa, inkluż li tagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa, li għandhom jiġu kkomunikati fir-rapport annwali ta' kontroll.

Ir-riżultati tal-verifiki dwar il-kampjun komplementari jiġu analizzati separatament minn dawk tal-kampjun każwali. B'mod partikolari, l-irregolaritajiet skoperti fil-kampjun komplementari ma għandhomx jitqiesu meta tiġi kkalkulata r-rata ta' żbalji tal-kampjun każwali.

Artikolu 18

Id-dokumenti ppreżentati mill-awtorità ta' verifika

1. L-istrategġija ta' verifika li tissemma fil-punt (c) ta' l-Artikolu 62 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għandha tiġu stabbilita skond il-mudell indikat fl-Anness V għal dan ir-Regolament. Għandha tiġi aġġornata u riveduta kull sena u, jekk ikun meħtieġ, anki matul is-sena.

2. Ir-rapport annwali ta' kontroll u l-opinjoni li tisemma fil-punt (d) ta' l-Artikolu 62(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għandhom ikunu bbażati fuq il-verifiki tas-sistemi u fuq il-verifiki ta' l-operazzjonijiet li twettqu taħt il-punti (a) u (b) ta' l-Artikolu 62(1) ta' dak ir-Regolament skond l-istrateġija ta' verifika, u għandhom jiffasslu skond il-mudelli fl-Annessi VI u VII għal dan ir-Regolament.

Għall-programmi operattivi taħt l-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea, ir-rapport annwali ta' kontroll u l-opinjoni għandhom ikopru lill-Istati Membri kollha kkonċernati fil-programm.

3. Id-dikjarazzjoni ta' għeluq li tisemma fil-punt (e) ta' l-Artikolu 62(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għandha tkun ibbażata fuq ix-xogħol ta' verifika kollu mwettaq minn, jew taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità ta' verifika skond l-istrateġija ta' verifika. Id-dikjarazzjoni ta' għeluq u r-rapport annwali ta' kontroll għandhom jiffasslu skond il-mudell indikat fl-Anness VIII għal dan ir-Regolament.

Għall-programmi operattivi taħt l-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea, id-dikjarazzjoni ta' għeluq u r-rapport finali ta' kontroll għandhom ikopru lill-Istati Membri kollha kkonċernati fil-programm.

4. Jekk ikun hemm limitazzjoni fl-ambitu ta' l-eżami jew jekk il-livell tan-nefqa irregolari skoperta ma jippermettix li tkun provduta opinjoni mhux kwalifikata għall-opinjoni annwali li tisemma fil-punt (d) ta' l-Artikolu 62(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jew fid-dikjarazzjoni ta' għeluq li tisemma fil-punt (e) ta' dak l-Artikolu, l-awtorità ta' verifika għandha tagħti r-raġunijiet u tistma l-iskala tal-problema u ta' l-impatt finanzjarju tagħha.
5. F'każ ta' għeluq parzjali ta' programm operattiv, l-awtorità ta' verifika għandha tfassal id-dikjarazzjoni li hija relatata mal-legalità u mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet koperti mid-dikjarazzjoni tan-nefqa li tisemma fl-Artikolu 88 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 skond il-mudell fl-Anness IX għal dan ir-Regolament, u jitressaq ma' l-opinjoni li tisemma fil-punt (d) (ii) ta' l-Artikolu 62(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

Artikolu 19

Id-disponibilità tad-dokumenti

1. Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li jkun disponibbli rekord ta' l-identità u ta' fejn jinsabu l-korpi li jżommu d-dokumenti ta' appoġġ li huma relatati man-nefqa u mal-verifiki, li għandhom jinkludu d-dokumenti kollha meħtieġa għal rekord tat-tranżazzjonijiet adegwat.
2. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura ruħha li d-dokumenti li jissemmew fil-paragrafu 1 ikunu disponibbli għal spezzjoni minn, u li estratti jew kopji tagħhom jiġu fornuti lil, persuni u korpi li jkollhom id-dritt għalihom, inkluż mill-inqas l-istaff awtorizzat ta' l-awtorità ta' ġestjoni, ta' l-awtorità ta' ċertifikazzjoni, tal-korpi intermedji u ta' l-awtorità ta' verifika u tal-korpi li jissemmew fl-Artikolu 62 (3) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, kif ukoll l-uffiċjali awtorizzati tal-Komunità u r-rappreżentanti awtorizzati tagħhom.

3. Fejn għandhom x'jaqsmu l-operazzjonijiet li jissemmew fl-Artikolu 90 (2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 l-awtorità ta' ġestjoni għandha żżomm l-informazzjoni meħtieġa għall-iskopijiet ta' evalwazzjoni u ta' rappurtaġġ, inkluża l-informazzjoni li tisemma fl-Artikolu 14, għall-perjodu kollu li jissemma fil-paragrafu (1) (a) ta' dak l-Artikolu.
4. Mill-inqas dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala *data carriers* komunement aċċettati kif jissemma fl-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006:
 - (a) il-fotokopji tad-dokumenti oriġinali;
 - (b) il-*microfiches* tad-dokumenti oriġinali;
 - (c) il-verżjonijiet elettroniċi tad-dokumenti oriġinali;
 - (d) id-dokumenti li jeżistu f' verżjoni elettronika biss.
5. Il-proċedura għaċ-ċertifikazzjoni tal-konformità tad-dokumenti miżmuma fuq *data carriers* komunement aċċettati mad-dokument oriġinali għandha tiġi stabbilita mill-awtoritajiet nazzjonali u għandha tiżgura li l-verżjonijiet miżmuma jkunu konformi mar-rekwiżiti legali nazzjonali u li jkunu affidabbli għal skopijiet ta' verifika.
6. Fejn id-dokumenti jeżistu f' verżjoni elettronika biss, is-sistemi tal-kompjuter użati jridu jissodisfaw standards ta' sikurezza aċċettati li jiżguraw li d-dokumenti miżmuma jkunu konformi mar-rekwiżiti legali nazzjonali u li li jkunu affidabbli għal skopijiet ta' verifika.

Artikolu 20

Id-dokumenti mressqa mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni

1. Id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa ċertifikati u l-applikazzjonijiet għall-ħlas li jissemmew fl-Artikolu 61 (a) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għandhom jitfasslu fil-format fl-Anness X għal dan ir-Regolament u għandhom jiġu trażmessi lill-Kummissjoni.
2. Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena mill-2008 'il quddiem, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha tibgħat lill-Kummissjoni dikjarazzjoni, fil-format fl-Anness XI, li tidentifika għal kull assi prijoritarja tal-programm operattiv:
 - (a) l-ammonti rtirati mid-dikjarazzjonijiet tan-nefqa li tressqu matul is-sena ta' qabel wara l-kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni pubblika kollha jew ta' parti minnha għal operazzjoni;
 - (b) l-ammonti rkuprati li tnaqqsu minn dawn id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa;
 - (c) dikjarazzjoni ta' l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati kif kienu fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel, li ġew ikklassifikati skond is-sena meta nħarġu l-ordnijiet għall-ikupru.
3. Biex tipproċedi għall-għeluq parzjali ta' programm operattiv, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha tibgħat lill-Kummissjoni d-dikjarazzjoni tan-nefqa li

tissemma fl-Artikolu 88 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, fil-format fl-Anness XIV għal dan ir-Regolament.

Artikolu 21

Id-deskrizzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

1. Id-deskrizzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għall-programmi operattivi li tissemma fl-Artikolu 71(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għandha tinkludi l-informazzjoni dwar il-punti li jissimmew fl-Artikolu 58 ta' dak ir-Regolament fejn għandu x'jaqsam kull programm operattiv, u l-informazzjoni stabbilita fl-Artikoli 22, 23, u, fejn ikun xieraq, fl-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament.

Din l-informazzjoni għandha titressaq skond il-mudell fl-Anness XII.

2. Id-deskrizzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-programmi operattivi taħt l-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea għandha tiġi provduta mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tinstab l-awtorità ta' ġestjoni.

Artikolu 22

L-informazzjoni li tikkonċerna l-awtorità ta' ġestjoni, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni u l-korpi intermedji

Rigward l-awtorità ta' ġestjoni, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni u kull korp intermedju, l-Istat Membru għandu jipprovi lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja:

- (a) deskrizzjoni tal-kompiti fdati lilhom;
- (b) l-organigramma ta' kull wieħed minnhom, deskrizzjoni ta' l-allokazzjoni tal-kompiti bejn jew fi ħdan id-dipartimenti tagħhom, u n-numru indikattiv ta' postijiet allokat; i;
- (c) il-proċeduri biex jintgħażlu u jiġu approvati l-operazzjonijiet;
- (d) il-proċeduri li permezz tagħhom l-applikazzjonijiet tal-benefiċjarji għar-rimborż jiġu riċevuti, ivverifikati u vvalidati, u b'mod partikolari r-regoli u l-proċeduri stabbiliti għal skopijiet ta' verifika fl-Artikolu 13, u l-proċeduri li permezz tagħhom jiġu awtorizzati eżegwiti u mniżżla fil-kontijiet il-ħlasijiet lill-benefiċjarji;
- (e) il-proċeduri li permezz tagħhom id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa jitfasslu, jiġu ċċertifikati u mressqa quddiem il-Kummissjoni;
- (f) ir-referenza għall-proċeduri miktuba stabbiliti għall-iskopijiet tal-punti (c), (d) u (e);
- (g) ir-regoli ta' l-eliġibilità li ġew stabbiliti mill-Istat Membri u li japplikaw għall-programm operattiv;
- (h) is-sistema għaż-żamma ta' rekords tal-kontabbiltà dettaljati ta' l-operazzjonijiet u d-data dwar l-implimentazzjoni li tissemma fl-Artikolu 14(1) taħt il-programm operattiv.

*Artikolu 23**L-informazzjoni li tikkonċerna l-awtorità ta' verifika u l-korpi li jwettqu l-verifiki*

Fejn għandha x'taqsam l-awtorità ta' verifika u l-korpi li jissemmew fl-Artikolu 62 (3) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, l-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni li ġejja:

- (a) id-deskrizzjoni tal-kompiti rispettivi tagħhom u ta' l-interrelazzjoni tagħhom, inkluża, fejn japplika, ir-relazzjoni mal-korp ta' koordinazzjoni li jissemma fl-Artikolu 73(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006;
- (b) l-organigramma ta' l-awtorità ta' verifika u ta' kull wieħed mill-korpi involuti fit-tweqqif tal-verifiki li jikkonċernaw il-programm operattiv, li tiddekrivi kif tiġi żgurata l-indipendenza tagħhom, in-numru indikattiv ta' postijiet allokatu u l-kwalifiki jew l-esperjenza meħtieġa;
- (c) il-proċeduri għall-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u tal-miżuri korrettivi li jirriżultaw mir-rapporti ta' verifika;
- (d) il-proċeduri, fejn ikun xieraq, għas-superviżjoni mill-awtorità ta' verifika tax-xogħol tal-korpi involuti fit-tweqqif ta' verifiki li jikkonċernaw il-programm operattiv;
- (e) il-proċeduri għat-tnejn tar-rapport annwali ta' kontroll u tad-dikjarazzjonijiet ta' għeluq.

*Artikolu 24**Id-deskrizzjoni dwar is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll ta' l-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea*

Minbarra l-informazzjoni stabbilita fl-Artikoli 21, 22 u 23, id-deskrizzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għandha tinkludi l-arranġamenti miftiehma bejn l-Istati Membri għall-iskopijiet li ġejjin:

- (a) biex l-awtorità ta' ġestjoni tkun provduta b'aċċess għall-informazzjoni kollha li teħtieġ biex twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha taħt l-Artikolu 60 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006;
- (b) biex l-awtorità ta' ċertifikazzjoni tkun provduta b'aċċess għall-informazzjoni kollha li teħtieġ biex twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha taħt l-Artikolu 61 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006;
- (c) biex l-awtorità ta' verifika tkun provduta b'aċċess għall-informazzjoni kollha li teħtieġ biex twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha taħt l-Artikolu 62 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u l-Artikolu 14 (2) tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006;
- (d) biex tiżgura konformità mill-Istati Membri ma' l-obbligi tagħhom rigward l-irkupru ta' ammonti mħallsa li mhumiex dovuti kif ġie stabbilit fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006;
- (e) biex tiżgura l-legalità u r-regolarità tan-nefqa mħallsa barra l-Komunità u inkluża fid-dikjarazzjoni tan-nefqa, fejn l-Istati Membri li jipparteċipaw fi programm japproffittaw irwieħhom mill-flessibilità permessa mill-Artikolu 21(3) tar-

Regolament (KE) Nru 1080/2006 sabiex jippermettu li l-awtorità ta' ġestjoni, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni u l-awtorità ta' verifika jeżerċitaw ir-responsabbiltajiet tagħhom rigward in-nefqa mħallsa f'pajjiżi terzi kif ukoll rigward l-arranġamenti biex jiġu rkuprati ammonti mħallsa b'mod mhux dovut li huma relatati ma' l-irregolaritajiet.

Artikolu 25

Il-valutazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

Ir-rapport li jissema fl-Artikolu 71(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għandu jkun ibbażat fuq eżami tad-deskrizzjoni tas-sistemi, fuq id-dokumenti rilevanti li jikkonċernaw is-sistemi, fuq is-sistema għaż-żamma tar-rekords tal-kontabbiltà u fuq id-*data* dwar l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet, kif ukoll fuq l-intervisti ma' l-istaff tal-korpi prinċipali meqjusa importanti mill-awtorità ta' verifika, jew minn korp ieħor responsabbli mir-rapport, biex tkun ikkompletata, iċċarata jew ivverifikata l-informazzjoni.

L-opinjoni li tisemma fl-Artikolu 71(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għandha titfassal skond il-mudell fl-Anness XIII għal dan ir-Regolament.

Fejn is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll ikkonċernati jkunu essenzjalment l-istess bħal dawk li jeżistu għall-għajjnuna approvata taħt ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999, jistgħu jitqiesu r-riżultati tal-verifiki mwettqa minn awdituri nazzjonali u tal-Komunità fejn għandhom x'jaqsmu dawk is-sistemi sabiex jiġu stabbiliti r-rapport u l-opinjoni taħt l-Artikolu 71(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

Artikolu 26

Id-derogi li jikkonċernaw il-programmi operattivi li jissemmew fl-Artikolu 74 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006

1. Għall-programmi operattivi li fir-rigward tagħhom Stat Membru jkun eżerċita l-għażla li tisemma fl-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 74 (2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, għandhom japplikaw il-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu.
2. Il-verifiki li jissemmew fl-Artikolu 13 (2) ta' dan ir-Regolament għandhom isiru mill-korp nazzjonali li jissema fl-Artikolu 74 (2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.
3. Il-verifiki ta' l-operazzjonijiet li jissemmew fil-punt (b) ta' l-Artikolu 62 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għandhom isiru skond il-proċeduri nazzjonali, u m'għandhomx japplikaw l-Artikoli 16 u 17 ta' dan ir-Regolament.
4. Għat-tħejjija tad-dokumenti maħruġa mill-korp nazzjonali li jissema fl-Artikolu 74(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għandu japplika, *mutatis mutandis*, l-Artikolu 18(2) sa (5) ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport annwali ta' kontroll u l-opinjoni annwali għandhom jitfasslu, kif huwa xieraq, skond il-mudelli fl-Annessi VI u VII għal dan ir-Regolament.
5. L-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 20(2) għandhom jitwettqu mill-korp nazzjonali li jissema fl-Artikolu 74(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

Id-dikjarazzjoni tan-nefqa għandha titfassal skond il-mudelli fl-Annessi X u XIV għal dan ir-Regolament.

6. L-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fid-deskrizzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll li jissemmew fl-Artikoli 21(1), 22 u 23 ta' dan ir-Regolament, fejn japplika, għandha tinkludi l-informazzjoni dwar il-korpi nazzjonali li jissemmew fl-Artikolu 74(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

Taqsim 4 **L-irregolaritajiet.**

Artikolu 27 *Id-definizzjonijiet*

Għall-iskopijiet ta' din it-taqsim, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “operatur ekonomiku” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew legali jew entità oħra li tiegħu sehem fl-implimentazzjoni ta' għajjnuna mill-Fondi, ħlief għal Stat Membru li jeżerċita l-prerogattivi tiegħu bħala awtorità pubblika;
- (b) “sejba amministrattiva jew ġudizzjarja primarja” tfisser l-ewwel valutazzjoni bil-miktub minn awtorità kompetenti, jew amministrattiva jew ġudizzjarja, li fuq il-bażi ta' fatti speċifiċi tikkonkludi li twettqet irregolarità, mingħajr preġudizzju għall-possibilità li din il-konklużjoni sussegwentement jista' jkollha tiġi riveduta jew irritata minħabba żviluppi matul il-proċediment amministrattiv jew ġudizzjarju;
- (c) “frodi suspettat” tfisser irregolarità li tagħti lok għall-bidu ta' proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji fuq livell nazzjonali sabiex tiġi stabbilita l-preżenza ta' mġiba intenzjonata, fi frodi partikolari, kif jissemma fil-punt (a) ta' l-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni mfassla a bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej¹⁸;
- (d) “falliment” tfisser il-proċedimenti ta' insolvenza fi ħdan it-tifsira tal-punt (a) ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000¹⁹.

Artikolu 28 *Ir-rappurtaġġ tal-bidu – id-derogi*

1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi l-oħra taħt l-Artikolu 70 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, fi ħdan xahrejn wara t-tmiem ta' kull perjodu ta' tliet xhur, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni kwalunkwe irregolarità li kienet is-suġġett ta' sejba amministrattiva jew ġudizzjarja primarja.

F' dak ir-rapport, fil-każijiet kollha, l-Istati Membri għandhom jagħtu d-dettalji dwar dawn li ġejjin:

¹⁸ ĠU C 316, 27.11.1995, p. 49.

¹⁹ ĠU L 160, 30.6.2000, p. 1.

- (a) il-Fond, l-għan, il-programm operattiv, l-assi prijoritarju u l-operazzjoni konċernata u n-numru tal-Kodiċi Komuni ta' Identifikazzjoni (CCI);
 - (b) id-dispożizzjoni li nkisret;
 - (c) id-*data* u s-sors ta' l-ewwel informazzjoni li twassal għal suspett li twettqet irregolarità;
 - (d) il-prattiki użati biex titwettaq l-irregolarità;
 - (e) fejn ikun xieraq, jekk il-prattika tagħtix lok għal suspett ta' frodi;
 - (f) il-mod li bih ġiet skoperta l-irregolarità;
 - (g) fejn ikun xieraq, l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi involuti;
 - (h) il-perjodu li matulu, jew il-mument li fih, twettqet l-irregolarità;
 - (i) l-awtoritajiet jew il-korpi nazzjonali li kkompilaw ir-rapport uffiċjali dwar l-irregolarità u l-awtoritajiet responsabbli mill-azzjoni ta' segwitu amministrattiva jew ġudizzjarja;
 - (j) id-*data* meta ġiet stabbilita s-sejba amministrattiva jew ġudizzjarja primarja dwar l-irregolarità;
 - (k) l-identità tal-persuni naturali u legali involuti jew ta' kwalunkwe entità parteċipanti oħra, ħliet fejn din l-informazzjoni ma tkunx rilevanti biex jiġu miġġielda l-irregolaritajiet, meta titqies in-natura ta' l-irregolarità kkonċernata;
 - (l) il-baġit totali u l-kontribuzzjoni pubblika approvati għall-operazzjoni u d-distribuzzjoni tal-ko-finanzjament tagħha bejn il-kontribuzzjoni Komunitarja u dik nazzjonali;
 - (m) l-ammont tal-kontribuzzjoni pubblika affettwata mill-irregolarità u l-kontribuzzjoni Komunitarja korrispondenti li qiegħda f'riskju;
 - (n) fejn ma jkun sar l-ebda ħlas tal-kontribuzzjoni pubblika lill-persuni jew lill-entitajiet l-oħra li ġew identifikati taħt il-punt (k), l-ammonti li kellhom jiġihallu b'mod mhux dovut kieku l-irregolarità ma ġietx identifikata;
 - (o) is-sospensjoni tal-ħlasijiet, fejn japplika, u l-possibilitajiet ta' rkupru;
 - (p) in-natura tan-nefqa irregolari.
2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, il-każijiet li ġejjin m'hemmx għalfejn jiġu rrapportati:
- (a) il-każijiet fejn l-irregolarità tikkonsisti biss min-nuqqas li tiġi eżegwita, b'mod parzjali jew sħiħ, operazzjoni inkluża fil-programm operattiv ko-finanzjat minħabba l-falliment tal-benefiċjarju;
 - (b) il-każijiet li b'mod volontarju jinġiebu għall-attenzjoni ta' l-awtorità ta' ġestjoni jew ta' l-awtorità ta' ċertifikazzjoni mill-benefiċjarju u qabel ma l-

iskoperta minn kwalunkwe waħda minnhom, kemm qabel jew wara l-ħlas tal-kontribuzzjoni pubblika;

- (c) il-każijiet skoperti u korretti mill-awtorità ta' ġestjoni jew mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni qabel kwalunkwe ħlas tal-kontribuzzjoni pubblika lill-benefiċjarju u qabel l-inklużjoni tan-nefqa kkonċernata f'dikjarazzjoni tan-nefqa mressqa quddiem il-Kummissjoni.

Madankollu, l-irregolaritajiet li ta' qabel falliment u l-każijiet ta' frodi suspettat iridu jiġu rrapportati.

3. Fejn uħud mill-informazzjoni li tissemma fil-paragrafu 1, u b'mod partikolari l-informazzjoni li tikkonċerna l-prattiki użati biex titwettaq l-irregolarità u l-mod li bih ġiet skoperta, ma tkunx disponibbli, l-Istati Membri għandhom jipprovdu safejn huwa possibbli l-informazzjoni nieqsa meta jgħaddu lill-Kummissjoni r-rapporti ta' kull tliet xhur sussegwenti.
4. L-irregolaritajiet li huma relatati mal-programmi operattivi taħt l-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea għandhom jiġu rrapportati mill-Istat Membru fejn il-benefiċjarju jħallas in-nefqa sabiex tkun implimentata l-operazzjoni. Fl-istess ħin, l-Istat Membru għandu jinforma lill-awtorità ta' ġestjoni, lill-awtorità ta' ċertifikazzjoni għall-programm u lill-awtorità ta' verifika.
5. Jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali jipprovdu għall-kunfidenzjalità ta' l-investigazzjonijiet, il-komunikazzjoni ta' l-informazzjoni għandha tkun soġġetta għall-awtorizzazzjoni tal-qorti jew tat-tribunal kompetenti.
6. Fejn Stat Membru m'għandu l-ebda irregolarità x'jirrapporta taħt il-paragrafu 1, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dak il-fatt fi ħdan il-limitu ta' żmien stabbilit f'dak il-paragrafu 1.

Artikolu 29 *Il-każijiet urġenti*

Kull Stat Membru għandu jirrapporta minnufih lill-Kummissjoni u, fejn ikun meħtieġ, lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati, kwalunkwe irregolarità skoperta jew li suppost grať, fejn ikun hemm il-biża' li ferm malajr jista' jkollha riperkussjonijiet barra t-territorju tiegħu jew fejn turi li ġiet użata Prattika ħażina ġdida.

Artikolu 30 *Ir-rappurtaġġ ta' l-azzjoni ta' segwitu – In-nuqqas ta' rkupru*

1. Fi ħdan xahrejn wara t-tmiem ta' kull perjodu ta' tliet xhur, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni, b'referenza għal kwalunkwe rapport ta' qabel li jkun sar taħt l-Artikolu 28, bil-proċeduri istitwiti fejn għandhom x'jaqsmu l-irregolaritajiet kollha li ġew innotifikati qabel u bil-bidliet importanti li jirriżultaw minnhom. Din l-informazzjoni għandha tinkludi mill-inqas:
 - (a) l-ammonti li ġew, jew mistennija li jiġu, irkuprati;

- (b) kwalunkwe miżura interim meħuda mill-Istati Membri biex jissalvagwardja l-irkupru ta' somom imħallsa b'mod mhux dovut;
- (c) il-proċeduri ġudizzjarji u amministrattivi istitwitati bil-ħsieb li jiġu rkuprati s-somom imħallsa b'mod mhux dovut u sabiex jiġu imposti s-sanzjonijiet;
- (d) ir-raġunijiet għal kwalunkwe abbandun fil-proċeduri ta' rkupru;
- (e) kwalunkwe abbandun tal-prosekuzzjonijiet kriminali.

L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni d-deċiżjonijiet amministrattivi jew ġudizzjarji, jew il-punti prinċipali tagħhom, li jikkonċernaw it-tmiem ta' proċeduri ta' din ix-xorta u għandhom jiddikjaraw b'mod partikolari jekk is-sejbiet ikunux tali li hemm suspett ta' frodi jew le. Fil-każ li jissemma fil-punt (d), safejn ikun possibbli, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni qabel ma tittieħed deċiżjoni.

2. Fejn Stat Membru iqis li ammont ma jistas jiġi rkuprat jew mhux mistenni li jiġi rkuprat, għandu jinforma lill-Kummissjoni, f'rapport speċjali, bl-ammont mhux irkuprat u bil-fatti rilevanti għad-deċiżjoni dwar it-tqassim tat-telf, taħt l-Artikolu 70(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

Din l-informazzjoni għandha tkun iddettaljata b'mod suffiċjenti li tippermetti lill-Kummissjoni tieħu deċiżjoni ta' din ix-xorta kemm jista' jkun malajr, wara li tkun ikkonsultat lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri kkonċernati. Għandha tinkludi mill-inqas:

- (a) kopja tad-deċiżjoni ta' l-għotja;
- (b) id-*data* ta' l-aħħar ħlas li sar lill-benefiċjarju;
- (c) kopja ta' l-ordni ta' rkupru;
- (d) fil-każ ta' fallimenti soġġetti għar-rappurtaġġ taħt l-Artikolu 28 (2), kopja tad-dokument li jikkonferma l-insolvenza tal-benefiċjarju;
- (e) deskrizzjoni qasira u ġenerali tal-miżuri meħuda mill-Istat Membru, b'indikazzjoni tad-dati tagħhom, biex jiġi rkuprat l-ammont rilevanti.

3. Fil-każ li jissemma fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista' titlob espliċitament lill-Istat Membru biex ikompli l-proċedura ta' rkupru.

Artikolu 31

It-trażmissjoni elettronika

L-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 28, 29 u 30(1) għandha tintbagħat, kulmeta jkun possibbli li jsir hekk, b'mezzi elettroniċi, fejn jintuża l-modulu pprovdut mill-Kummissjoni għal dan l-iskop permezz ta' konnessjoni żgura.

*Artikolu 32**Ir-rimborż ta' l-ispejjeż ġudizzjarji*

Fejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jiddeċiedu, fuq it-talba espliċita tal-Kummissjoni, li jagħtu bidu għal jew ikomplu proċedimenti ġudizzjarji sabiex jirkupraw ammonti mħallsa b'mod mhux dovut, il-Kummissjoni tista' tidħol biex tirrimborża lill-Istat Membru l-ispejjeż ġudizzjarji kollha jew parti minnhom kif ukoll l-ispejjeż li ġejjin direttament mill-proċedimenti, fuq preżentazzjoni ta' evidenza dokumentarja, anki jekk il-proċedimenti ma jirnexxewx.

*Artikolu 33**Il-kuntatti ma' l-Istati Membri*

1. Il-Kummissjoni għandha żżomm kuntatti xierqa ma' l-Istati Membri kkonċernati sabiex tissupplimenta l-informazzjoni fornuta dwar l-irregolaritajiet li jissemmew fl-Artikolu 28, dwar il-proċedimenti li jissemmew fl-Artikolu 30, u, b'mod partikolari, dwar il-possibilità ta' rkupru.
2. B'mod indipendenti mill-kuntatti li jissemmew fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri fejn in-natura ta' l-irregolarità tkun tali li tissuġġerixxi li Prattiki identiċi jew simili jistgħu jiġru fi Stati Membri oħra.
3. Il-Kummissjoni għandha torganizza laqgħat ta' informazzjoni fuq livell Komunitarju għar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri biex teżamina magħhom l-informazzjoni miksuba skond l-Artikoli 28, 29 u 30, u l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. L-eżami għandu jiffoka fuq it-tagħlim li għandu jinkiseb mill-informazzjoni b'rabta ma' l-irregolaritajiet, il-miżuri preventivi u l-proċedimenti ġudizzjarji.
4. Fuq it-talba ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkonsultaw lil xulxin biex jagħlqu kwalunkwe *loophole* li tippreġudika l-interessi Komunitarji li ssir apparenti matul l-infurzar tad-dispożizzjonijiet fis-seħħ.

*Artikolu 34**L-użu ta' l-informazzjoni*

Il-Kummissjoni tista' tuża kwalunkwe informazzjoni ta' natura ġenerali jew ta' natura operattiva li ġiet ikkomunikata mill-Istati Membri taħt dan ir-Regolament biex twettaq analiżijiet tar-riskju u, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni miksuba, tista' tipproduċi rapporti u tiżviluppa sistemi ta' twissija bikrija li jservu biex ir-riskji jiġu identifikati b'mod aktar effettiv.

*Artikolu 35**Il-provvista ta' l-informazzjoni lill-Kumitati*

Il-Kummissjoni għandha tinforma b'mod regolari lill-Istati Membri, fl-qafas tal-Kumitat konsultattiv għall-Koordinazzjoni tal-prevenzjoni tal-frodi li ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/140/KE²⁰, b'kemm ikunu kbar il-Fondi involuti fl-irregolaritajiet li jkunu

²⁰

ĠU L 61, 4.3.1994, p. 27.

għew skoperti u bid-diversi kategoriji ta' irregolarità, analizzati statistikament skond it-tip u n-numru. Għandhom jiġu informati wkoll il-kumitati li jissemmew fl-Artikoli 103 u 104 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

Artikolu 36

L-irregolaritajiet taħt il-limitu tar-rappurtaġġ

1. Fejn l-irregolaritajiet jirrelataw ma' ammonti ta' inqas minn EUR 10000 li jistgħu jiġu ddebitati lill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, l-Istati Membri m'għandhomx jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni provduta fl-Artikoli 28 u 30, sakemm il-Kummissjoni ma titlobiex espliċitament.

Madankollu, skond il-punt (f) ta' l-Artikolu 61 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, l-Istati Membri għandhom iżommu l-kontijiet ta' l-ammonti taħt dan il-limitu li jkunu rekuperabbli u ta' l-ammonti rkuprati jew irtirati wara l-kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni għal operazzjoni, u għandhom iħallsu lura l-ammonti rkuprati lill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi li ġejjin direttament mill-punt (b) ta' l-Artikolu 70(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, l-Istat Membru u l-Komunità għandhom jaqsmu t-telf li ġej mill-ammonti taħt il-limitu li ma jistgħux jiġu rkuprati skond ir-rata ta' ko-finanzjament li tapplika għall-operazzjoni kkonċernata. M'għandiex tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30(2) ta' dan ir-Regolament, sakemm il-Kummissjoni ma tiddeċidix mod ieħor.

It-tielet sottoparagrafu għandu japplika wkoll għal każijiet ta' falliment li għew eżentati mill-obbligu tar-rappurtaġġ taħt l-Artikolu 28(1).

2. Skond l-Artikolu 81 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, l-Istati Membri li m'adottawx l-euro bħala l-munita tagħhom sad-data meta tiġi stabbilita l-irregolarità, għandhom jikkonvertu n-nefqa mħallsa bil-munita nazzjonali f'euro. Fejn in-nefqa ma tkunx ġiet irreġistrata fil-kontijiet ta' l-awtorità ta' ċertifikazzjoni, għandha tintuża l-iktar rata tal-kambju tal-kontabbiltà reċenti li ġiet ppubblikata elettronikament mill-Kummissjoni.

Taqsim 5

Id-data personali.

Artikolu 37

Il-protezzjoni tad-data personali

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jipprevjenu kwalunkwe żvelar mhux awtorizzat ta', jew aċċess għall-informazzjoni li tisemma fl-Artikolu 14(1), l-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni matul ill-verifiki tagħha u l-informazzjoni li tisemma fit-Taqsim 4.
2. L-informazzjoni li tisemma fl-Artikolu 14(1), flimkien ma' l-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni matul il-verifiki tagħha, għandha tintuża mill-Kummissjoni għall-iskop waħdieni li jiġu sodisfatti r-responsabbiltajiet tagħha taħt l-Artikolu 72 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006. Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi għandu jkollhom aċċess għal din l-informazzjoni.

3. L-informazzjoni li tissewma fit-Taqsima 4 ma tistax tintbagħat lil persuni għajr dawk fl-Istati Membri jew fi ħdan l-istituzzjonijiet Komunitarji li dmirijiethom jeħtieġu li jkollhom aċċess għaliha, ħliet jekk l-Istat Membru li jforni informazzjoni ta' din ix-xorta ikun espliċitament ftiehem hekk.
4. Kwalunkwe *data* personali inkluża fl-informazzjoni li tissewma fl-Artikolu 7(2)(d) għandha tiġi pproċessata biss għall-iskop speċifikat f' dak l-Artikolu.

Taqsima 6

Il-korrezzjoni finanzjarja għan-nuqqas ta' rispett ta' l-addizzjonalità.

Artikolu 38

Ir-rati tal-korrezzjoni finanzjarja

1. Fejn il-Kummissjoni tagħmel korrezzjoni finanzjarja skond l-Artikolu 99 (5) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, il-korrezzjoni għandha tiġi kkalkulata skond il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.
2. Ir-rata tal-korrezzjoni finanzjarja għandha tinkiseb billi jitnaqqsu 3 punti perċentwali mid-differenza bejn il-livell ta' mira miftiehem u l-livell miskub, espress bħala persentaġġ tal-livell ta' mira miftiehem, u mbagħad billi r-riżultat jiġi diviż b'10.

Il-korrezzjoni finanzjarja għandha tiġi ddeterminata billi din ir-rata ta' korrezzjoni finanzjarja tiġi applikata għall-kontribuzzjoni tal-Fond Strutturali lill-Istat Membru konċernat taħt l-għan ta' Konverġenza għall-perjodu sħiħ ta' programmazzjoni.
3. Jekk id-differenza bejn il-livell ta' mira miftiehem u l-livell miksub, espress bħala persentaġġ tal-livell ta' mira miftiehem, li tissewma fil-paragrafu 2, tkun ta' 3 fil-mija jew anqas, mhi se ssir l-ebda korrezzjoni finanzjarja.
4. Il-korrezzjoni finanzjarja m'għandhiex teċċedi 1-5% ta' l-allokkazzjoni tal-Fond Strutturali lill-Istat Membru konċernat taħt l-għan ta' Konverġenza għall-perjodu sħiħ ta' programmazzjoni.

Taqsima 7

Skambju elettroniku tad-*data*

Artikolu 39

*Is-sistema tal-kompjuter għall-iskambju tad-*data**

Għall-iskopijiet ta' l-Artikoli 66 u 76 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, għandha tiġi stabbilita sistema tal-kompjuter għal skambju tad-*data* li sservi bħala għodda għall-iskambju tad-*data* kollha li hija relatata mal-programm operattiv.

L-iskambju tad-*data* bejn kull Stat Membru u l-Kummissjoni għandu jsir billi tintuża sistema tal-kompjuter li ġiet stabbilita mill-Kummissjoni li tippermetti l-iskambju żgur tad-*data* bejn il-Kummissjoni u kull Stat Membru.

L-Istati Membri għandhom jiġu involuti fl-iżvilupp addizzjonali tas-sistema tal-kompjuter għall-iskambju tad-*data*.

Artikolu 40

*Il-kontenut tas-sistema tal-kompjuter għall-iskambju tad-*data**

1. Is-sistema tal-kompjuter għall-iskambju tad-*data* għandha tinkludi informazzjoni ta' interess komuni għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri, u mill-inqas id-*data* li ġejja li tkun meħtieġa għat-tranżazzjonijiet finanzjarji:
 - (a) l-allokkazzjoni annwali indikattiva ta' kull Fond f'kull programm operattiv, kif ġie stabbilit fil-qafas ta' referenza strateġiku nazzjonali, skond il-mudell fl-Anness XV;
 - (b) il-pjanijiet finanzjarji għall-programmi operattivi, skond il-mudell fl-Anness XVI;
 - (c) id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa u l-applikazzjonijiet għall-ħlas, skond il-mudell fl-Anness X;
 - (d) it-tbassir annwali tal-ħlas tan-nefqa probabbli, skond il-mudell fl-Anness XVII;
 - (e) it-taqsimha finanzjarja tar-rapporti annwali u tar-rapporti finali dwar l-implimentazzjoni, skond il-mudell fil-punt 2 ta' l-Anness XVIII.
2. B'żieda mal-paragrafu 1, is-sistema tal-kompjuter għall-iskambju tad-*data* għandha tinkludi mill-inqas id-dokumenti u d-*data* ta' interess komuni li ġejjin li jippermettu li jkun hemm monitoraġġ:
 - (a) il-qafas ta' referenza strateġiku nazzjonali li jissewma fl-Artikolu 27(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006;
 - (b) id-*data* li tistabbilixxi l-konformità ma' l-addizzjonalità, skond il-mudell fl-Anness XIX;
 - (c) il-programmi operattivi, inkluża d-*data* li tikkonċerna l-kategorizzazzjoni skond il-mudell fil-Parti B ta' l-Anness II u skond it-tabelli stabbiliti fil-Parti A ta' l-Anness II;
 - (d) id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jikkonċernaw il-kontribuzzjoni tal-Fondi;
 - (e) it-talbiet għall-ghajjnuna għall-proġetti maġġuri li jissemmew fl-Artikoli 39 sa 41 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, skond l-Annessi XXI u XXII ta' dan ir-Regolament, flimkien mad-*data* magħżula minn dawn l-Annessi li ġiet identifikata fl-Anness XX;
 - (f) ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni skond l-Anness XVIII għal dan ir-Regolament, inkluża d-*data* li tikkonċerna l-kategorizzazzjoni skond il-mudell fil-Parti C ta' l-Anness II, u skond it-tabelli stabbiliti fil-Parti A ta' l-Anness II;
 - (g) id-*data* dwar il-parteċipanti fl-operazzjonijiet tal-ESF skond il-prijorità, skond il-mudell fl-Anness XXIII;

- (h) id-deskrizzjoni dwar is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll, skond il-mudell fl-Anness XII;
 - (i) l-istrateġija ta' verifika, skond il-mudell indikat fl-Anness V;
 - (j) ir-rapporti u l-opinjoni dwar il-verifiki, skond il-mudelli fl-Annessi VI, VII, VIII, IX u XIII, u l-korrispondenza bejn il-Kummissjoni u kull Stat Membru;
 - (k) id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa li jikkonċernaw l-għeluq parzjali, skond il-mudell fl-Anness XIV;
 - (l) id-dikjarazzjoni annwali dwar l-ammonti rtirati u rkuprati u dwar l-irkupri pendenti, skond l-Anness XI;
 - (m) il-pjan ta' komunikazzjoni li jissema fl-Artikolu 2.
3. Id-*data* li tisemma fil-paragrafi 1 u 2, fejn japplika, għandha tiġi trażmessa fil-format mogħti fl-Annessi.

Artikolu 41

Il-funzjonament tas-sistema tal-kompjuter għall-iskambju tad-data

1. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet maħtura mill-Istat Membru skond ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, kif ukoll il-korpi li lihom ġie ddelegat dak il-kompitu, għandhom jirreġistraw fis-sistema tal-kompjuter għall-iskambju tad-*data* d-dokumenti li għalihom dawn huma responsabbli, u kwalunkwe aġġornament għalihom, fil-format meħtieġ.
2. L-Istati Membri għandhom jiċċentralizzaw u jibagħtu lill-Kummissjoni t-talbiet għad-drittijiet ta' aċċess għas-sistema tal-kompjuter għall-iskambju tad-*data*.
3. L-iskambji tad-*data* u t-tranżazzjonijiet għandu jkollhom fuqhom firma elettronika fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 1999/93/KE. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jirrikonoxxu l-effikaċja u l-ammissibilità legali tal-firma elettronika użata fis-sistema tal-kompjuter għall-iskambju tad-*data* bħala evidenza fi proċedimenti legali.
4. L-ispiża biex tiġi żviluppata s-sistema tal-kompjuter għall-iskambju tad-*data* għandha tiġi ffinanzjata mill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej taħt l-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006. Kwalunkwe spiża ta' *interface* bejn is-sistema komuni tal-kompjuter għall-iskambju tad-*data* u s-sistemi tal-kompjuter nazzjonali, reġjonali u lokali, u kwalunkwe spiża biex is-sistemi nazzjonali, reġjonali u lokali jiġu adattati għar-rekwiżiti taħt ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, għandha tkun eliġibbli taħt l-Artikolu 46 ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 42

It-trażmissjoni tad-data permezz tas-sistema tal-kompjuter għall-iskambju tad-data

1. Is-sistema tal-kompjuter għall-iskambju tad-data għandha tkun aċċessibbli għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni jew direttament jew permezz ta' *interface* għas-

sinkronizzazzjoni u għar-reġistrazzjoni awtomatika tad-data mas-sistemi ta' ġestjoni tal-kompjuter nazzjonali, reġjonali u lokali.

2. Id-data li għandha titqies biex id-dokumenti jiġu mgħoddija lill-Kummissjoni għandha tkun id-data meta l-Istat Membru jirreġistra d-dokumenti fis-sistema tal-kompjuter għall-iskambju tad-data.
3. F'każijiet ta' forza maġġuri, u b'mod partikolari ta' funzjonament ħażin tas-sistema tal-kompjuter għall-iskambju tad-data jew ta' nuqqas ta' konnessjoni dejjiema, l-Istat Membru konċernat jista' jgħaddi lill-Kummissjoni d-dokumenti meħtieġa mir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 f'kopja stampata, billi jintużaw il-formoli stabbiliti fl-Annessi II, V, VI, VII, IX, X, XII, XIII, XIV, XV, XVI, XVII, XVIII, XIX, XX, XXI, XXII u XXIII għal dan ir-Regolament. Hekk kif tintemm il-kawża ta' forza maġġuri, l-Istat Membru għandu jirreġistra mingħajr dewmien id-dokumenti korrispondenti fis-sistema tal-kompjuter għall-iskambju tad-data.

Bħala deroga mill-paragrafu 2, id-data tal-bgħit titqies li hija d-data ta' meta jintbagħtu d-dokumenti f'kopja stampata.

Taqsim 8 **L-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja.**

Artikolu 43

Id-dispożizzjonijiet ġenerali li japplikaw għall-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja

1. L-Artikoli 43 sa 46 għandhom japplikaw għall-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja fil-forma ta' azzjonijiet li jagħmlu investimenti rimborżabbli, jew li jipprovdu garanziji għall-investimenti rimborżabbli, jew it-tnejn li huma, f' li ġej:
 - (a) l-intrapriżi, primarjament f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), inklużi l-mikro-intrapriżi, kif iddefiniti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE²¹ fl-1 ta' Jannar 2005, fil-każ ta' strumenti ta' inġinerija finanzjarja għajr il-fondi għall-iżvilupp urban;
 - (b) is-sħubiji bejn il-pubbliku u l-privat jew proġetti urbani oħra inklużi fi pjanijiet integrati għal żvilupp urban sostenibbli, fil-każ ta' fondi għall-iżvilupp urban.
2. Meta l-Fondi Strutturali jiffinanzjaw operazzjonijiet li jinkludu strumenti ta' inġinerija finanzjarja, inklużi dawk organizzati permezz ta' fondi *holding*, għandu jitressaq pjan ta' negozju mill-imsieħba tal-ko-finanzjament jew mill-azzjonisti jew mir-rappreżentant awtorizzat tagħhom.

Il-pjan ta' negozju għandu jispeċifika mill-inqas dawn li ġejjin:

- (a) is-suq immirat ta' l-intrapriżi jew tal-proġetti urbani u l-kriterji, it-termini u l-kondizzjonijiet għall-finanzjament tagħhom;
- (b) il-baġit operattiv ta' l-istrument ta' inġinerija finanzjarja;

²¹ ĠU L 124 20.5.2003, p. 36.

- (c) is-sjieda ta' l-istrument ta' inġinerija finanzjarja;
- (d) l-imsieħba tal-ko-finanzjament jew l-azzjonisti;
- (e) ir-regolamenti ta' l-istrument ta' inġinerija finanzjarja;
- (f) id-dispożizzjonijiet dwar il-professjonaliżmu, il-kompetenza u l-indipendenza tal-ġestjoni;
- (g) il-ġustifikazzjoni u l-użu intenzjonat tal-kontribuzzjoni mill-Fondi Strutturali;
- (h) il-politika ta' l-istrument ta' inġinerija finanzjarja li tikkonċerna l-ħruġ mill-investimenti f' intrapriżi jew fi proġetti urbani;
- (i) id-dispożizzjonijiet dwar ix-xoljiment ta' l-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja, inkluż ir-riutilizzazzjoni tar-riżorsi li ġew irritornati lill-istrument ta' inġinerija finanzjarja mill-investimenti jew li għad fadal wara li ġew onorati l-garanziji kollha, li jistgħu jiġu attribwiti għall-kontribuzzjoni mill-programm operattiv.

Il-pjan ta' negozju għandu jiġi vvalutat u l-implimentazzjoni tiegħu għandha tiġi sorveljata minn jew taħt ir-responsabbiltà ta' l-Istat Membru jew ta' l-awtorità ta' ġestjoni.

Il-valutazzjoni tal-vijabilità ekonomika ta' l-attivitajiet ta' investiment ta' l-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja għandha tqis s-sorsi tad-dħul kollha ta' l-intrapriżi kkonċernati.

3. L-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja, inklużi l-fondi *holding*, għandhom jiġu stabbiliti bħala entitajiet legali indipendenti li jiġu rregolati minn ftehimiet bejn l-imsieħba tal-ko-finanzjament jew mill-azzjonisti jew bħala blokk separat ta' finanzi fi ħdan istituzzjoni finanzjarja.

Fejn l-istrument ta' inġinerija finanzjarja jiġi stabbilit fi ħdan istituzzjoni finanzjarja, għandu jiġi stabbilit bħala blokk separat ta' finanzi, soġġett għar-regoli ta' implimentazzjoni speċifiċi fi ħdan l-istituzzjoni finanzjarja, li jistipulaw, b'mod partikolari, li għandhom jinżammu kontijiet separati li jiddistingwu r-riżorsi l-ġodda li ġew investiti fl-istrument ta' inġinerija finanzjarja, inklużi dawk li ġew ikkontribwiti mill-programm operattiv, minn dawk li kienu disponibbli fil-bidu fl-istituzzjoni.

Il-Kummissjoni mhux se ssir imsieħba ta' ko-finanzjament jew azzjonista fl-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja.

4. L-ispejjeż ta' ġestjoni ma jistgħux jeċċedu, fuq medja annwali, għal kemm iddum għaddejja l-ghajjuna, kwalunkwe limitu minn dawn li ġejjin, sakemm ma jidhirx li wara sejħa kompetittiva għall-offerti persentaġġ ogħla jkun tassew meħtieġ:
- (a) 2% tal-kapital ikkontribwit mill-programm operattiv għall-fondi *holding*, jew tal-kapital ikkontribwit mill-programm operattiv jew mill-fond *holding* għall-fondi ta' garanzija;

- (b) 3% tal-kapital ikkontribwit mill-programm operattiv jew mill-fond *holding* għall-istrument ta' inġinerija finanzjarja fil-każijiet l-oħra kollha, ħlief għall-istrumenti ta' mikro-kreditu diretti lejn il-mikro-intrapriżi;
 - (c) 4% tal-kapital ikkontribwit mill-programm operattiv jew mill-fond *holding* għall-istrumenti ta' mikro-kreditu diretti lejn il-mikro-intrapriżi.
5. It-termini u l-kondizzjonijiet għall-kontribuzzjonijiet mill-programmi operattivi għall-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim ta' finanzjament, li għandu jiġi konkluż bejn ir-rappreżentant ta' l-istrument ta' inġinerija finanzjarja li nġhata mandat kif inhu xieraq u l-Istat Membru jew l-awtorità ta' ġestjoni.
6. Il-ftehim ta' finanzjament li jissema fil-paragrafu 5 għandu jinkludi mill-inqas:
- (a) l-istrateġija u l-ippjanar ta' l-investment;
 - (b) il-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni skond ir-regoli applikabbli;
 - (c) il-politika ta' frug għall-kontribuzzjoni mill-programm operattiv 'il barra mill-istrument ta' inġinerija finanzjarja;
 - (d) id-dispożizzjonijiet dwar ix-xoljiment ta' l-istrument ta' inġinerija finanzjarja, inkluża r-riutilizzazzjoni tar-riżorsi li ġew irritornati lill-istrument ta' inġinerija finanzjarja mill-investimenti jew li għad fadal wara li ġew onorati l-garanziji kollha, li jistgħu jiġu attribwiti għall-kontribuzzjoni mill-programm operattiv.
7. L-awtoritajiet ta' ġestjoni għandhom jieħdu l-prekawżjonijiet biex jimminimizzaw it-tagħwiġ tal-kompetizzjoni fil-kapital ta' riskju jew fis-swieq tas-self.

Il-profitti mill-investimenti ta' l-ishma u mis-self, mingħajr is-sehem *pro rata* ta' l-ispejjeż ta' ġestjoni u għall-inċentivi ta' prestazzjoni, jistgħu jiġu allokatu b'mod preferenzjali lill-investituri li joperaw taħt il-prinċipju ta' investitur fl-ekonomija tas-suq, sal-livell ta' remunerazzjoni stabbilit fir-regolamenti ta' l-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja, u mbagħad għandhom jiġu allokatu proporzjonalment fost l-imsieħba tal-ko-finanzjament jew l-azzjonisti kollha.

Artikolu 44

Id-dispożizzjonijiet addizzjonali li japplikaw għall-fondi holding

1. Fejn il-Fondi Strutturali jiffinanzjaw strumenti ta' inġinerija finanzjarja organizzati permezz ta' fondi *holding*, l-Istat Membru jew l-awtorità ta' ġestjoni għandha tikkonkludi ftehim ta' finanzjament mal-fond *holding*, li jstabbilixxi l-arranġamenti u l-għanijiet tal-finanzjament.

Il-ftehim tal-finanzjament għandu, fejn xieraq, iqis li ġej:

- (a) rigward l-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja għajr il-fondi ta' l-iżvilupp urban, il-konklużjonijiet ta' evalwazzjoni tad-differenzi bejn il-provvista ta' strumenti ta' din ix-xorta għal u d-domanda għal strumenti ta' din ix-xorta mill-SMEs;

- (b) rigward il-fondi ta' l-iżvilupp urban, l-istudji dwar l-iżvilupp urban jew l-evalwazzjonijiet u l-pjanijiet integrati ta' l-iżvilupp urban inklużi fil-programmi operattivi.
2. B'mod partikolari, il-ftehim tal-finanzjament li jissema fil-paragrafu 1 għandu jagħmel dispożizzjoni għal:
- (a) it-termini u l-kondizzjonijiet għall-kontribuzzjonijiet mill-programm operattiv għall-fond *holding*;
 - (b) sejħa għal espressjoni ta' interess indirizzata lill-intermedjarji finanzjarji jew għall-fondi ta' l-iżvilupp urban;
 - (c) il-valutazzjoni, l-għażla u l-akkreditament ta' l-intermedjarji finanzjarji jew tal-fondi ta' l-iżvilupp urban mill-fond *holding*;
 - (d) l-istabbiliment u l-monitoraġġ tal-politika ta' investiment jew tal-pjanijiet u ta' l-azzjonijiet immirati ta' l-iżvilupp urban;
 - (e) ir-rappurtaġġ mill-fond *holding* lill-Istati Membri jew lill-awtoritajiet ta' ġestjoni;
 - (f) il-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni ta' l-investimenti skond ir-regoli applikabbli;
 - (g) ir-reqwiziti tal-verifika;
 - (h) il-politika ta' ħruġ tal-fond *holding* barra mill-fondi tal-kapital ta' riskju, mill-fondi ta' garanzija, mill-fondi tas-self jew mill-fondi ta' l-iżvilupp urban;
 - (i) id-dispożizzjonijiet dwar ix-xoljiment tal-fond *holding*, inkluża r-riutilizzazzjoni tar-riżorsi li ġew irritornati lill-istrument ta' inġinerija finanzjarja mill-investimenti magħmula jew li għad fadal wara li ġew onorati l-garanziji kollha, li jistgħu jiġu attribwiti għall-kontribuzzjoni mill-programm operattiv.

Il-politika ta' l-investiment li tisemma fil-punt (d) għandha tinkludi mill-inqas indikazzjoni ta' l-intrapriżi mmirati u tal-prodotti ta' inġinerija finanzjarja li għandhom jiġu appoġġjati.

3. It-termini u l-kondizzjonijiet għall-kontribuzzjonijiet għall-fondi tal-kapital ta' riskju għall-fondi ta' garanzija, għall-fondi ta' self u għall-fondi ta' l-iżvilupp urban mill-fondi *holding* appoġġjati mill-programmi operattivi, se jiġu stabbiliti fi ftehim ta' finanzjament, li għandu jiġi konkluż bejn il-fond tal-kapital ta' riskju, il-fond ta' garanzija, il-fond ta' self jew il-fond ta' l-iżvilupp urban, min-naħa waħda, u mill-fond *holding*, min-naħa l-oħra.

Il-ftehim ta' finanzjament għandu jinkludi mill-inqas l-elementi li ġew elenkati fl-Artikolu 43(6).

*Artikolu 45**Id-dispożizzjonijiet addizzjonali li japplikaw għall-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja għajr għall-fondi holding u għall-fondi ta' l-iżvilupp urban*

L-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja għajr għall-fondi *holding* u għall-fondi ta' l-iżvilupp urban għandhom jinvestu fl-intrapriżi, primarjament fl-SMEs. Investimenti ta' din ix-xorta jistgħu jsiru biss fl-istabbiliment, fl-istadji bikrija, inkluż il-kapital inizjali, jew matul l-espansjoni ta' dawk l-intrapriżi, u biss f'attivitajiet fejn il-maniġers ta' l-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja jqisu bħala potenzjalment vijabbli mil-lat ekonomiku.

Dawn m'għandhomx jinvestu f'ditti li jinsabu f'diffikultà fi ħdan t-tifsira tal-Linji ta' Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna ta' l-Istat biex jiġu salvati u ristrutturati ditti f'diffukultà²² fl-10 ta' Ottubru 2004.

*Artikolu 46**Id-dispożizzjonijiet addizzjonali li japplikaw għall-fondi ta' l-iżvilupp urban*

1. Meta l-Fondi Strutturali jiffinanzjaw fondi ta' l-iżvilupp urban, dawk il-fondi għandhom jinvestu fi sħubiji bejn il-pubbliku u l-privat jew fi proġetti oħrajn inklużi fi pjan integrat għal żvilupp urban sostenibbli. Sħubiji bejn il-pubbliku u l-privat jew proġetti oħra ta' din ix-xorta m'għandhomx jinkludu l-ħolqien u l-iżvilupp ta' strumenti finanzjarji bħalma huma l-kapital ta' riskju, il-fondi ta' self u dawk ta' garanzija.
2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, il-fondi ta' l-iżvilupp urban għandhom jinvestu permezz ta' ishma, self u garanziji.

Il-proġetti urbani li jirċievu għajnuna f'għotjiet minn programm operattiv jistgħu wkoll jiġu appoġġjati bil-fondi ta' l-iżvilupp urban.

3. Meta l-Fondi Strutturali jiffinanzjaw fondi ta' l-iżvilupp urban, il-fondi kkonċernati m'għandhomx jiffinanzjaw mill-ġdid l-akkwisti jew il-parteċipazzjonijiet fi proġetti diġà kompluti.

KAPITOLU III
DISPOŻIZZJONIJIET LI JIMPLIMENTAW IR-REGOLAMENT (KE)
NRU 1080/2006

Taqsim 1

L-eliġibilità tan-nefqa fuq l-akkommodazzjoni

*Artikolu 47**L-interventi fil-qasam ta' l-akkommodazzjoni*

1. Iż-żoni magħżula għall-operazzjonijiet ta' akkommodazzjoni li jissemmew fil-punt (a) ta' l-Artikolu 7 (2) tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 għandhom ikunu

²² ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.

konformi ma' mill-inqas tlieta mill-kriterji li ġejjin, bi tnejn minnhom li għandhom ikunu fost dawk elenkati fil-punti (a) sa (h):

- (a) livell għoli ta' faqar u esklużjoni;
- (b) livell għoli ta' qgħad tul perjodu twil ta' żmien;
- (c) xejriet demografiċi prekarji;
- (d) livell baxx ta' edukazzjoni, nuqqasijiet sinifikanti fil-ħiliet u rati għoljin ta' studenti li jħallu l-iskola;
- (e) livell għoli ta' kriminalità u delinkwenza;
- (f) ambjent partikolarment ta' telqa;
- (g) livell baxx ta' attività ekonomika;
- (h) numru għoli ta' imemigranti, gruppi etniċi u ta' minoranzi, jew refuġjati;
- (i) livell komparattivament baxx ta' valur ta' l-akkommodazzjoni;
- (j) livell baxx fil-prestazzjoni ta' l-enerġija fil-bini.

Il-valuri għall-kriterji li ġew stabbiliti fl-ewwel sottoparagrafu għandhom jinġabru fuq livell nazzjonali minn kull Stat Membru kkonċernat.

Il-valuri tal-livelli ta' referenza' għal kull kriterju għandhom jiġu ddeterminati fi sħubija bejn il-Kummissjoni u kull Stat Membru.

2. L-interventi li ġejjin biss għandhom ikunu eliġibbli taħt il-punt (c) ta' l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006:

- (a) ir-rinnovazzjoni ta' partijiet komuni ta' bini residenzjali għal aktar minn familja waħda, kif ġej:
 - (i) l-arranġament mill-ġdid tal-partijiet strutturali prinċipali tal-bini li ġejjin: is-saqaf, il-faċċata, it-twieqi u l-bibien tal-faċċata, it-taraġ, il-kuritur ta' ġewwa u ta' barra, l-entrati u l-partijiet ta' barra tagħhom, il-lift;
 - (ii) l-installazzjonijiet tekniċi tal-bini;
 - (iii) l-azzjonijiet ta' effiċjenza fl-enerġija.
- (b) il-konsenja ta' akkommodazzjoni soċjali moderna ta' kwalità tajba permezz tar-rinnovazzjoni u tal-bidla fl-użu ta' bini eżistenti li jkun proprjetà ta' awtoritajiet pubbliċi jew ta' operaturi li joperaw mingħajr skop ta' profitt.

Taqsimha 2
Ir-regoli ta' l-eliġibilità li japplikaw għall-programmi operattivi għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea

Artikolu 48
Ir-regoli dwar l-Eliġibilità tan-Nefqa

Mingħajr preġudizzju għal-lista ta' nefqa mhux eliġibbli taħt l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006, għandhom japplikaw l-Artikoli 49 sa 53 ta' dan ir-Regolament skond l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 għad-determinazzjoni ta' l-eliġibilità tan-nefqa taħt l-operazzjonijiet magħżula bħala parti minn programm operattiv taħt l-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea.

Artikolu 49
Il-ħlasijiet finanzjarji u l-ispejjeż tal-garanzija

Il-ħlasijiet u spejjeż li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-ERDF:

- (a) Il-ħlasijiet għal tranżazzjonijiet finanzjarji transnazzjonali;
- (b) Fejn l-implimentazzjoni ta' operazzjoni teħtieġ li jinfetaħ jew jinfetħu kont jew kontijiet separati, għandhom ikunu eliġibbli l-ispejjeż bankarji biex jinfetaħ u jiġi amministrat il-kont jew il-kontijiet.
- (c) Il-ħlasijiet tal-konsulenza legali, il-ħlasijiet notarili, l-ispejjeż ta' l-esperti tekniċi u finanzjarji, u l-ispejjeż tal-kontabbiltà u tal-verifika għandhom ikunu eliġibbli, jekk ikunu marbutin ma' l-operazzjoni ko-finanzjata u jkunu meħtieġa għat-tnejn jew għall-implimentazzjoni tagħha jew, fil-każ ta' l-ispejjeż tal-kontabbiltà u tal-verifika, jekk ikunu relatati mar-reqwiziti imposti mill-awtorità ta' ġestjoni.
- (d) L-ispiża tal-garanzija li jingħataw mill-bank jew minn istituzzjoni finanzjarja oħra għandha tkun eliġibbli sakemm il-garanzija jkunu meħtieġa mil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew Komunitarja.

Il-multi, il-pieni finanzjarji u n-nefqa dwar il-kwistjonijiet legali m'għandhomx ikunu eliġibbli.

Artikolu 50
In-nefqa mill-awtoritajiet pubbliċi li hija relatata ma' l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet

1. Minbarra l-għajnuna teknika għall-programm operattiv skond l-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, għandha tkun eliġibbli n-nefqa li ġejja, li tiffallas mill-awtoritajiet pubbliċi fit-tnejn jew fl-implimentazzjoni ta' operazzjoni:
 - (a) l-ispejjeż tas-servizzi professjonali provduti minn awtorità pubblika għajr il-benefiċjarju fit-tnejn jew fl-implimentazzjoni ta' operazzjoni;
 - (b) l-ispejjeż tal-provvista tas-servizzi li huma relatati mat-tnejn u ma' l-implimentazzjoni ta' operazzjoni provduti minn awtorità pubblika li tkun hija

stess il-benefiċjarju u li tkun qed teżegwixxi operazzjoni għaliha stess mingħajr rikors għall-fornituri ta' servizzi minn barra.

2. L-awtorità pubblika kkonċernata għandha jew toħroġ fattura ta' l-ispejjeż li jissemmew fil-punt (a) tal-paragrafu 1 lill-benefiċjarju jew tiċċertifika dawk l-ispejjeż fuq il-bażi ta' dokumenti ta' valur probatorju ekwivalenti li jippermettu l-identifikazzjoni ta' l-ispejjeż reali li tħallsu minn dik l-awtorità għal dik l-operazzjoni.
3. L-ispejjeż li jissemmew fil-punt (b) tal-paragrafu 1 għandhom ikunu eliġibbli jekk ikunu spejjeż addizzjonali u jkunu relatati jew man-nefqa li tħallset effettivament u direttament għall-operazzjoni ko-finanzjata jew inkella ma' kontribuzzjonijiet *in natura*, kif jissemma fl-Artikolu 51.

Dawk l-ispejjeż għandhom jiġu ċċertifikati permezz ta' dokumenti li jippermettu l-identifikazzjoni ta' l-ispejjeż reali li tħallsu jew tal-kontribuzzjonijiet *in natura* provduti mill-awtorità pubblika kkonċernata għal dik l-operazzjoni.

Artikolu 51

Il-kontribuzzjonijiet in natura

1. Il-kontribuzzjonijiet *in natura* ta' benefiċjarju pubbliku jew privat għandhom ikunu nefqa eliġibbli jekk jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) jikkonsistu fil-provvista ta' art jew ta' proprjetà ta' beni immobbli, f'taġħmir jew f'materja prima, f'riċerka jew f'xogħol professjonali jew f'xogħol volontarju bla ħlas;
 - (b) il-valur taġħhom jista' jiġi vvalutat u vverifikat b'mod indipendenti.
2. Fil-każ tal-provvista ta' art jew ta' proprjetà ta' beni immobbli, il-valur għandu jiġi ċċertifikat minn stimatur indipendenti kkwalifikat jew minn korp uffiċjali awtorizzat kif inhu xieraq.
3. Fil-każ ta' xogħol volontarju bla ħlas, il-valur ta' dak ix-xogħol għandu jiġi ddeterminat billi jitqiesu l-ħin li wieħed iqatta' fuqu kif ukoll ir-rati fis-siegħa jew ta' kuljum ta' remunerazzjoni għal xogħol ekwivalenti.

Artikolu 52

L-ispejjeż ġenerali

L-ispejjeż ġenerali għandhom ikunu eliġibbli sakemm ikunu bbażati fuq spejjeż reali li jistgħu jiġu attribwiti lill-implimentazzjoni ta' l-operazzjoni kkonċernata jew fuq l-ispejjeż reali medji li jistgħu jiġu attribwiti lil operazzjonijiet ta' l-istess tip.

Ir-rati fissi bbażati fuq l-ispejjeż medji ma jistgħux jeċċedu l-25% ta' dawk l-ispejjeż diretti ta' operazzjoni li jistgħu jaffettwaw il-livell ta' l-ispejjeż ġenerali. Il-kalkulazzjoni tar-rati fissi għandha tiġi ddokumentata kif inhu xieraq u għandha tiġi riveduta perjodikament.

Artikolu 53
Id-deprezzament

In-nefqa tad-deprezzament ta' l-assi deprezzabbli użati direttament għal operazzjoni, u li ssir matul il-perjodu tal-ko-finanzjament tagħha, għandha tkun eliġibbli, sakemm l-akkwist ta' l-assi ma jiġix iddikjarat bħala nefqa eliġibbli.

KAPITOLU IV ID-DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 54 *Revoka*

1. Ir-Regolamenti (KE) Nru 1681/94, (KE) Nru 1159/2000, (KE) Nru 1685/2000, (KE) Nru 438/2001 u (KE) Nru 448/2001 b'dan qed jiġu revokati.

Ir-referenzi għar-Regolamenti revokati għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti revokati għandhom ikomplu japplikaw għall-għajnuna li ġiet approvata taħt ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999.

2. Ir-Regolamenti (KE) Nru 1831/94, (KE) Nru 1386/2002, (KE) Nru 16/2003 u (KE) Nru 621/2004 b'dan qed jiġu revokati.

Ir-referenzi għar-Regolamenti revokati għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti revokati għandhom ikomplu japplikaw għad-deċiżjonijiet li ġew adottati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1164/94.

Artikolu 55 *Id-dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-8 ta' Diċembru 2006,

Għall-Kummissjoni
Danuta HÜBNER
Membri tal-Kummissjoni

LISTA TA' L-ANNESI


List of annexes	44
ANNEX I.....	45
ANNEX II.....	48
Parti B: L-analiżi statistika indikattiva tal-kontribuzzjoni Komunitarja skond il-kategorija fil-programm operattiv.....	56
Parti C: L-analiżi statistika kumulattiva ta' l-allokkazzjonijiet tal-kontribuzzjoni Komunitarja skond il-kategorija fir-rapport annwali u dak finali dwar l-implimentazzjoni.....	57
ANNEX III	58
ANNEX IV	61
ANNEX V	62
ANNEX VI	65
ANNEX VII.....	68
ANNEX VIII	70
ANNEX IX	77
ANNEX X	78
ANNEX XI	79
ANNEX XII.....	81
ANNEX XIII	82
ANNEX XIV	84
ANNEX XV.....	85
ANNEX XVI	87
ANNEX XVII.....	90
ANNEX XVIII.....	91
ANNEX XIX	92
ANNEX XX.....	94
ANNEX XXI	97
ANNEX XXII.....	98
ANNEX XXIII.....	99

ANNEX I**L-istruzzjonijiet għall-ħolqien ta' l-emblema u definizzjoni tal-kuluri standard****DESKRIZZJONI SIMBOLIKA**

Fuq sfond ta' sema blù, tmax-il stilla tad-deheb jiffurmaw ċirku li jirrappreżenta l-unjoni tal-popli ta' l-Ewropa. In-numru ta' l-istilel huwa fiss, bit-tmax ikun is-simbolu tal-perfezzjoni u ta' l-unità.

DESKRIZZJONI ARALDIKA

Fuq sfond kaħlani, ċirku ta' tmax-il stilla tad-deheb, bil-ponot tagħhom ma jmissux ma' xulxin.

DESKRIZZJONI ĠEOMETRIKA

L-emblema għandha l-forma ta' bandiera rettangolari blù li l-parti tagħha li ttir tkun darba u nofs iktar mit-tul tal-parti l-eqreb lejn l-arblu. Tmax-il stilla tad-deheb li jinsabu f'intervalli ndaq jiffurmaw ċirku inviżibbli li ċ-ċentru tiegħu huwa l-punt ta' intersezzjoni tad-djagonali tar-rettangolu. Ir-radju taċ-ċirku huwa daqs terz ta' l-għoli tal-parti tal-bandiera l-eqreb lejn l-arblu. Kull waġda mill-istilel għandha ħames ponot li jinsabu fuq iċ-ċirkonferenza ta' ċirku inviżibbli li r-radju tiegħu huwa daqs parti minn tmintax ta' l-għoli tal-parti tal-bandiera l-eqreb lejn l-arblu. L-istilel kollha huma weqfin, jiġifieri b'ponta waħda vertikali u b'żewġ ponot f'linja dritta f'angolu perpendikulari għall-arblu. Iċ-ċirku qiegħed b'tali mod li l-istilel jidhru fil-pożizzjoni tas-siġhat fuq il-wiċċ ta' arloġġ. In-numru tagħhom huwa fiss.

IL-KULURI SKOND IR-REGOLAMENT

L-emblema għandha l-kuluri li ġejjin:

RIFLESS BLÙ PANTONE għas-superfiċje tar-rettangolu;

ISFAR PANTONE għall-istilel.

Il-proċess ta' erba' kuluri

Jekk jintuża l-proċess ta' erba' kuluri, oħloq mill-ġdid iż-żewġ kuluri standard billi tuża l-erba' kuluri tal-proċess ta' erba' kuluri.

L-ISFAR PANTONE jinkiseb billi jintuża 100% "Isfar tal-Proċess".

Ir-RIFLESS BLÙ PANTONE jinkiseb billi tħallat 100% "Cyan (blù ħadrani) tal-Proċess" u 80% "Maġenta tal-Proċess".

L-INTERNET

Fil-paletta tal-kuluri ta' l-internet, ir-RIFLESS BLÙ PANTONE jikkorrispondi għall-kulur RGB:0/0/153 (eżadeċimali: 000099) u l-ISFAR PANTONE għall-kulur RGB:255/204/0 (eżadeċimali: FFCC00).

IL-PROĊESS TAR-RIPRODUZZJONI MONOKROMATIKA

Billi tuża l-iswed, immarka l-kontorni tar-rettangolu bl-iswed u stampa l-istilel bl-iswed fuq l-abjad.



Billi tuża l-blù (ir-Rifless Blù), uża 100% bl-istilel riprodotti f'abjad negattiv.



IR-RIPRODUZZJONI FUQ SFOND IKKULURIT

Jekk mhemm l-ebda alternattiva għal sfond ikkulurit, qiegħed bordura bajda madwar ir-rettangolu, bil-wisa' tal-bordura tkun 1/25 ta' l-għoli tar-rettangolu.



—

ANNEX II**Il-kategorizzazzjoni ta' l-għajnuna tal-Fondi¹ għall-2007-2013****.Parti A: Il-Kodiċijiet skond id-Dimensjoni**

TABELLA 1: IL-KODIĊIJET GĦAD-DIMENSJONI TAT-TEMA PRIJORITARJA

Il-Kodiċi	It-tema prijoritarja
<i>Ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (R&TD), l-innovazzjoni u l-intraprenditorija</i>	
01	L-attivitajiet ta' R&TD fiċ-ċentri ta' riċerka
02	L-infrastruttura ta' R&TD (<i>inklużi l-impjant fiżiku, l-istrumentazzjoni u n-netwerks tal-kompjuter b'veloċità għolja li jillinkjaw iċ-ċentri ta' riċerka</i>) u ċentri ta' kompetenza f'teknoloġija speċifika
03	It-trasferiment tat-teknoloġija u t-titjib fin-netwerks ta' kooperazzjoni bejn in-negozji ż-żgħar (SMEs), bejn dawn u negozji oħra u l-universitajiet, l-istabbilimenti ta' l-edukazzjoni post-sekondarja tat-tipi kollha, l-awtoritajiet reġjonali, iċ-ċentri ta' riċerka u l-poli xjentifiċi u teknoloġiċi (<i>il-parks xjentifiċi u teknoloġiċi, it-teknopoli, eċċ.</i>)
04	L-għajnuna għall-R&TD, b'mod partikolari fl-SMEs (<i>inkluż l-aċċess għas-servizzi ta' R&TD fiċ-ċentri ta' riċerka</i>)
05	Is-servizzi ta' appoġġ avanzati għad-ditti u għall-gruppi ta' ditti
06	L-għajnuna lill-SMEs għall-promozzjoni ta' prodotti li jiffavorixxu l-ambjent u għall-proċessi tal-produzzjoni (<i>l-introduzzjoni ta' sistema effettiva ta' ġestjoni ambjentali, l-adozzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ta' prevenzjoni tat-tniġġiż, l-integrazzjoni ta' teknoloġiji nodfa fil-produzzjoni ta' ditta</i>)
07	L-investiment fid-ditti li huma marbutin direttament mar-riċerka u ma' l-innovazzjoni (<i>teknoloġiji innovattivi, l-istabbiliment ta' ditti ġodda mill-universitajiet, iċ-ċentri u d-ditti eżistenti tal-R&TD, eċċ.</i>)
08	Investiment ieħor fid-ditti
09	Miżuri oħrajn biex jingħata stimolu lir-riċerka u lill-innovazzjoni u lill-intraprenditorija fl-SMEs

¹ Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Soċjali Ewropew.

Is-soċjetà ta' l-informazzjoni

10	L-infrastrutturi tat-telefon (<i>inklużi n-networks broadband</i>)
11	It-teknoloġiji ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (<i>l-aċċess, is-sikurezza, l-interoperabilità, il-prevenzjoni tar-riskju, ir-riċerka, l-innovazzjoni, il-kontenut elettroniku, eċċ.</i>)
12	It-teknoloġiji ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (TEN-ICT)
13	Is-servizzi u l-applikazzjonijiet għaċ-ċittadin (<i>is-saħħa elettronika, il-gvern elettroniku, it-tagħlim elettroniku, l-inklużjoni elettronika, eċċ.</i>)
14	Is-servizzi u l-applikazzjonijiet għall-SMEs (<i>il-kummerċ elettroniku, l-edukazzjoni u t-taħriġ, in-networking, eċċ.</i>)
15	Miżuri oħra sabiex jitjiebu l-aċċess għal u l-użu effiċjenti ta' l-ICT mill-SMEs

It-trasport

16	Il-ferroviji
17	Il-ferroviji (TEN-T)
18	L-assi mobbli tal-ferrovija
19	L-assi mobbli tal-ferrovija (TEN-T)
20	L-awtostradi
21	L-awtostradi (TEN-T)
22	It-toroq nazzjonali
23	It-toroq reġjonali/lokali
24	Il-mogħdijiet għar-roti
25	It-trasport urban
26	It-trasport multimodali
27	It-trasport multimodali (TEN-T)
28	Is-sistemi ta' trasport intelliġenti
29	L-ajruporti
30	Il-portijiet
31	Il-passaġġi ta' l-ilma interni (<i>reġjonali u lokali</i>)

32	Il-passaġġi ta' l-ilma interni (TEN-T)
-----------	---

L-enerġija

33	L-elettriku
34	L-elettriku (TEN-E)
35	Il-gass naturali
36	Il-gass naturali (TEN-E)
37	Il-prodotti tal-petroleum
38	Il-prodotti tal-petroleum (TEN-E)
39	L-enerġija rinnovabbli: ir-riħ
40	L-enerġija rinnovabbli: tax-xemx
41	L-enerġija rinnovabbli: il-bijomassa
42	L-enerġija rinnovabbli: idroelettrika, ġeotermali u oħra
43	L-effiċjenza ta' l-enerġija, il-ko-ġenerazzjoni, il-ġestjoni ta' l-enerġija

Il-protezzjoni ambjentali u l-prevenzjoni tar-riskju

44	Il-ġestjoni ta' l-iskart domestiku u dak industrijali
45	Il-ġestjoni u d-distribuzzjoni ta' l-ilma (<i>l-ilma tax-xorb</i>)
46	It-trattament ta' l-ilma (<i>l-ilma għar-rimi</i>)
47	Il-kwalità ta' l-arja
48	Il-kontroll integrat tal-prevenzjoni u tat-tniġġiż
49	Il-mitigazzjoni u l-adattament għall-bidla fil-klima
50	Ir-riabilitazzjoni tas-siti industrijali u ta' l-art ikkontaminata
51	Il-promozzjoni tal-bijodiversità u l-protezzjoni tan-natura (<i>inkluża n-Natura 2000</i>)
52	Il-promozzjoni tat-trasport urban nadif
53	Il-prevenzjoni tar-riskju (<i>inkluż it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet u ta; miżuri sabiex jiġu pprevenuti u ġestiti r-riskji naturali u teknoloġiċi</i>)
54	Miżuri oħrajn sabiex jiġi ppreservat l-ambjent u jiġu pprevenuti r-riskji

It-turiżmu

55	Il-promozzjoni ta' l-assi naturali
56	Il-protezzjoni u l-iżvilupp tal-wirt naturali
57	Għajnuna oħra sabiex jittejbu s-servizzi turistiċi

Il-kultura

58	Il-protezzjoni u l-preservazzjoni tal-wirt kulturali
59	L-iżvilupp ta' l-infrastruttura kulturali
60	Għajnuna oħra sabiex jittejbu s-servizzi kulturali

Ir-riġenerazzjoni urbana u rurali

61	Il-proġetti integrati għar-riġenerazzjoni urbana u rurali
----	--

Iż-żjeda fl-adattabilità tal-ħaddiema u tad-ditti, ta' l-intrapriżi u ta' l-intraprendituri

62	L-iżvilupp ta' sistemi u ta' strateġiji ta' tagħlim tul il-ħajja fid-ditti; it-taħriġ u s-servizzi għall-impjegati biex iżidu l-adattabilità tagħhom għall-bidla; il-promozzjoni ta' l-intraprenditorija u ta' l-innovazzjoni
63	It-tfassil u t-tixrid ta' metodi innovattivi u aktar produttivi ta' kif jiġi organizzat ix-xogħol
64	L-iżvilupp ta' servizzi speċifiċi għall-impjegi, għat-taħriġ u għall-appoġġ b'rabta mar-ristrutturar tas-setturi u tad-ditti, u l-iżvilupp ta' sistemi biex jiġu antiċipati l-bidliet ekonomiċi u r-rekwiżiti futuri f'termini ta' impjegi u ta' ħliet

It-titjib fl-aċċess għall-impjegi u għa s-sostenibilità

65	Il-modernizzazzjoni u t-tisħiħ ta' l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol
66	L-implimentazzjoni ta' miżuri attivi u preventivi dwar is-suq tax-xogħol
67	Il-miżuri li jinkoraġġixxu tixjiħ attiv u li jtawlu l-ħajja fuq il-post tax-xogħol
68	L-appoġġ għall-impjieg indipendenti u għall-ftuħ ta' negozji
69	Il-miżuri sabiex jitjieb l-aċċess għall-impjegi u sabiex jiżiedu l-parteċipazzjoni u l-progress sostenibbli tan-nisa fid-dinja tax-xogħol biex titnaqqas is-segregazzjoni bbażata fuq is-sess fis-suq tax-xogħol, u sabiex jiġu rrikonċiljati ix-xogħol u l-ħajja privata, bħal meta jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kura tat-tfal u għall-kura tal-persuni dipendenti
70	Azzjoni speċifika sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-emigranti fl-impjegi u biex b'hekk tissaħħaħ l-integrazzjoni soċjali tagħhom

It-titjib ta' l-inklużjoni soċjali ta' persuni inqas iffavoriti

71	It-toroq għall-integrazzjoni u għad-dħul mill-ġdid ta' persuni żvantaġġjati fid-dinja tax-xogħol; il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni biex ikun hemm aċċess u progress fis-suq tax-xogħol, u l-promozzjoni ta' l-aċċettazzjoni tad-diversità fil-post tax-xogħol
-----------	---

It-titjib tal-kapital uman

72	It-tfassil, l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni tar-riformi fis-sistemi edukattivi u tat-taħriġ sabiex jiġi żviluppat l-impjegabbiltà, billi tittejjeb ir-rilevanza tas-suq tax-xogħol fl-edukazzjoni u fit-taħriġ inizjali u vokazzjonali, billi jiġu aġġornati l-ħiliet tal-persunal tat-taħriġ bl-għan ta' l-innovazzjoni u ta' ekonomija msejsa fuq l-għarfien
73	Il-miżuri biex tiżdied il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja, inkluż permezz ta' azzjoni biex jinkiseb tnaqqis fin-numru ta' tfal li jħallu l-iskola kmieni, fis-segregazzjoni tas-suġġetti bbażata fuq is-sess, u biex jiżdiedu l-aċċess għal u l-kwalità ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali inizjali u terzjarju
74	L-iżvilupp tal-potenzjal uman fil-qasam tar-riċerka u ta' l-innovazzjoni, b'mod partikolari permezz ta' studji <i>post-graduate</i> u ta' taħriġ għar-riċerkaturi, u b'attivitajiet ta' networking bejn l-universitajiet, iċ-ċentri ta' riċerka u n-negozji

L-investiment fl-infrastruttura soċjali

75	L-infrastruttura ta' l-edukazzjoni
76	L-infrastruttura tas-saħħa
77	L-infrastruttura tal-kura tat-tfal
78	L-infrastruttura ta' l-akkommodazzjoni
79	Infrastruttura soċjali oħra

Il-mobilizzazzjoni għar-riformi fl-oqsma ta' l-impjiegi u ta' l-inklużjoni

80	Il-promozzjoni ta' sħubiji, patti u inizjattivi permezz tan-netwerking tal-partijiet interessati rilevanti
-----------	---

It-tiżiħ tal-kapaċità istituzzjonali fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali

81	Il-mekkaniżmi għat-titjib tal-politika t-tajba u għat-tfassil tal-programmi, għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali, u għall-bini tal-kapaċitajiet fit-twassil ta' politiki u ta' programmi.
-----------	--

It-tnaqqis ta' l-ispejjeż addizzjonali li jfixklu l-iżvilupp ta' l-ibgħad reġjuni

82	Il-kumpens ta' kwalunkwe spiża addizzjonali minħabba d-defiċit ta' l-
-----------	--

	aċċessibilità u l-frammentazzjoni territorjali
83	L-azzjoni speċifika indirizzata sabiex jiġu kkompensati l-ispejjeż addizzjonali minħabba fatturi ta' daqs tas-suq
84	L-appoġġ sabiex jiġu kkompensati l-ispejjeż addizzjonali minħabba l-kondizzjonijiet tal-klima u d-diffikultajiet ta' l-ghajjnuna soċjali
	<i>L-ghajjnuna teknika</i>
85	It-tnejn, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-ispezzjoni
86	L-evalwazzjoni u l-istudji; l-informazzjoni u l-komunikazzjoni

TABELLA 2: IL-KODIĊIJET GĦAD-DIMENSJONI TAL-FORMA TAL-FINANZI

Il-Kodiċi	Il-forma tal-finanzi
01	L-ghajjnuna li mhix rimborżabbli
02	L-ghajjnuna (<i>self, sussidju fuq l-imgħax, garanziji</i>)
03	Il-kapital ta' riskju (<i>il-parteċipazzjoni, il-fond tal-kapital ta' riskju</i>)
04	Forom oħra ta' finanzi

TABELLA 3: IL-KODIĊIJET GĦAD-DIMENSJONI TERRITORJALI

Il-Kodiċi	It-tip ta' territorju
01	Urban
02	Il-muntanji
03	Il-gżejjer
04	Żoni li huma ftit li xejn u ferm ftit li xejn popolati
05	Iż-żoni rurali (<i>għajr il-muntanji, il-gżejjer jew iż-żoni li huma ftit li xejn u ferm ftit li xejn popolati</i>)
06	Il-fruntieri esterni ta' l-UE ta' qabel (<i>wara t-30.04.2004</i>)
07	L-ibgħad reġjun
08	Iż-żona ta' kooperazzjoni transkonfinali
09	Iż-żona ta' kooperazzjoni transnazzjonali

10	Iż-żona ta' kooperazzjoni interreġjonali
00	Ma japplikax

TABELLA 4: IL-KODIĊIJET GĦAD-DIMENSIJONI TA' L-ATTIVITÀ EKONOMIKA

Il-Kodiċi	L-attività ekonomika²
01	L-agrikoltura, il-kaċċa u l-foresterija
02	Is-sajd
03	Il-manifattura tal-prodotti alimentari u tax-xorb
04	Il-manifattura tat-tessuti u tal-prodotti tessili
05	Il-manifattura tat-tagħmir tat-trasport
06	Industriji tal-manifattura li mhumiex speċifikati
07	It-tħaffir fil-minjieri u t-tħaffir fil-barrieri għal materjali li jipproduċu l-enerġija
08	Il-provvista ta' l-elettriku, tal-gass, tal-fwar u ta' l-ilma sħun
09	Il-ġbir, il-purifikazzjoni u d-distribuzzjoni ta' l-ilma
10	Il-posta u l-mezzi ta' telekomunikazzjoni
11	It-trasport
12	Il-kostruzzjoni
13	In-negozju bl-ingrossa u bl-imnut
14	Il-lukandi u r-ristoranti
15	L-intermedjazzjoni finanzjarja
16	Il-proprjetà tal-beni immobbli, il-kiri u l-attivitàjiet tan-negozju
17	L-amministrazzjoni pubblika
18	L-edukazzjoni
19	L-attivitàjiet tas-saħħa tal-bniedem

² Ibbażata fuq il-klassifikazzjoni statistika ta' l-attivitàjiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE Rev. 1); ir-Regolament (KE) Nru 29/2002 tad-19.12.2001 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3037/90 tad-9.10.1990.

20	Ix-xogħol soċjali, is-servizzi fil-komunità, dawk soċjali u personali
21	L-attivitajiet marbuta ma' l-ambjent
22	Servizzi oħra li mhumiex speċifikati
00	Ma japplikax

TABELLA 5: IL-KODIĊIJET GĦAD-DIMENSJONI TAL-POST:

Kodiċi	Il-post ³
	Kodiċi tar-reġjun jew taż-żona fejn tinsab/titwettaq l-operazzjoni(Livell NUTS⁴ jew ieħor, jekk adattat, eż, intrakonfinali, transnazzjonali, inter-reġjonali)

³ Il-Qasam 4 ta' l-Anness III A.

⁴ Il-Kodiċijiet għal din id-dimensjoni jistgħu jinstabu fin-Nomenklatura ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistiċi (NUTS) li tidher fl-anness tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tas-26.05.2003, kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1888/2005 tas-26.10.2005.

Parti B: L-analiżi statistika indikattiva tal-kontribuzzjoni Komunitarja skond il-kategorija fil-programm operattiv

Nru ta' referenza tal-Kummissjoni: _____

L-isem tal-programm: _____

Id-data ta' l-aħħar deċiżjoni tal-Kummissjoni għall-Programm Operattiv ikkonċernat:

__ / __ / __

(f'euro)

(f'euro)

(f'euro)

Id-Dimensjoni 1 It-tema prijoritarja		Id-Dimensjoni 2 Il-forma tal-finanzi		Id-Dimensjoni 3 It-territorju	
Il-Kodiċi	L-Ammont	Il-Kodiċi	L-Ammont	Il-Kodiċi	L-Ammont
*	**	*	**	*	**
Total		Total		Total	

* Il-kategoriji għandhom ikunu kkodifikati għal kull dimensjoni, billi tintuża l-klassifikazzjoni standard.

** L-ammont smat tal-kontribuzzjoni Komunitarja għal kull kategorija.

ANNEX III**Il-lista tad-data dwar l-operazzjonijiet li għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni meta ssir talba għaliha għall-iskop ta' kontrolli dokumentarji u fil-post taħt l-Artikolu 14**

A. Id-data dwar l-operazzjonijiet (skond id-deċiżjoni ta' l-approvazzjoni, kif ġiet emendata))
Qasam 1. Il-kodiċi CCI tal-programm operattiv
Qasam 2. In-numru tal-prijorità
Qasam 3. L-isem tal-Fond
Qasam 4. Il-kodiċi tar-reġjun jew taż-żona fejn tinstab/qed titwettaq l-operazzjoni (il-Livell NUTS jew ieħor jekk adattat)
Qasam 5. L-awtorità ta' ċertifikazzjoni
Qasam 6. L-awtorità ta' ġestjoni
Qasam 7. Il-korp intermedju li jiddikjara n-nefqa lill-awtorità ta' ċertifikazzjoni, jekk japplika
Qasam 8. In-numru tal-kodiċi uniku ta' l-operazzjoni
Qasam 9. Deskrizzjoni qasira ta' l-operazzjoni
Qasam 10. Id-data tal-bidu ta' l-operazzjoni
Qasam 11. Id-data tat-tmiem ta' l-operazzjoni
Qasam 12. Il-korp li joħroġ d-deċiżjoni ta' l-approvazzjoni
Qasam 13. Id-data ta' l-approvazzjoni
Qasam 14. Ir-referenza tal-benefiċjarju
Qasam 15. Il-munita (jekk mhux euro)
Qasam 16. L-ispiża totali ta' l-operazzjoni ¹
Qasam 17. In-nefqa totali eliġibbli ²
Qasam 18. In-nefqa pubbliku totali eliġibbli
Qasam 19. Il-finanzjament ta' l-BEI

¹ Jiġifieri, inkluż il-finanzjament privat iżda nett min-nefqa mhux eliġibbli u minn finanzjament ieħor.

² Jiddependi mill-bażi għall-kontribuzzjoni mill-Fondi taħt l-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, se tkun l-istess jew bħal jew il-qasam 16 jew il-qasam 18.

B. In-nefqa ddikjarata fuq l-operazzjoni
Qasam 20. In-numru ta' referenza intern ta' l-aħħar applikazzjoni għar-rimborż mill-operazzjoni
Qasam 21. Id-data meta l-aħħar applikazzjoni għar-rimborż mill-operazzjoni ddaħħlet fis-sistema ta' monitoraġġ
Qasam 22. L-ammont ta' nefqa eliġibbli li ġie ddikjarat fl-aħħar applikazzjoni għar-rimborż mill-operazzjoni li ddaħħlet fis-sistema ta' monitoraġġ
Qasam 23. In-nefqa totali eliġibbli li għaliha saret applikazzjoni għar-rimborż
Qasam 24. Il-post fejn jinsabu d-dokumenti ta' appoġġ iddettalġati għat-talba jekk mhux fl-uffiċċji tal-benefiċjarju
Qasam 25. In-nefqa relatata ma' l-ERDF għall-programmi operattivi ko-finanzjati mill-ESF ³
Qasam 26. In-nefqa relatat mal-ESF għall-programmi operattivi ko-finanzjati mill-ERDF ⁴
Qasam 27. In-nefqa mħallsa f'żoni qrib iż-żoni eliġibbli (il-kooperazzjoni transkonfinali) ⁵
Qasam 28. In-nefqa mħallsa mill-imsieħba li jinstabu barra miż-żona (il-kooperazzjoni transnazzjonali) ⁶
Qasam 29. In-nefqa mħallsa barra l-Komunità (il-kooperazzjoni transkonfinali, il-kooperazzjoni transnazzjonali u l-kooperazzjoni interreġjonali) ⁷
Qasam 30. In-nefqa mħallsa għax-xiri ta' l-art ⁸
Qasam 31. In-nefqa mħallsa għall-akkommodazzjoni ⁹
Qasam 32. In-nefqa mħallsa għall-ispejjeż indiretti/spejjeż ġenerali ddebitati b'rati fissi ¹⁰
Qasam 33. Id-dħul li tnaqqas mill-applikazzjonijiet għar-rimborż, jekk hemm
Qasam 34. Il-korrezzjonijiet finanzjarji li tnaqqsu mill-applikazzjonijiet għar-rimborż, jekk hemm
Qasam 35. In-nefqa totali eliġibbli li ġiet iddikjarata mill-operazzjoni u li ġiet inkluża fid-dikjarazzjoni tan-nefqa li ntbagħtet lill-Kummissjoni mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni (f'euro)
Qasam 36. In-nefqa totali eliġibbli li ġiet iddikjarata mill-operazzjoni u li ġiet inkluża fid-dikjarazzjoni tan-nefqa li ntbagħtet lill-Kummissjoni mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni (fil-munita lokali)
Qasam 37. Id-data ta' l-aħħar dikjarazzjoni tan-nefqa ta' l-awtorità ta' ċertifikazzjoni li jinkludi n-nefqa mill-operazzjoni

³ Il-qasam 25: għandu jkun provdut għall-programmi operattivi li ġew ko-finanzjati mill-ESF fejn isir użu mill-għażla li tissemma fl-Artikolu 34(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jew mill-għażla li tissemma fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006.

⁴ Il-qasam 26 għandu jkun provdut għall-programmi operattivi li ġew ko-finanzjati mill-ERDF fejn isir użu mill-għażla li tissemma fl-Artikolu 34(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jew mill-għażla li tissemma fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006.

⁵ L-Artikolu 21(a) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

⁶ L-Artikolu 21(b) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

⁷ L-Artikolu 21(c) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

⁸ L-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006.

⁹ L-Artikolu 7(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006.

¹⁰ Taħt il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1081/2006 jew ta' l-Artikolu 52 ta' dan ir-Regolament.

Qasam 38. Id-data tal-verifiki li saru taħt l-Artikolu 13(2)(b)
Qasam 39. Id-data tal-verifiki li saru taħt l-Artikolu 16(1)
Qasam 40. Il-korp li għamel il-verifika
Qasam 41. Il-grad ta' suċċess tal-mira għall-operazzjoni, jekk miksuba (%)

ANNEX IV**Il-parametri tekniċi għat-teħid każwali ta' kampjuni statistiku taħt l-Artikolu 17 (It-teħid ta' kampjuni)**

1. Metodu ta' teħid każwali ta' kampjuni statistiku jippermetti li jinġibdu konklużjonijiet mir-riżultati tal-verifiki tal-kampjun dwar in-nefqa ġenerali li minnha tteħed il-kampjun, u b'hekk jipprovdni evidenza biex tinkiseb assigurazzjoni dwar il-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll.
2. L-assigurazzjoni pprovduta dwar il-funzjonament tas-sistemi tiġi ddeterminata mill-grad ta' kunfidenza li jirriżulta mill-konklużjonijiet tal-verifiki tas-sistema u mill-verifiki ta' l-operazzjonijiet fil-kampjun li jiġi magħżul permezz ta' metodu ta' teħid ta' kampjuni statistiku każwali. Biex jinkiseb livell għoli ta' assigurazzjoni, jiġifieri, riskju ta' verifika mnaqqas, l-awtorità ta' verifika għandha tikkombina r-riżultati tal-verifiki tas-sistema u tal-verifiki ta' l-operazzjonijiet. L-awtorità ta' verifika l-ewwel tevalwa l-affidabilità tas-sistemi (għolja, medja jew baxxa) waqt li tqis ir-riżultati tal-verifiki tas-sistemi, sabiex tiddetermina l-parametri tekniċi tat-teħid ta' kampjuni, b'mod partikolari l-livell ta' kunfidenza u r-rata ta' żbalji mistennija. L-Istati Membri jistgħu wkoll jużaw ir-riżultati tar-rapport dwar il-valutazzjoni ta' konformità taħt l-Artikolu 71(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006. Il-livell ikkombinat ta' assigurazzjoni miksub mill-verifiki tas-sistemi u mill-verifiki ta' l-operazzjonijiet għandu jkun għoli. Il-livell ta' kunfidenza użat għall-operazzjonijiet tat-teħid ta' kampjuni m'għandux ikun inqas minn 60 %, b'livell ta' materjalità massimu ta' 2%. Għal sistema evalwata bħala li għandha affidabilità baxxa, il-livell ta' kunfidenza użat għall-operazzjonijiet tat-teħid ta' kampjuni m'għandux ikun inqas minn 90%. L-awtorità ta' verifika għandha tiddeskrivi fir-rapport annwali ta' kontroll il-mod kif inkisbet l-assigurazzjoni.
3. L-affidabilità tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tiġi ddeterminata billi jintużaw kriterji stabbiliti mill-awtorità ta' verifika għall-verifiki tas-sistemi, inkluża valutazzjoni kwantifikata ta' l-elementi prinċipali kollha tas-sistemi u li tinkludi l-awtoritajiet prinċipali u l-korpi intermedji li qed jipparteċipaw fil-ġestjoni u fil-kontroll tal-programm operattiv. Rekord tal-valutazzjonijiet li saru jinżamm fil-fajl tal-verifika.
4. Fejn is-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll tkun komuni għal numru ta' programmi operattivi simili, pereżempju għall-istess Fond, skond l-Artikolu 71(4) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, għall-programmi kollha flimkien jista' jintgħażel kampjun wieħed li jiggarrantixxi l-istess parametri tekniċi tal-livelli ta' kunfidenza u ta' materjalità u li jqis l-istess rata ta' żbalji mistennija, kif ġie indikat iktar 'il fuq.

ANNEX V**L-Istrateġija ta' Verifika Mudell taħt l-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament (KE)
Nru 1083/2006**

1. INTRODUZZJONI

- L-identifikazzjoni ta' l-awtorità ta' verifika responsabbli mit-tfassil ta' l-istrateġija ta' verifika u ta' kwalunkwe korp ieħor li ta l-kontribut tiegħu. Il-proċedura segwita biex titfassal l-istrateġija ta' verifika għandha tiġi spjegata.
- L-ispeċifikazzjoni ta' l-għanijiet ġenerali ta' l-istrateġija ta' verifika.
- Spjegazzjoni tal-funzjonijiet u tar-responsabbiltà ta' l-awtorità ta' verifika u tal-korpi l-oħra li jagħmlu l-verifiki taħt ir-responsabbiltà tagħha.
- Indikazzjoni ta' l-indipendenza ta' l-awtorità ta' verifika mill-awtorità ta' ġestjoni u mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni.
- Il-konferma mill-awtorità ta' verifika li l-korpi li qed iwettqu l-verifiki taħt l-Artikolu 62(3) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għandhom l-indipendenza funzjonali meħtieġa.

2. IL-BAŻI LEGALI U L-AMBITU

- Indikazzjoni ta' kwalunkwe qafas regolatorju nazzjonali li jaffettwa lill-awtorità ta' verifika u l-funzjonijiet tagħha.
- Indikazzjoni tal-perjodu kopert mill-istrateġija.
- Indikazzjoni tal-Fondi, tal-programmi u ta' l-oqsma koperti mill-istrateġija.

3. IL-METODOLOĠIJA

- Indikazzjoni tal-metodoloġija tal-verifika li għandha tiġi segwita waqt li jitqiesu l-istandards ta' verifika aċċettati internazzjonalment (inklużi, iżda mhux limitati għall-INTOSAI, għall-IFAC u għall-IIA), il-manwali ta' verifika u dokumenti speċifiċi oħra.

4. IL-METODU U L-PRIJORITAJIET TAL-VERIFIKA

- Il-limiti tal-materjalità għal skopijiet ta' ppjanar u għar-rappurtaġġ tad-defiċjenzi.
- Indikazzjoni tat-tipi ta' verifiki li għandhom isiru (il-verifiki tas-sistema, il-verifiki ta' l-operazzjonijiet).
- Għall-verifiki tas-sistema:
 - a) l-ispeċifikazzjoni tal-korp jew tal-korpi responsabbli għax-xogħol ta' verifika;
 - b) l-ispeċifikazzjoni tal-korpi li għandhom jiġu vverifikati;

- c) indikazzjoni ta' kwalunkwe kwistjoni orizzontali li għandha tiġi koperta mill-verifiki tas-sistema, bħalma huma l-akkwist pubbliku, l-għajnuna ta' l-Istat, ir-reqwiziti ambjentali, l-opportunitajiet indaqs u s-sistemi ta' l-IT.
- Għall-verifiki ta' l-operazzjonijiet:
 - a) l-ispeċifikazzjoni tal-korp jew tal-korpi responsabbli għax-xogħol ta' verifika;
 - b) l-ispeċifikazzjoni tal-kriterji sabiex jiġi ddeterminat il-livell ta' assigurazzjoni miksub mill-verifiki tas-sistema u referenza għad-dokumentazzjoni użata biex tiġi applikata l-metodoloġija tat-teħid ta' kampjuni li għet stabbilita fl-Artikolu 17;
 - c) l-ispeċifikazzjoni tal-proċedura biex jiġu ddeterminati l-passi li għandhom jittieħdu fejn jiġu skoperti żbalji materjali.
- Indikazzjoni u ġustifikazzjoni tal-prijoritajiet u l-għanijiet tal-verifika li ġew stabbiliti għall-perjodu ta' programmazzjoni kollu.
- Spjegazzjoni tar-rabta bejn ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u x-xogħol ta' verifika ppjanat.
- Skeda ta' verifika indikattiva tal-kompiti ta' verifika għas-sena li ġejja provduta f'format ta' tabella.

5. IL-VALUTAZZJONI TAR-RISKJU

- Indikazzjoni tal-proċeduri segwiti, inkluż il-grad sakemm tqisu r-riżultati tal-verifiki ta' qabel tal-korpi u tas-sistemi (pereżempju, il-verifiki mill-perjodu 2000-2006, ix-xogħol ta' verifika għall-valutazzjoni tal-konformità).
- Indikazzjoni ta' l-awtorità ta' ġestjoni, ta' l-awtorità ta' ċertifikazzjoni u tal-korpi intermedji koperti.
- Indikazzjoni tal-fatturi ta' riskju li tqisu, inkluża kwalunkwe kwistjoni orizzontali li għet identifikata bħala qasam ta' riskju.
- Indikazzjoni tar-riżultati permezz ta' l-identifikazzjoni u tal-prijoritizzazzjoni tal-korpi, tal-proċessi, tal-kontrolli u tal-programmi prinċipali kif ukoll ta' l-assi prijoritarji li għandhom jiġu vverifikati.

6. L-AFFIDABILITÀ TAX-XOGĦOL TA' L-OĦRAJN

- Indikazzjoni tal-grad safejn ċerti komponenti jiġu vverifikati minn awdituri oħra u l-grad ta' l-affidabilità potenzjali ta' xogħol ta' din ix-xorta.
- Spjegazzjoni ta' kif l-awtorità ta' verifika se tiżgura ruħha l-kwalità tax-xogħol li sar mill-kopri l-oħra ta' verifika, waqt li jitqiesu l-istandards ta' verifika aċċettati internazzjonalment.

7. IR-RIŻORSI

- Indikazzjoni tar-riżorsi ppjanati li għandhom jiġu allokat, mill-inqas għas-sena li ġejja.

8. IR-RAPPURTAĠĠ

- Indikazzjoni tal-proċeduri interni għar-rappurtaġġ, bħalma huma r-rapporti ta' verifika provviżorji u finali, u tad-dritt tal-korp i-verifikat li jinstema' u li jipprovd spjegazzjoni qabel ma tittieħed pożizzjoni finali.

—

ANNEX VI

Ir-rapport annwali ta' kontroll mudell taħt l-Artikolu 62 (1) (d) (i) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 u l-Artikolu 18 (2) tar-Regolament preżenti

1. L-INTRODUZZJONI

- Indikazzjoni ta' l-awtorità ta' verifika responsabbli u tal-korpi l-oħra li ġew involuti fit-thejjja tar-rapport.
- Indikazzjoni tal-perjodu (ta' referenza) ta' 12-il xahar li minnu ttieħed il-kampjun każwali.
- L-identifikazzjoni tal-programm(i) operattiv(i) kopert(i) fir-rapport u ta' l-awtoritajiet ta' ġestjoni u ta' ċertifikazzjoni tiegħu/tagħhom. Fejn ir-rapport ikopri aktar minn programm jew Fond wieħed, l-informazzjoni għandha tiġi analizzata skond il-programm u skond il-Fond.
- Deskrizzjoni tal-passi li ttieħdu sabiex jitħejja r-rapport.

2. IL-BIDLJET FIS-SISTEMI TA' ĠESTJONI U TA' KONTROLL

- Indikazzjoni ta' kwalunkwe bidla sinifikanti fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll li ġiet innotifikata lill-awtorità ta' verifika, meta mqabbla mad-deskrizzjoni provduta taħt l-Artikolu 71(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, u tad-dati li minnhom bdew japplikaw il-bidliet.

3. IL-BIDLJET FL-ISTRATEĠIJA TA' VERIFIKA

- Indikazzjoni ta' kwalunkwe bidla li saret fl-istrateġija ta' verifika jew li ġiet proposta, u r-raġunijiet għaliha.

4. IL-VERIFIKA TAS-SISTEMI

- Indikazzjoni tal-korpi li wettqu l-verifiki tas-sistemi, inkluża l-awtorità ta' verifika stess.
- Il-lista fil-qosor tal-verifiki li saru (il-korpi vverifikati).
- Deskrizzjoni tal-bażi għall-għażla tal-verifiki fil-kuntest ta' l-istrateġija ta' verifika.
- Deskrizzjoni tas-sejbiet prinċipali u l-konklużjonijiet li nġibdu mix-xogħol ta' verifika għas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll u dwar il-funzjonament tagħhom, inklużi s-suffiċjenza tal-kontrolli tal-ġestjoni, tall-proċeduri ta' ċertifikazzjoni u tar-rekord tat-tranżazzjonijiet, tas-separazzjoni adegwata tal-funzjonijiet u tal-konformità mar-rekwiżiti u mal-politiki Komunitarji.
- Indikazzjoni ta' jekk tqiesx li kwalunkwe problema li ġiet identifikata għandiex karattru sistemiku, u tal-miżuri meħuda, inklużi kwantifikazzjoni tan-nefqa irregolari u ta' kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja relatata.

5. IL-VERIFIKA TAL-KAMPJUNI TA' L-OPERAZZJONIJET

- Indikazzjoni tal-korpi li għamlu l-verifiki tal-kampjun, inkluża l-awtorità ta' verifika.
 - Deskrizzjoni tal-bażi għall-għażla tal-kampjun(i).
 - Indikazzjoni tal-livell ta' materjalità u, fil-każ ta' teħid ta' kampjuni statistiku, il-livell ta' kunfidenza applikat u l-intervall, jekk japplika.
 - It-tabella fil-qosor (ara aktar 'l isfel), analizzata statistikament skond il-programm u skond il-Fond, fejn jiġu identifikati n-nefqa eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni matul is-sena kalendarja (ta' referenza) (li tintemm fil-perjodu ta' verifika), l-ammont ta' nefqa vverifikat, u l-persentaġġ tan-nefqa li ġie vverifikat f'relazzjoni għan-nefqa totali eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni (kemm għall-aħħar sena kalendarja kif ukoll b'mod kumulattiv). L-informazzjoni li hija relatata mal-kampjun każwali għandha tkun distinta minn dik li hija relatata ma' kampjuni oħra.
 - Deskrizzjoni tar-riżultati prinċipali tal-verifiki, fejn jiġu indikati, b'mod partikolari, l-ammont tan-nefqa irregolari u r-rata ta' żbalji li tirriżulta mill-kampjun każwali li ġie vverifikat.
 - Indikazzjoni tal-konklużjonijiet li ngħid mir-riżultati tal-verifiki rigward l-effikaċja tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll.
 - Informazzjoni dwar l-azzjoni ta' segwitu ta' l-irregolaritajiet, inkluża reviżjoni tar-rati ta' żbalji li ġew rappurtati qabel.
 - Indikazzjoni ta' jekk tqiesx li kwalunkwe problema li ġiet identifikata għandix natura sistemika, u tal-miżuri meħuda, inklużi kwantifikazzjoni tan-nefqa irregolari u kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja relatata.
6. IL-KOORDINAZZJONI BEJN IL-KORPI TA' VERIFIKA U X-XOGĦOL TA' SUPERVIŻJONI TA' L-AWTORITÀ TA' VERIFIKA
- Deskrizzjoni tal-proċedura għall-koordinazzjoni bejn il-korpi ta' verifika nazzjonali differenti u l-awtorità ta' verifika stess (jekk japplika).
 - Deskrizzjoni tal-proċedura għas-superviżjoni li l-awtorità ta' verifika tapplika għall-korpi l-oħra ta' verifika (jekk japplika).
7. L-AZZJONI TA' SEGWITU TA' L-ATTIVITÀ TA' VERIFIKA TAS-SNIN TA' QABEL
- Informazzjoni dwar l-azzjoni ta' segwitu tar-rakkomandazzjonijiet ta' verifika pendenti u dwar l-azzjoni ta' segwitu tar-riżultati tal-verifiki tas-sistemi u tal-verifiki ta' l-operazzjonijiet mis-snin ta' qabel.
8. INFORMAZZJONI OĦRA (JEKK JAPPLIKA)

9. IT-TABELLA GHALN-NEFQA DDIKJARATA U GĦALL-VERIFIKI TAL-KAMPJUN

Il-Fond	Referenza (Nru CCI)	Il-Programm	In-nefqa ddiikjarata sena ta' referenza	In-nefqa fis-sena ta' referenza għall-kampjun	L-ammont u l-persentaġġ (ir-rata ta' żbalji) tan-nefqa irregolari fil-kampjun każwali (3)	Nefqa vverifikata oħra (4)	L-ammont ta' nefqa irregolari f'kampjun ta' nefqa tehor	In-nefqa totali ddiikjarata b'mod kumulattiv	In-nefqa totali vverifikata b'mod kumulattiv bħala persentaġġ tan-nefqa totali ddiikjarata b'mod kumulattiv

1. L-ammont ta' nefqa vverifikat.

2. Il-persentaġġ tan-nefqa vverifikat f' relazzjoni għan-nefqa ddiikjarata lill-Kummissjoni fis-sena referenza.

3. Fejn il-kampjun każwali jkompri aktar minn Fond jew programm wieħed, l-informazzjoni hija mogħtija għal kampjun sħiħ.

4. In-nefqa minn kampjun komplementari u n-nefqa għal kampjun każwali mhux fis-sena ta' referenza.

ANNEX VII**L-opinjoni annwali mudell taħt l-Artikolu 62(1)(d) (ii) tar-Regolament tal-Kunsill (KE)
Nru 1083/2006 u l-Artikolu 18(2) tar-Regolament preżenti**

Lill-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat-Ġenerali.....

INTRODUZZJONI

Jiena, is-sottoskritt, li nirrappreżenta lil (l-isem tal-korp maħtur mill-Istat Membru), eżaminajt il-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll fil-programm operattiv (l-isem tal-programm operattiv, in-numru tal-kodiċi CCI, il-perjodu), biex noħroġ opinjoni dwar jekk is-sistemi hađmux b'mod effettiv biex jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli li d-dikjarazzjonijiet tan-nefqa ppreżentati lill-Kummissjoni huma korretti u, bħala konsegwenza, assigurazzjoni raġonevoli li t-tranżazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari.

L-AMBITU TA' L-EŻAMI

L-eżami sar skond l-istrategġja ta' verifika fejn għandu x'jaqsam dan il-programm matul il-perjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju (sena) u ġie rrapportat fir-rapport annwali ta' kontroll mehmuż taħt il-punt (d) (i) ta' l-Artikolu 62(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006.

Jew

Ma kien hemm l-ebda limitazzjoni fl-ambitu ta' l-eżami.

Inkella

L-ambitu ta' l-eżami kien limitat bil-fatturi li ġejjin:

- (a)
- (b)
- (c), eċċ.

(Indika kwalunkwe limitazzjoni għall-ambitu ta' l-eżami, pereżempju kwalunkwe problema sistemika, id-dgħufijiet fis-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll, in-nuqqas ta' dokumentazzjoni t'appoġġ, każijiet taħt proċedimenti legali, eċċ., u agħmel stima ta' l-ammonti tan-nefqa u tal-kontribuzzjoni Komunitarja li ġew affettwati. Jekk l-awtorità ta' verifika ma tqisx li l-limitazzjonijiet għandhom impatt fuq in-nefqa finali ddikjarata, dan għandu jiġi ddikjarat.)

L-OPINJONI***Jew******(Opinjoni mhux kwalifikata)***

Fuq il-bażi ta' l-eżami li jissemma aktar 'il fuq, hija l-opinjoni tiegħi li, għall-perjodu li jissemma aktar 'il fuq, is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll li ġiet stabbilita għall-programm ... (l-isem tal-programm operattiv, in-mumru tal-kodiċi CCI, il-perjodu) kienet konformi mar-rekwiżiti applikabbli ta' l-Artikoli 58 sa 62 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 u

tat-Taqsima 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 u ħadmet b'mod effettiv sabiex tipprovdi assigurazzjoni raġonevoli li d-dikjarazzjonijiet tan-nefqa ppreżentati lill-Kummissjoni huma korretti u, bħala konsegwenza, assigurazzjoni raġonevoli li t-tranżazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari.

Inkella

(Opinjoni kwalifikata)

Fuq il-bażi ta' l-eżami li jissema aktar 'il fuq, hija l-opinjoni tiegħi li, għall-perjodu li jissema aktar 'il fuq, is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll li ġew stabbiliti għall-programm ... (l-isem tal-programm operattiv, in-numri tal-kodiċi CCI, il-perjodu) kienu konformi mar-rekwiżiti applikabbli ta' l-Artikoli 58 sa 62 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 u tat-Taqsima 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 u ħadmu b'mod effettiv biex jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli li d-dikjarazzjonijiet tan-nefqa ppreżentati lill-Kummissjoni huma korretti u, bħala konsegwenza, assigurazzjoni raġonevoli li t-tranżazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari, ħlief f'dawn l-aspetti li ġejjin: ¹.

Ir-raġunijiet tiegħi biex inqis li dan (dawn) l-aspetti(i) tas-sistemi ma kienx (kinux) konformi mar-rekwiżiti u/jew ma ħadimx (ħadmux) b'tali mod li jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli dwar il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa li ġew ippreżentati lill-Kummissjoni, huma kif ġej...².

Jiena nistma li l-impatt tal-kwalifika(i) huwa ta'... min-nefqa totali ddikjarata. Il-kontribuzzjoni Komunitarja affettwata hija għalhekk

Jew inkella

(Opinjoni avversa)

Fuq il-bażi ta' l-eżami li jissema aktar 'il fuq, hija l-opinjoni tiegħi li, għall-perjodu li jissema aktar 'il fuq, is-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll li ġiet stabbilita għall-programm ... (l-isem tal-programm operattiv, in-numri tal-kodiċi CCI, il-perjodu) ma kinitx konformi mar-rekwiżiti ta' l-Artikoli 58 sa 62 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 u tat-Taqsima 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 u ma ħadmitx b'mod effettiv biex tipprovdi assigurazzjoni raġonevoli li d-dikjarazzjonijiet tan-nefqa ppreżentati lill-Kummissjoni huma korretti u, bħala konsegwenza, ma jipprovdux assigurazzjoni raġonevoli li t-tranżazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari.

Din l-opinjoni avversa hija bbażata fuq³

Data Firma

—

¹ Indika l-korp jew il-korpi u l-aspett(i) tas-sistemi tagħhom li ma kienx (kinux) konformi mar-rekwiżiti u/jew ma ħadmux b'mod effettiv.

² Għal kull korp u għal kull aspett tas-sistema indika r-raġunijiet għall-kwalifikazzjoni.

³ Għal kull korp u għal kull aspett indika r-raġunijiet għall-opinjoni avversa.

ANNEX VIII

Ir-rapport finali ta' kontroll mudell u d-dikjarazzjoni ta' għeluq mudell għall-programmi operattivi taħt l-Artikolu 62 (1) (e) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 u l-Artikolu 18(3) tar-Regolament preżenti

Parti A: Ir-rapport mudell tal-kontroll finanzjarju

1. INTRODUZZJONI

- Indikazzjoni ta' l-awtorità ta' verifika responsabbli u tal-korpi l-oħra li kienu involuti fit-tħejjija tar-rapport.
- Indikazzjoni ta' l-aħħar perjodu ta' referenza li minnu ttieħed il-kampjun każwali.
- Identifikazzjoni tal-programm(i) operattiv(i) kopert(i) mir-rapport u ta' l-awtoritajiet ta' ġestjoni u ta' ċertifikazzjoni tiegħu/tagħhom, fejn japplika, analizzati statistikament skond il-Fond u skond il-programm.
- Deskrizzjoni tal-passi meħuda sabiex jitthejja r-rapport.

2. IL-BIDLJET FIS-SISTEMI TA' ĠESTJONI U TA' KONTROLL U FL-ISTRATEĠIJA TA' VERIFIKA¹

- Indikazzjoni ta' kwalunkwe bidla sinifikanti fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll li ġiet innotifikata lill-awtorità ta' verifika, kif imqabbla mad-deskrizzjoni provduta taħt l-Artikolu 71(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, u tad-dati li minnhom bdew japplikaw il-bidliet.
- Indikazzjoni ta' kwalunkwe bidla li saret fl-istrateġija ta' verifika u r-raġunijiet għal bidla ta' din ix-xorta.

3. SOMMARJU TAL-VERIFIKI LI TWETTQU TAĦT L-ARTIKOLU 62(1) (A) U (B) TAR-REGOLAMENT (KE) NRU 1083/2006 U L-ARTIKOLU 17 TAR-REGOLAMENT PREŻENTI

Għall-verifiki tas-sistemi:

- Indikazzjoni tal-korpi li wettqu l-verifiki tas-sistemi, inkluża l-awtorità ta' verifika stess.
- Lista fil-qosor tal-verifiki mwettqa: il-korpi vverifikati u s-sena tal-verifika.
- Deskrizzjoni tal-bażi għall-għażla tal-verifiki fil-kuntest ta' l-istrateġija ta' verifika².
- Deskrizzjoni tas-sejbiet prinċipali u l-konklużjonijiet li ngħidbu mix-xogħol ta' verifika għas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll u dwar il-funzjonament

¹ Għall-bidliet li mhumiex indikati fir-rapporti annwali ta' kontroll ta' qabel.

² Għall-verifiki li mhumiex koperti mir-rapporti annwali ta' kontroll ta' qabel.

tagħhom, inkluża s-suffiċjenza tal-kontrolli tal-ġestjoni, il-proċeduri ta' ċertifikazzjoni u r-rekord tat-tranżazzjonijiet, is-separazzjoni adegwata tal-funzjonijiet u l-konformità mar-rekwiżiti u mal-politiki Komunitarji³.

- Indikazzjoni ta' jekk jitqiesx li kwalunkwe problema li ġiet identifikata għandix karattru sistemiku, u l-miżuri meħuda, inkluża kwantifikazzjoni tan-nefqa irregolari u ta' kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja relatata.⁴

Għall-verifiki ta' l-operazzjonijiet:

- Indikazzjoni tal-korpi li għamlu l-verifiki tal-kampjun, inkluża l-awtorità ta' verifika stess.
- Deskrizzjoni tal-bażi għall-għażla tal-kampjun(i).
- Indikazzjoni tal-livell ta' materjalità u, fil-każ ta' teħid ta' kampjuni statistiku, il-livell ta' kunfidenza applikat u l-intervall, jekk japplika.
- Deskrizzjoni tar-riżultati prinċipali tal-verifiki, li tindika b'mod partikolari l-ammont ta' nefqa irregolari u r-rata ta' żbalji li tirriżulta mill-kampjun każwali ivverifikat⁵.
- Indikazzjoni tal-konklużjonijiet li nġibdu mir-riżultati tal-verifiki rigward l-effikaċja tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll.
- Informazzjoni dwar l-azzjoni ta' segwitu ta' l-irregolaritajiet, inkluża r-reviżjoni tar-rati ta' żbalji li ġew irrappurtati qabel.
- Indikazzjoni ta' jekk tqiesx li kwalunkwe problema identifikata għandix natura sistemik, u l-miżuri meħuda, inkluża kwantifikazzjoni tan-nefqa irregolari u kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja relatata⁶.

4. L-AZZJONI TA' SEGWITU TA' L-ATTIVITÀ TA' VERIFIKA

- Informazzjoni dwar l-azzjoni ta' segwitu tar-riżultati tal-verifiki tas-sistemi u tal-verifiki ta' l-operazzjonijiet.

5. IX-XOGĦOL ADDIZZJONALI LI TWETTAQ MILL-AWTORITÀ TA' VERIFIKA BIEX TĦEJJI D-DIKJARAZZJONI TA' GĦELUQ TAGĦHA

- Sommarju tal-verifiki tal-proċedura ta' għeluq ta' l-awtoritajiet ta' ġestjoni u ta' ċertifikazzjoni u tal-kopri intermedji.
- Sommarju tar-riżultati ta' l-eżami tal-ktieb tad-debituri li jinżamm taħt l-Artikolu 61(f) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.
- Sommarju tar-riżultati tal-prestazzjoni mill-ġdid tal-kontrolli dwar l-eżattezza ta' l-ammonti ddikjarati f'relazzjoni mad-dokumenti ta' appoġġ.

³ Għall-verifiki li mhumiex koperti mir-rapporti annwali ta' kontroll ta' qabel.

⁴ Għall-verifiki li mhumiex koperti mir-rapporti annwali ta' kontroll ta' qabel.

⁵ Għall-verifiki li mhumiex koperti mir-rapporti annwali ta' kontroll ta' qabel.

⁶ Għall-verifiki li mhumiex koperti mir-rapporti annwali ta' kontroll ta' qabel.

- Sommarju tar-riżultati ta' l-eżami tar-rapporti ta' korpi ta' verifika nazzjonali jew Komunitarji oħra (speċifika, skond il-kategorija, liema rapporti ġew riċevuti u ġew eżaminati).
- Sommarju tar-riżultati ta' l-eżami ta' l-informazzjoni li hija relatata ma' l-azzjoni ta' segwitu għas-sejbiet tal-verifika u ma' l-irregolaritajiet rappurtati.
- Sommarju tar-riżultati ta' l-eżami tax-xogħol addizzjonali li twettaq mill-awtoritajiet ta' ġestjoni u ta' ċertifikazzjoni sabiex tkun tista' tiġi provduta opinjoni mhux kwalifikata.
- Oħrajn.

6. IL-LIMITAZZJONIJIET FL-AMBITU TA' L-EŻAMI MILL-AWTORITÀ TA' VERIFIKA

- Għandhom jiġu rappurtati d-dettalji ta' kwalunkwe fattur li llimita l-ambitu ta' l-eżami mill-awtorità ta' verifika⁷.
- Iridu jiġu ddikjarati l-ammonti stmati tan-nefqa u tal-kontribuzzjoni Komunitarja li ġew affettwati .

7. L-IRREGOLARITAJIET IRRAPPURTATI

- Il-konferma li l-proċedura għar-rappurtaġġ u għall-azzjoni ta' segwitu ta' l-irregolaritajiet, inkluż it-trattament ta' problemi sistemiċi, twettqet skond ir-rekwiżiti regolatorji.
- Il-konferma ta' l-eżattezza ta' l-informazzjoni mogħtija fir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni dwar l-irregolaritajiet irrappurtati taħt l-Artikolu 70(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.
- Lista tal-każijiet ta' irregolarità meqjusa bħala sistemika u l-ammonti tan-nefqa affettwati.

8. INFORMAZZJONI OĦRA (JEKK TAPPLIKA)

⁷ Eżempji ta' materji ta' din ix-xorta jinkludu l-problemi sistemiċi, id-dgħufijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll, in-nuqqas ta' dokumenti ta' appoġġ, u każijiet taħt proċedimenti legali.

9. IT-TABELLA GĦAN-NEFQA DDIKJARATA U L-VERIFIKI TAL-KAMPJUN

Il-Fond	Referenza (Nru CCI)	Il-Programm	In-nefqa ddiikjarata sena referenza	In-nefqa fis-sena referenza vverifikata għall-kampjun każwali	In-nefqa fis-sena ta' referenza vverifikata għall-kampjun każwali	L-ammont u l-persentaġġ (ir-rata ta' żbalji) tan-nefqa irregolari kampjun każwali (3)		Nefqa vverifikata oħra (4)	L-ammont tan-nefqa irregolari f'kampjun ta' nefqa ieħor	In-nefqa ddiikjarata totali kumulattiv	In-nefqa totali kumulattiv b'mod persentaġġ tan-nefqa totali ddiikjarata b'mod kumulattiv
						Ammont	%				
				1.	2.	Ammont	%	1.			

1. L-ammont ta' nefqa vverifikat.

2. Il-persentaġġ tan-nefqa vverifikat f' relazzjoni għan-nefqa ddiikjarata lill-Kummissjoni fis-sena ta' referenza.

3. Fejn il-kampjun każwali jkompri aktar minn Fond jew programm wieħed, l-informazzjoni hija mogħtija għal kampjun sħiħ.

4. In-nefqa minn kampjun komplementari u n-nefqa għall-kampjun każwali mhux fis-sena ta' referenza.

Parti B: Id-dikjarazzjoni ta' għeluq

Lill-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat-Ġenerali

1. INTRODUZZJONI

Jiena, is-sottoskritt, li nirrappreżenta lil (l-isem tal-korp maħtur mill-Istat Membru), għall-programm operattiv ... (l-isem tal-programm operattiv, in-numru tal-kodiċi CCI, il-perjodu), eżaminajt ir-riżultati tax-xogħol ta' verifika li twettaq fuq dan il-programm minn jew taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità ta' verifika skond l-istrateġija ta' verifika [u wettqet ix-xogħol addizzjonali li qist li kien meħtieġ]. Ir-riżultati ta' l-eżami u kwalunkwe xogħol addizzjonali li wettaqt huma miġbura fil-qosor fir-rapport finali ta' kontroll meħmuż (li fih ukoll l-informazzjoni meħtieġa mir-rapport annwali ta' kontroll għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2016). Ippjanajt u għamilt dan ix-xogħol sabiex nikseb assigurazzjoni raġonevoli dwar jekk l-applikazzjoni tal-ħlas għall-bilanċ finali tal-kontribuzzjoni Komunitarja għall-programm operattiv hix korretta u valida u jekk it-tranżazzjonijiet sottostanti koperti mid-dikjarazzjoni finali tan-nefqa humiex legali u regolari.

2. L-AMBITU TA' L-EŻAMI

L-eżami sar skond l-istrateġija ta' verifika fejn għandu x'jaqsam dan il-programm u ġie rrappurat fir-rapport finali ta' kontroll meħmuż taħt il-punt (e) ta' l-Artikolu 62 (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006.

Jew

Ma kien hemm l-ebda limitazzjoni fl-ambitu ta' l-eżami.

Inkella

L-ambitu ta' l-eżami kien limitat bil-fatturi li ġejjin:

- (a)
- (b)
- (c), eċċ.

(Indika kwalunkwe limitazzjoni fl-ambitu ta' l-eżami, pereżempju kwalunkwe problema sistemika, id-dgħufijiet fis-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll, in-nuqqas ta' dokumenti ta' appoġġ, il-każijiet taħt proċedimenti legali, eċċ., u agħmel stima ta' l-ammonti tan-nefqa u tal-kontribuzzjoni Komunitarja affettwati. Jekk l-awtorità ta' verifika ma tqisx li l-limitazzjonijiet għandhom impatt fuq in-nefqa finali ddikjarata, dan għandu jiġi ddikjarat.)

3. L-IRREGOLARITAJIET U R-RATI TA' ŻBALJI

Jew

Il-każijiet ta' irregolarità u r-rati ta' żbalji li nstabu fix-xogħol ta' verifika mhumiex tali li jipprekludu opinjoni mhux kwalifikata, meta jitqiesu l-mod sodisfaċenti kif dawn ġew ittrattati mill-awtorità ta' ġestjoni u t-tendenza fil-livell ta' l-okkorrenza tagħhom maż-żmien.

Inkella

Il-każijiet ta' irregolarità u r-rati ta' żbalji li nstabu fix-xogħol ta' verifika u l-mod kif dawn ġew ittrattati mill-awtorità ta' ġestjoni huma tali li jipprekludu opinjoni mhux kwalifikata. Lista ta' dawn il-każijiet tiġi provduta fir-rapport finali ta' kontroll, flimkien ma' indikazzjoni tal-karattru sistemiku possibbli tagħhom u ta' l-iskala tal-problema. L-ammonti tan-nefqa totali ddikjarat u tal-kontribuzzjoni pubblika li setgħu ġew affettwati huma ... rispettivament. Bħala konsegwenza, il-kontribuzzjoni Komunitarja korrispondenti li setgħet ġiet affettwata hija

4. L-OPINJONI

Jew

(Opinjoni mhux kwalifikata)

Jekk ma kien hemm l-ebda limitazzjoni fl-ambitu ta' l-eżami u jekk il-każijiet ta' irregolarità u r-rati ta' żbalji kif ukoll il-mod kif dawn ġew ittrattati mill-awtorità ta' ġestjoni ma jipprekludux opinjoni mhux kwalifikata:

Fuq il-bażi ta' l-eżami li jissemma aktar 'il fuq, hija l-opinjoni tiegħi li d-dikjarazzjoni tan-nefqa finali tippreżenta b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, in-nefqa mħallsa taħt il-programm operattiv, li l-applikazzjoni għall-ħlas tal-bilanċ finali tal-kontribuzzjoni Komunitarja għal dan il-programm hija valida, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti koperti mid-dikjarazzjoni tan-nefqa finali huma legali u regolari.

Inkella

(Opinjoni kwalifikata)

Jekk kien hemm limitazzjonijiet fl-ambitu ta' l-eżami u/jew il-każijiet ta' irregolarità u r-rati ta' żbalji kif ukoll il-mod kif dawn ġew ittrattati mill-awtorità ta' ġestjoni jitolbu opinjoni kwalifikata iżda ma jiġġustifikawx opinjoni mhux favorevoli għan-nefqa kollha kkonċernata:

Fuq il-bażi ta' l-eżami li jissemma aktar 'il fuq, hija l-opinjoni tiegħi li d-dikjarazzjoni tan-nefqa finali tippreżenta b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, in-nefqa mħallsa taħt il-programm operattiv, li l-applikazzjoni għall-ħlas tal-bilanċ finali tal-kontribuzzjoni Komunitarja għal dan il-programm hija valida, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti koperti mid-dikjarazzjoni tan-nefqa finali huma legali u regolari, ħlief rigward il-kwistjonijiet li jissemmew taħt il-punt 2 u/jew l-osservazzjonijiet fil-punt 3 dwar ir-rati ta' żbalji u l-każijiet ta' irregolarità u l-mod kif dawn ġew ittrattati mill-awtorità ta' ġestjoni, li l-impatt tagħhom huwa kkwantifikat aktar 'il fuq. Jiena nistma li l-impatt ta' dawn il-kwalifikazzjonijiet huwa ... min-nefqa totali ddikjarata. Il-kontribuzzjoni Komunitarja affettwata hija għalhekk

Jew inkella

(Opinjoni avversa)

Jekk kien hemm limitazzjonijiet maġġuri fl-ambitu ta' l-eżami u/jew ir-rati ta' żbalji u l-każijiet ta' irregolarità kif ukoll il-mod kif dawn ġew ittrattati mill-awtorità ta' ġestjoni b'tali mod li ma tista' tinlaħaq l-ebda konklużjoni dwar l-affidabilità tad-dikjarazzjoni tan-nefqa finali mingħajr xogħol konsiderevol addizzjonali:

Fuq il-bażi ta' l-eżami li jissemma aktar 'il fuq, u b'mod partikolari fid-dawl tal-kwistjonijiet li jissemmew fil-punt 2 u/jew ir-rati ta' żbalji u l-każijiet ta' irregolarità kif ukoll il-fatt li

dawn ma ġewx ittrattati b'mod sodisfaċenti mill-awtorità ta' ġestjoni kif ġie rrapportat fil-punt 3, hija l-opinjoni tiegħi li d-dikjarazzjoni tan-nefqa finali ma tippreżentax b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, in-nefqa mħallsa taħt il-programm operattiv, li, bħala konsegwenza, l-applikazzjoni għall-ħlas tal-bilanċ finali tal-kontribuzzjoni Komunitarja għal dan il-programm mhix valida u t-tranżazzjonijiet sottostanti koperti mid-dikjarazzjoni tan-nefqa finali mhumiex legali u regolari.

Data Firma

—

ANNEX IX**Id-dikjarazzjoni mudell għall-għeluq parzjali tal-programmi operattivi taħt l-Artikolu 18(5)**

Lill-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat-Ġenerali....

L-awtorità ta' ġestjoni għall-programm ... (l-isem tal-programm operattiv, in-numru tal-kodiċi CCI, il-perjodu) ressqet dikjarazzjoni tan-nefqa li hija relatata ma' l-operazzjonijiet [li ġew ikkompletati sa ... (id-data sa meta kienu kkompletati l-operazzjonijiet) / li ġew ikkompletati bejn ... u ... (id-dati li bejniethom ġew ikkompletati l-operazzjonijiet)] u qed tapplika għall-għeluq parzjali tal-programm taħt l-Artikolu 88 (2) (b) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għal dawn l-operazzjonijiet.

Jiena, is-sottoskritt, li nirrappreżenta lil (l-isem tal-korp maħtur mill-Istat Membru) eżaminajt ir-riżultati tax-xogħol ta' verifika li sar fuq dan il-programm kif ġie stabbilit fir-rapporti annwali ta' kontroll u fl-opinjonijiet annwali maħruġa taħt l-Artikolu 62 (1) (d) (i) u (ii) tar-Regolment tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 għas-sena/snin...,

- Jiena ppjanajt u wettaqt dan ix-xogħol sabiex nikseb assigurazzjoni raġonevoli dwar jekk id-dikjarazzjoni tan-nefqa kkonċernata hix korretta u valida u jekk it-tranżazzjonijiet sottostanti koperti mid-dikjarazzjoni tan-nefqa humiex legali u regolari.

L-opinjoni

Fuq il-bażi ta' l-eżami li jissemma aktar 'il fuq, hija l-opinjoni tiegħi li d-dikjarazzjoni tan-nefqa dwar l-operazzjonijiet li ġew ikkompletati li tressqet mill-awtorità ta' ġestjoni għall-programm ... (l-isem tal-programm operattiv, in-numru tal-kodiċi CCI, il-perjodu) għall-iskop ta' l-għeluq parzjali tal-programm fejn għandhom x'jaqsmu l-operazzjonijiet [li ġew ikkompletati sa ... / li ġew ikkompletati bejn ... u ...], tippreżenta b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, in-nefqa mħallsa u li t-tranżazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari.

Data Firma

—

ANNEX X**Iċ-ċertifikat u d-dikjarazzjoni tan-nefqa u l-applikazzjoni għall-ħlas**

Ara l-formola mehmuża fl-Appendiċi.

ANNEX XI**Id-dikjarazzjoni annwali dwar l-ammonti rtirati u rkuprati u dwar l-irkupri pendenti (l-Artikolu 20(2))**

1. L-IRTIRAR U L-IRKUPRI GĦAS-SENA 20.. IMNAQQSA MID-DIKJARAZZJONIJIET TAN-NEFQA

L-assi prijoritarji	L-irtirar				L-irkupri			
	In-nefqa totali tal-benefiċjarji	Il-kontribuzzjoni pubblika	Ir-rata ta' kofinanzjament ¹	Il-kontribuzzjoni ta' l-UE	In-nefqa totali tal-benefiċjarji	Il-kontribuzzjoni pubblika	Ir-rata ta' kofinanzjament ²	Il-kontribuzzjoni ta' l-UE
1								
2								
3								
4								
...								
Total								

¹ Din ir-rata ta' kofinanzjament u l-metodu għal kalkolu tagħha jinstabu fit-tabella finanzjarja tal-programm operazzjonali għall-assi pijoritarja kkonċernata.

² Din ir-rata ta' kofinanzjament u l-metodu għal kalkolu tagħha jinstabu fit-tabella finanzjarja tal-programm operazzjonali għall-assi pijoritarja kkonċernata.

2. L-IRKUPRI PENDENTI KIF HUMA SAL-31.12. 20..

L-assi prijoritarji	Is-sena tat-tnedija tal-proċedimenti ta' rkupru	Il-kontribuzzjoni pubblika għandha rkuprata li tiġi	Ir-rata ta' ko-finanzjament ³	Il-kontribuzzjoni ta' l-UE li għandha rkuprata tiġi
1	2007			
	2008			
	...			
2	2007			
	2008			
	...			
3	2007			
	2008			
Sottotali	2007			
	2008			
	...			
Is-somma finali				

³ Il-mira tista' tingħata jew annwalment inkella għall-prejodu sħiħ ta' l-iprogrammar.

ANNEX XII**Deskrizzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll**

Ara l-formola mehmuża fl-Appendiċi.

—

ANNEX XIII

L-opinjoni mudell maħruġa taħt l-Artikolu 71 (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 u l-Artikolu 25 tar-Regolament preżenti dwar il-konformità tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

Lill-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat-Ġenerali.....

INTRODUZZJONI

Jiena, is-sottoskritt, li nirrappreżenta lil (l-isem ta' l-awtorità ta' verifika jew tal-korp li jopera b'mod indipendenti li nħatar mill-Istat Membru taħt l-Artikolu 71 (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006) bħala l-korp responsabbli mit-tfassil ta' rapport li jistabbilixxi r-riżultati ta' valutazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll stabbiliti għall-programm ... (l-isem tal-programm(i) operattiv(i), in-numru(i) tal-kodiċi CCI, il-perjodu¹) u biex jagħti opinjoni dwar il-konformità tagħhom ma' l-Artikoli 58 sa 62 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, wettaqt eżami skond l-Artikolu 25 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006.

L-AMBITU TA' L-EŻAMI

L-eżami kien ibbażat fuq id-deskrizzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll li ġiet riċevuta nhar il-ġġ/xx/ssss minn (l-isem tal-korp jew tal-korpi li qed iressaq jew iressqu d-deskrizzjoni). Barra minn hekk, eżaminajna aktar informazzjoni dwar ... (is-suġġetti) u intervistajna lill-istaff ta' ... (il-kopri li l-istaff tagħhom ġie intervistat).

L-eżami kopra l-awtoritajiet ta' ġestjoni, ta' ċertifikazzjoni u ta' verifika, il-korp maħtur biex jirċievi l-ħlasijiet magħmula mill-Kummissjoni u biex jagħmel il-ħlasijiet lill-benefiċjarji u lill-korpi intermedji li ġejjin (*lista.....*).

L-OPINJONI²

Jew

(Opinjoni mhux kwalifikata)

Fuq il-bażi ta' l-eżami li jissemma aktar 'il fuq, hija l-opinjoni tiegħi li s-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll li ġew stabbiliti għall-programm(i) ... (l-isem tal-programm(i) operattiv(i), in-numru(i) tal-kodiċi CCI, il-perjodu) huma konformi mar-rekwiżiti ta' l-Artikoli 58 sa 62 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 u mat-Taqsima 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006

¹ Fejn sistema komuni tapplika għal żewġ programmi operattivi jew aktar, deskrizzjoni tas-sistema komuni tista' tiġi akkumpanjata b'rapport wieħed u b'opinjoni waħda.

² Fejn l-opinjoni tinħareġ mill-awtorità ta' verifika, din ta' l-aħħar għandha tipprovdi "Dikjarazzjoni ta' Kompetenza u Indipendenza Operattiva" separata dwar il-funzjonijiet tagħha stess taħt l-Artikolu 62 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006.

Jew***(Opinjoni kwalifikata)***

Fuq il-bażi ta' l-eżami li jissemma aktar 'il fuq, hija l-opinjoni tiegħi li s-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għall-programm(i) ... (l-isem tal-programm(i) operattiv(i), in-numru(i) tal-kodiċi CCI, il-perjodu) huma konformi mar-rekwiżiti ta' l-Artikoli 58 sa 62 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2003 u mat-Taqsima 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006, ħlief fl-aspetti li ġejjin³

Ir-raġunijiet tiegħi għaliex inqis li dan/dawn l-aspett(i) tas-sistemi mhux(mhumiex) konformi mar-rekwiżiti u l-valutazzjoni tiegħi tas-serjetà huma kif ġej⁴:

Jew***(Opinjoni avversa)***

Fuq il-bażi ta' l-eżami li jissemma aktar 'il fuq, hija l-opinjoni tiegħi li s-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għall-programm(i) ... (l-isem tal-programm(i) operattiv(i), in-numru(i) tal-kodiċi CCI, il-perjodu) mhumiex konformi mar-rekwiżiti ta' l-Artikoli 58 sa 62 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 u mat-Taqsima 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006

Din l-opinjoni avversa hija bbażata fuq⁵

Data Firma

—

³ Indika l-korp jew il-korpi u l-aspetti tas-sistemi tagħhom li jidhru li mhumiex konformi mar-rekwiżiti.

⁴ Indika r-raġuni(jiet) għar-riżervi li ddaħħlu għal kull korp u dwar kull aspekk

⁵ Indika r-raġuni(jiet) għall-opinjoni avversa għal kull korp u dwar kull aspekk

ANNEX XIV**Id-dikjarazzjoni tan-nefqa mudell għal għeluq parzjali**

Ara l-formola mehmuża fl-Appendiċi.

—

ANNEX XVI**Il-pjanijiet ta' finanzjament għall-programm operattiv****1. IL-PJAN TA' FINANZJAMENT TAL-PROGRAMM OPERATTIV LI JAGĦTI L-IMPENN ANNWALI TA' KULL FOND FIL-PROGRAMM OPERATTIV**

Ir-referenza tal-programm operattiv (in-numru CCI):

Is-sena skond is-sors tal-programm, f'EUR¹:

	Il-Finanzjament Strutturali (l-ERDF jew l-ESF)	Il-Fond ta' Koeżjoni	Total
	(1)	(2)	(3) = (1)+(2)
2007			
Fir-Reġjuni mingħajr appoġġ tranżitorju			
Fir-Reġjuni b'appoġġ tranżitorju			
Total 2007			
2008			
Fir-Reġjuni mingħajr appoġġ tranżitorju			
Fir-Reġjuni b'appoġġ tranżitorju			
Total 2008			
2009			
Fir-Reġjuni mingħajr appoġġ tranżitorju			
Fir-Reġjuni b'appoġġ tranżitorju			
Total 2009			
2010			
Fir-Reġjuni mingħajr appoġġ tranżitorju			
Fir-Reġjuni b'appoġġ tranżitorju			
Total 2010			

¹ Fil-każ ta' programmi operattivi b'diversi għanijiet, il-pjan ta' finanzjament annwali għandu jiġi analizzat statistikament ukoll skond l-għanijiet.

2011			
Fir-Reġjuni mingħajr appoġġ tranżitorju			
Fir-Reġjuni b'appoġġ tranżitorju			
Total 2011			
2012			
Fir-Reġjuni mingħajr appoġġ tranżitorju			
Fir-Reġjuni b'appoġġ tranżitorju			
Total 2012			
2013			
Fir-Reġjuni mingħajr appoġġ tranżitorju			
Fir-Reġjuni b'appoġġ tranżitorju			
Total 2013			
It-Total fir-Reġjuni minghajr appoġġ tranżitorju (2007-2013)			
It-Total fir-Reġjuni b'appoġġ tranżitorju (2007-2013)			
Is-Somma Finali 2007-2013			

2. IL-PJAN FINANZJARJU TAL-PROGRAMM OPERATTIV LI JAGĦTI, GĦALL-PERJODU KOLLU TAL-PROGRAMMAZZJONI, L-AMMONT TA' L-ALLOKAZZJONI FINANZJARJA TOTALI TA' KULL FOND FIL-PROGRAMM OPERATTIV, IL-KONTROPARTI NAZZJONALI U R-RATA TA' RIMBORŻ SKOND L-ASSI PRIJORITARJU.

Ir-referenza tal-programm operattiv (In-numru CCI):

L-assi prijoritarji skond is-sors ta' finanzjament (f'EUR)

	Il-Finanzjament Komunitarju (a)	Il-Kontroparti Nazżjonali (b) (= (c) + (d))	L-analiżi statistika indikattiva tal-kontroparti nazżjonali		Il-finanzjament totali (e) = (a)+(b)	Ir-rata ta' ko-finanzjament (f) ¹ = (a)/(e)	Għall-informazzjoni	
			Il-Finanzjament Pubbliku Nazżjonali (c)	Il-Finanzjament Privat Nazżjonali ² (d)			Il-kontribuzzjonijiet tal-BEI	Finanzjament ieħor ³
L-Assi Prijoritarju 1 Speċifika l-Fond u l-bażi għall-kalkulazzjoni tal-kontribuzzjoni Komunitarja (totali jew pubblika) ⁴								
L-Assi Prijoritarju 2 Speċifika l-Fond u l-bażi għall-kalkulazzjoni tal-kontribuzzjoni Komunitarja (totali jew pubblika)								
L-Assi Prijoritarju ... Speċifika l-Fond u l-bażi għall-kalkulazzjoni tal-kontribuzzjoni Komunitarja (totali jew pubblika)								
Total								

¹ Din ir-rata tista' titqarreb lejn l-eqreb numru sħiħ fit-tabella. Ir-rata preċiża li tintuża biex jiġu rimborżati l-ħlasijiet huwa l-proporzjon (f).

² Għandha timtela biss meta l-assi prijoritarji jiġu espressi fi spejjeż totali.

³ Inkluż il-finanzjament privat nazżjonali meta l-assi prijoritarji jiġu espressi fi spejjeż pubbliċi.

⁴ Fil-każ ta' programmi operattivi b'aktar minn għan wieħed, indika l-għan ukoll.

ANNEX XVII**It-tbassir ta' l-applikazzjonijiet għall-ħlas probabbli**

Ara l-formola mehmuża fl-Appendiċi

—

ANNEX XVIII**Ir-rappurtaġġ annwali u finali**

Ara l-formola mehmuża fl-Appendiċi.

—

ANNEX XX**Id-data strutturata ta' proġett maġġuri li għandha tiġi kkodifikata**

Id-dettalji prinċipali tal-proġett maġġuri	Il-formola ta' l-applikazzjoni għall-infrastruttura	Il-formola ta' l-applikazzjoni għall-investiment produttiv	It-tip ta' data
L-isem tal-proġett	B.1.1	B.1.1	test
L-isem tal-kumpanija	Ma	B.1.2	test
L-SME	Ma	B.1.3	I/L
Il-fatturat	Ma	B.1.4	€
In-numru totali ta' persuni impjegati	Ma	B.1.5	numru
L-istruttura tal-grupp (il-pussess ta' l-ishma)	Ma	B.1.6	I/L
Id-dimensjoni tat-tema prijoritarja	B.2.1	B.2.1	Kodiċi(jiet)
Id-dimensjoni tal-forma tal-finanzi	B.2.2	B.2.2	Kodiċi
Id-dimensjoni territorjali	B.2.3	B.2.3	Kodiċi
Id-dimensjoni ta' l-attività ekonomika	B.2.4	B.2.4	Kodiċi(jiet)
Il-kodiċi NACE	B.2.4.1	B.2.4.1	Kodiċi(jiet)
In-natura ta' l-investiment	Ma	B.2.4.2	Kodiċi
Il-prodott ikkonċernat	Ma	B.2.4.3	Kodiċi(jiet)
Id-dimensjoni tal-post	B.2.5	B.2.5	Kodiċi(jiet)
Il-Fond	B.3.4	B.3.4	ERDF/CF
L-Assi Prijoritarju	B.3.5	B.3.5	Test
Il-PPP	B.4.2.d	na	I/L
Il-fażi tal-kostruzzjoni – id-data tal-bidu	D.1.8A	D.1.5A	data
Il-fażi tal-kostruzzjoni – id-data ta' meta għet ikkometata	D.1.8B	D.1.5B	data
Il-perjodu ta' referenza	E.1.2.1	E.1.2.1	Snin
Ir-rata ta' skont finanzjarju	E.1.2.2	E.1.2.2	%

L-ispiża totali ta' l-investment	E.1.2.3	E.1.2.3	€
L-ispiża totali ta' l-investment (il-valur preżenti)	E.1.2.4	na	€
Il-valur residwali	E.1.2.5	na	€
Il-valur residwali (il-valur preżenti)	E.1.2.6	na	€
Id-dħul (il-valur preżenti)	E.1.2.7	na	€
L-ispiża operattiva (il-valur preżenti)	E.1.2.8	na	€
Id-dħul nett (il-valur preżenti)	E.1.2.9	na	€
In-nefqa eliġibbli (il-valur preżenti)	E.1.2.10	na	€
Ir-rata stmata ta' l-użu tal-kapaċità	Ma	E.1.2.4	%
Ir-rata stmata ta' l-użu tal-kapaċità biex ma jkunx hemm la qligħ u lanqas telf	Ma	E.1.2.5	%
Iż-żjieda stmata fil-fatturat annwali	Ma	E.1.2.6	€
Il-fatturat għal kull persuna impjegata (f'€)	Ma	E.1.2.7	€
Bidla % fil-fatturat għal kull persuna impjegata	Ma	E.1.2.8	%
Ir-rata finanzjarja tal-profitti (mingħajr l-għotja Komunitarja)	E.1.3.1A	E.1.3.1A	%
Ir-rata finanzjarja tal-profitti (bl-għotja Komunitarja)	E.1.3.1B	E.1.3.1B	%
Il-valur finanzjarju nett preżenti (mingħajr l-għotja Komunitarja)	E.1.3.2A	E.1.3.2A	€
Il-valur finanzjarju nett preżenti (bl-għotja Komunitarja)	E.1.3.2B	E.1.3.2B	€
L-ispejjeż eliġibbli	H.1.12C	H.1.10C	€
L-ammont tad-deċiżjoni	H.2.3	H.2.1	€
L-għotja Komunitarja	H.2.5	H.2.3	€
L-ispejjeż u l-benefiċċji ekonomiċi	E.2.2	E.2.2	test/€
Ir-rata ta' skont soċjali	E.2.3.1	E.2.3.1	%
Ir-rata ekonomika tal-profitti	E.2.3.2	E.2.3.2	%
Il-valur ekonomiku nett preżenti	E.2.3.3	E.2.3.3	€
Il-proporzjon tal-Benefiċċji/ta' l-Ispejjeż	E.2.3.4	E.2.3.4	numru

In-numru ta' l-impjieg li nħolqu direttament matul il-fażi ta' l-implimentazzjoni	E.2.4.1A	E.2.4 a) 1A	numru
It-tul medju ta' l-impjieg li nħolqu direttament matul il-fażi ta' l-implimentazzjoni	E.2.4.1B	E.2.4 a) 1B	xhur
In-numru ta' l-impjieg li nħolqu direttament matul il-fażi operattiva	E.2.4.2A	E.2.4 a) 2A	numru
It-tul medju ta' l-impjieg li nħolqu direttament matul il-fażi operattiva	E.2.4.2B	E.2.4 a) 2B	xhur
In-numru ta' l-impjieg li nħolqu indirettament matul il-fażi ta' l-implimentazzjoni	na	E.2.4 a) 3A	numru
It-tul medju ta' l-impjieg li nħolqu indirettament matul il-fażi ta' l-implimentazzjoni	na	E.2.4 a)3B	xhur
In-numru ta' l-impjieg li nħolqu indirettament matul il-fażi operattiva	na	E.2.4 a)4A	numru
It-tul medju ta' l-impjieg li nħolqu indirettament matul il-fażi operattiva	na	E.2.4 a)4B	xhur
In-numru ta' l-impjieg li ġew salvagwardjati	na	E.2.4 b)	numru
L-impatt inter-reġjonali ta' l-impjieg	na	E.2.4 c)	neg/newt/poż
Il-varjabbli kritiċi	E.3.2	E.3.2	test
Il-klassi ta' żvilupp ta' l-EIA	F.3.2.1	F.3.2.1	I/II/mhux kopert
L-EIA li saret jekk klassi II	F.3.2.3	F.3.2.3	I/L
L-effett negattiv fuq is-siti tan-NATURA 2000	F.4.1	F.4.1	I/L
% ta' l-ispiża biex jiġu kkompensati l-impatti ambjentali negattivi	F.6	F.6	%
Sorsi Komunitarji oħra (il-BEI/FEI)	I.1.3	I.1.3	I/L
Il-proċedura legali għall-konformità mal-leġislazzjoni Komunitarja	I.2	I.2	I/L
L-involvement tal-JASPERS	I.4.1	I.4.1	I/L
L-istorja ta' qabel ta' l-irkupru ta' l-għajjnuna	na	I.5	I/L

ANNEX XXI**It-talba tal-proġett maġġuri għall-konferma ta' l-għajnuna taħt l-Artikoli 39 sa 41 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 – il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali /il-Fond ta' Koeżjoni – l-investiment fl-infrastruttura**

Ara l-formola mehmuża fl-Appendiċi.

—

ANNEX XXII**It-talba tal-proġett maġġuri għall-konferma ta' l-għajnuna taħt l-Artikolu 39 sa 41 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 – il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali/ il-Fond ta' Koeżjoni – l-investiment produttiv**

Ara l-formola mehmuża fl-Appendiċi.

—

ANNEX XXIII**Id-data dwar il-parteċipanti fl-operazzjonijiet tal-ESF skond il-prijorità**

IN-NUMRU TA' PARTEĊIPANTI KULL SENA

(il-persuni li jidħlu, dawk li jitolqu, li jkomplu minn sena għall-oħra)

L-ANALIŻI STATISTIKA TAL-PARTEĊIPANTI SKOND IS-SESS

L-ANALIŻI STATISTIKA TAL-PARTEĊIPANTI SKOND L-ISTAT FIS-SUQ TAX-XOGĦOL

- il-persuni impjegati (in-numru totali ta' persuni impjegati, inklużi dawk li jaħdmu għal rashom)
- il-persuni li jaħdmu għal rashom
- il-persuni qiegħda (in-numru totali ta' persuni qiegħda inklużi dawk li ihom qiegħda għal żmien twil)
- il-persuni qiegħda għal żmien twil
- il-persuni inattivi (in-numru totali ta' persuni inattivi, inklużi dawk li qed jeducaw ruħhom, li qed jitħarrġu jew li huma rtirati, dawk li rtiraw min-negozju, il-persuni b'diżabilità permanenti, dawk li qed jagħmlu xogħol domestiku jew oħrajn)
- il-persuni inattivi li qed jeducaw irwieħhom jew qed jitħarrġu

L-ANALIŻI STATISTIKA TAL-PARTEĊIPANTI SKOND L-ETÀ

- zghażaġh (15-24 sena)
- ħaddiema akbar fl-età (55-64 sena)

L-ANALIŻI STATISTIKA TAL-PARTEĊIPANTI SKOND IL-GRUPPI VULNERABBILI, SKOND IR-REGOLI NAZZJONALI

- minoranzi
- emigranti
- b'diżabilità
- persuni żvantaġġjati oħra

L-ANALIŻI STATISTIKA TAL-PARTEĊIPANTI SKOND IL-LIVELL EDUKATTIV

- Edukazzjoni primarja jew sekondarja inferjuri (ISCED 1 u 2)
 - Edukazzjoni sekondarja ogħla (ISCED 3)
 - Edukazzjoni post-sekondarja li mhix terzjarja (ISCED 4)
 - Edukazzjoni terzjarja (ISCED 5 u 6)
-

L-APPENDIĊI**L-ANNESS X****IC-ĊERTIFIKAT U D-DIKJARAZZJONI TAN-NEFQA U L-APPLIKAZZJONI
GĦAL ĦLAS INTERIM****IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

..... Fond jew il-Fondi kkonċernati

Ċertifikat u dikjarazzjoni tan-nefqa u applikazzjoni għal ħlas

L-isem tal-programm operattiv

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni

ta'

In-Nru ta' referenza (CCI) tal-Kummissjoni:

Ir-referenza Nazzjonali (jekk hemm)

IĊ-ĊERTIFIKAT

Jien, is-sottoskritt,
li nirrappreżenta l-awtorità ta' ċertifikazzjoni maħtura minn¹

b'dan niddikjara li n-nefqa kollha inklużi fid-dikjarazzjoni mehmuża hija konformi mal-kriterji ta' eliġibilità għan-nefqa stabbilita fl-Artikolu 56 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u tħallset mill-benefiċjarji ma' l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet magħżulin taħt il-programm operattiv skond il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjonijiet pubbliċi taħt l-Artikolu 78(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006

wara²

		20...
--	--	-------

u tammonta għal:

euro ³	
-------------------	--

(ċifra eżatta sa żewġ postijiet deċimali)

Id-dikjarazzjoni tan-nefqa mehmuża, imqassma skond il-prijoritajiet, hija bbażata fuq kontijiet magħluqa provviżorjament fi:

		20...
--	--	-------

u tiffirma parti integrali minn dan iċ-ċertifikat

Jien niċċertifika wkoll li l-operazzjonijiet mexjin 'il quddiem skond l-għanijiet li ġew stabbiliti fid-Deċiżjoni u skond ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, u b'mod partikolari li:

- (1) in-nefqa ddikjarata hija konformi mar-regoli Komunitarji u nazzjonali applikabbli u li tħallset fejn għandhom x'jaqsmu l-operazzjonijiet magħżulin għal finanzjament skond il-kriterji li japplikaw għall-programm operattiv u r-regoli Komunitarji u nazzjonali applikabbli, b'mod partikolari :
 - Ir-regoli dwar l-għajnuna ta' l-Istat;
 - Ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku;
 - Ir-regoli dwar il-ġustifikazzjoni ta' l-avvanzi fil-qafas ta' l-għajnuna ta' l-Istat taħt l-Artikolu 87 tat-Trattat permezz tan-nefqa mħallsa mill-benefiċjarju fi ħdan skadenza ta' tliet snin;
 - L-ebda dikjarazzjoni tan-nefqa li tikkonċerna proġetti maġġuri li għandhom ma ġewx approvati mill-Kummissjoni;
- (2) id-dikjarazzjoni tan-nefqa hija eżatta, tirriżulta minn sistemi affidabbli ta' kontabilità u hija bbażata fuq dokumenti ta' appoġġ verifikabbli,
- (3) it-tranżazzjonijiet sottostanti huma skond il-liġi u jikkonformaw mar-regoli u l-proċeduri ġew segwiti b'mod sodisfaċenti;
- (4) id-dikjarazzjoni tan-nefqa u l-applikazzjoni għall-ħlas iqisu, fejn japplika, kwalunkwe ammont irkuprat u kwalunkwe imgħax riċevut, u tad-dħul li jakkumula minn operazzjonijiet iffinanzjati taħt il-programm operattiv;
- (5) l-analiżi statistika ta' l-operazzjonijiet sottostanti tiġi rreġistrata fuq fajls tal-kompjuter u hija disponibbli għad-dipartimenti tal-Kummissjoni rilevanti meta tintalab.

¹ Indika l-istrument amministrattiv tal-ħatra skond l-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 b'kull referenza u bid-data.

² Id-data tar-referenza skond id-Deċiżjoni.

³ Ammont totali ta' l-infiq eliġibbli mħallas mill-benefiċjarji.

Skond l-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, id-dokumenti ta' appoġġ qegħdin u se jkomplu jkunu disponibbli għal mill-inqas tliet snin wara l-għeluq tal-programm operattiv mill-Kummissjoni (mingħajr preġudizzju għall-kondizzjonijiet speċjali stabbiliti fl-Artikolu 100(1) ta' dak ir-Regolament)

Data

		20...
--	--	-------

L-isem b'ittri kbar, it-timbru, il-
pożizzjoni u l-firma ta' l-awtorità kompetenti

Id-dikjarazzjoni tan-nefqa skond l-assi prijoritarju: Il-ħlas interim					
Ir-referenza tal-Programm Operattiv (Nru. CCI):					
L-isem tal-programm:					
Id-data ta' l-għeluq provviżorju tal-kontijiet: Id-data meta jimbagħtu lil-Kummissjoni:					
It-total tan-nefqa ċertifikata u eliġibbli mħallsa:					
	L-Assi Prijoritarju	Il-bażi biex tiġi kkalculata l-kontribuzzjoni Komunitarja (pubblika jew totali) ¹	L-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mħallsa mill-benefiċjarji	2007-2015	Il-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti
L-Assi Prijoritarju 1					
L-Assi Prijoritarju 1: Total					
L-Assi Prijoritarju 1: In-nefqa li hija relatata ma' l-operazzjonijiet li kienu soġġetti għal għeluq parzjali fil-31/12 (is-sena ta' l-ewwel għeluq parzjali)					
L-Assi Prijoritarju 1: In-nefqa li hija relatata ma' l-operazzjonijiet li kienu soġġetti għal għeluq parzjali fil-31/12 (is-sena tat-tieni għeluq parzjali)					
L-Assi Prijoritarju 2					
L-Assi Prijoritarju 2: Total					
L-Assi Prijoritarju 2: In-nefqa li hija relatata ma' l-operazzjonijiet li kienu soġġetti għal għeluq parzjali fil-31/12 (is-sena ta' l-ewwel għeluq parzjali)					
L-Assi Prijoritarju 2: In-nefqa li hija relatata ma' l-operazzjonijiet li kienu soġġetti għal għeluq parzjali fil-31/12					

¹ Din ir-rata ta' kofinanzjament u l-metodu għall-kalkolu tiegħu jinsabu fit-tabella finanzjarja tal-programm ta' ħidma għall-assi prijoritarja kkonċernata.

(is-sena tat-tieni għeluq parzjali)			
<u>L-Assi Prijoritarju 3</u>			
<u>L-Assi Prijoritarju 3: Total</u>			
L-Assi Prijoritarju 3: In-nefqa li hija relatata ma' l-operazzjonijiet li kienu soġġetti għal għeluq parzjali fil-31/12 (is-sena ta' l-ewwel għeluq parzjali)			
L-Assi Prijoritarju 3: In-nefqa li hija relatata ma' l-operazzjonijiet li kienu soġġetti għal għeluq parzjali fil-31/12 (is-sena tat-tieni għeluq parzjali)			
It-total għar-reġjuni li ma jirċevux appoġġ tranżitorju			
It-total għar-reġjuni li jirċievu appoġġ tranżitorju			
L-Għajjnuna teknika: Total			
L-Għajjnuna teknika: In-nefqa li hija relatata ma' l-operazzjonijiet li kienu soġġetti għal għeluq parzjali fil-31/12 (is-sena ta' l-ewwel għeluq parzjali)			
L-Għajjnuna teknika: In-nefqa li hija relatata ma' l-operazzjonijiet li kienu soġġetti għal għeluq parzjali fil-31/12 (is-sena tat-tieni għeluq parzjali)			
It-total għar-reġjuni li ma jirċevux appoġġ tranżitorju			
It-total għar-reġjuni li jirċievu appoġġ tranżitorju			
In-nefqa totali li hija relatata ma' l-operazzjonijiet li kienu soġġetti għal għeluq parzjali ²			
Is-somma finali			

² L-għeluq parzjali jikkonċerna l-operazzjonijiet li ntemmu sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel is-sena ta' l-għeluq parzjali. Il-lista ta' l-operazzjonijiet li kienu suġġetti għal għeluq parzjali titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni meta din tintalab.

NB: Jekk programm operattiv ikollu diversi għanijiet jew diversi Fondi, l-assi prijoritarju għandu jindika l-għan(jiet) u l-Fond (i) ikkonċernati.

L-analiżi statistika tan-nefqa ċertifikata u eliġibbli totali skond is-sena³

	L-ammonti tan-nefqa (f'euro)
Is-somma finali 2007-2015	
2007	
2008	
2009	
2010	
2011	
2012	
2013	
2014	
2015	

³ Skond is-sena: l-analiżi statistika li tissemma' f'din it-tabella għandha tikkorrispondi għall-flasjjiet li saru mill-benefiċjarji kkonċernati fis-sena kkonċernata. Fejn mhux possibbli li tistabblixxi din l-analiżi b'mod preċiż, għandha tingħata l-aħjar stima ta' l-analiżi.

APPLIKAZZJONI GĦALL-ĦLAS: Il-ħlas interim

L-isem tal-programm operattiv:

In-Nru ta' referenza tal-programm operattiv (CCI):

Il-Fond(i):

Skond l-Artikolu 61 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, jien, is-sottoskritt (l-isem b'ittri kbar, it-timbru, il-pożizzjoni u l-firma ta' l-awtorità kompetenti) b'dan nitlobok tħallas, bħala ħlas intermedjarju, is-somma ta':

F'EUR	L-Għan ta' Konverġenza	L-Għan Ewropew tal-Kompetittività u ta' l-Impjiegi	L-Għan tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea
L-ERDF			
L-ESF			
Il-Fond ta' Koeżjoni			

Din l-applikazzjoni hija ammissibbli għaliex:

	Ħassar kif xieraq
(a) matul il-perjodu kollu, għal kull assi prijoritarju, il-Kummissjoni ma ħallset xejn aktar mill-ammont massimu ta' għajna mill-Fondi kif kien stabbilit fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm operattiv.	
(b) l-awtorità ta' ġestjoni bagħtet lill-Kummissjoni l-aktar rapport annwali dwar l-implimentazzjoni reċenti skond l-Artikolu 67 (1) u (3).	<p>— <i>inbagħat mill-awtorità ta' ġestjoni fiż-żmien stabbilit</i></p> <p>— <i>mehmuż</i></p> <p>— <i>m'huwiex dovut</i></p>
(c) m'hemm l-ebda opinjoni raġunata min-naħa tal-Kummissjoni rigward ksur taħt l-Artikolu 226 tat-Trattat fir-rigward ta' l-operazzjoni(jiet) li għaliha(hom) tiġi ddikjarata n-nefqa fl-applikazzjoni għall-ħlas.	

Il-ħlas irid isir mill-Kummissjoni lill-korp maħtur mill-Istat Membru sabiex jagħmel il-ħlasijiet.

Il-Korp maħtur	
Il-Bank	
In-Nru tal-Kont Bankarju	
Id-Detentur tal-kont (meta ma jkunx l-istess bħall-korp maħtur)	

Data

		20...
--	--	-------

L-isem b'ittri kbar, it-timbru, il-pożizzjoni u l-firma ta' l-awtorità kompetenti

**IĊ-ĊERTIFIKAT U D-DIKJRAZZJONI TAN-NEFQA U L-APPLIKAZZJONI
GĦALL-ĦLAS FINALI**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

.....il-Fond jew il-Fondi konċernati

Iċ-ċertifikat u d-dikjarazzjoni tan-nefqa u l-applikazzjoni għall-ħlas

programm operattiv

L-isem tal-

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni

ta'

In-Nru ta' referenza (CCI) tal-Kummissjoni:

Ir-referenza Nazzjonali (jekk hemm)

IĊ-ĊERTIFIKAT

Jien, is-sottoskritt,
li nirrappreżenta l-awtorità ta' ċertifikazzjoni maħtura minn¹

b'dan niddikjara li n-nefqa kollha inkluża fid-dikjarazzjoni mehmuża hija konformi mal-kriterji ta' eliġibilità għan-nefqa li ġew stabbiliti fl-Artikolu 56 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u tħallset mill-benefiċjarji ma' l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet magħżulin taħt il-programm operattiv skond il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjonijiet pubbliċi taħt l-Artikolu 78(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006

wara²

		20...
--	--	-------

u tammonta għal:

euro ³	
-------------------	--

(ċifra eżatta sa żewġ postijiet deċimali)

Id-dikjarazzjoni tan-nefqa mehmuża, imqassma skond il-prijoritajiet, hija bbażata fuq kontijiet magħluqa fi:

		20...
--	--	-------

u jiffirma parti integrali minn dan iċ-ċertifikat

Jien niċċertifika wkoll li l-operazzjonijiet twettqu skond l-għanijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni u skond ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, u b'mod partikolari li:

- (1) in-nefqa ddikjarata hija konformi mar-regoli Komunitarji u nazzjonali applikabbli u li tħallset fejn għandhom x'jaqsmu l-operazzjonijiet magħżulin għal finanzjament skond il-kriterji li japplikaw għall-programm operattiv u r-regoli Komunitarji u nazzjonali applikabbli, b'mod partikolari:
 - Ir-regoli dwar l-għajnuna ta' l-Istat;
 - Ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku;
 - Ir-regoli dwar il-ġustifikazzjoni ta' l-avvanzi fil-qafas ta' l-għajnuna ta' l-Istat taħt l-Artikolu 87 tat-Trattat permezz tan-nefqa mħallsa mill-benefiċjarju fi ħdan skadenza ta' tliet snin;
 - L-ebda dikjarazzjoni tan-nefqa li tikkonċerna proġetti maġġuri li għadhom ma ġewx approvati mill-Kummissjoni;
- (2) id-dikjarazzjoni tan-nefqa hija eżatta, tirriżulta minn sistemi affidabbli ta' kontabilità u hija bbażata fuq dokumenti ta' appoġġ verifikabbli,
- (3) it-tranżazzjonijiet sottostanti huma skond il-liġi u jikkonformaw mar-regoli, u l-proċeduri ġew segwiti b'mod sodisfaċenti;
- (4) id-dikjarazzjoni tan-nefqa u l-applikazzjoni għall-ħlas jqisu, fejn japplika, kwalunkwe ammont irkuprat u kwalunkwe imgħax riċevut, u tad-dħul li jakkumula minn operazzjonijiet iffinanzjati taħt il-programm operattiv;
- (5) l-analiżi statistika ta' l-operazzjonijiet sottostanti tiġi rreġistrata fuq fajls tal-kompjuter u tkun għad-dispożizzjoni tad-dipartimenti tal-Kummissjoni rilevanti meta tintalab.

